# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 139

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

30 ta' Mejju 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014–2020** ........ 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/906 tad-29 ta' Mejju 2017 li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana** ........ 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/907 tad-29 ta' Mejju 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ........ 15

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/908 tal-11 ta' Mejju 2017 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Picodon (DOP)]** ........ 23

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/909 tal-11 ta' Mejju 2017 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Huile d'olive de Corse/Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica (DOP))** ........ 25

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/910 tal-11 ta' Mejju 2017 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Cornish Sardines (IĠP))** ........ 27

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/911 tal-24 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd** ........................................ 28

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/912 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 29024 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha** ([1]) ........................................ 30

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/913 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi tat-tjur kollha** ([1]) ........................................ 33

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/914 tad-29 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 36

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi** 38

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/916 tad-29 ta' Mejju 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana** ........................................ 49

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/917 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ........................................ 62

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/918 tat-23 ta' Mejju 2017 li tidentifika lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat** ........................................ 70

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/919 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1942 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment** ........................................ 78

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014–2020

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2017, wara li l-proċedura prevista fl-Artikolu 19.3 tal-Ftehim tlestiet fit-28 ta' April 2017.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/906

**tad-29 ta' Mejju 2017**

**li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 tal-10 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014.

(2) Fit-12 ta' Jannar 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit permezz tar-Riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-informazzjoni dwar għaxar persuni u żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 224/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 224/2014 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

([1]) ĠU L 70, 11.3.2014, p. 1.

*ANNESS*

L-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

"A. **Persuni**

1. **François Yangouvonda BOZIZÉ (psewdonimu: a) Bozize Yangouvonda)**

**Data tat-twelid**: 14 ta' Ottubru 1946.

**Post tat-twelid**: Mouila, il-Gabon.

**Ċittadinanza**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

**Indirizz**: L-Uganda.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 9 ta' Mejju 2014.

**Informazzjoni oħra:**

Ommu jisimha Martine Kofio. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5802796

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Bozize ġie elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 36 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali***

Bil-kollaborazzjoni tas-sostenituri tiegħu, Bozize ħeġġeġ l-attakk tal-5 ta' Diċembru 2013 fuq Bangui. Minn dakinhar, kompla jipprova jmexxi operazzjonijiet ta' destabilizzazzjoni sabiex jinżammu t-tensjonijiet fil-kapitali tar-RĊA. Ġie rappurtat li Bozize ħoloq il-grupp tal-milizzja anti-Balaka qabel ma ħarab mir-RĊA fl-24 ta' Marzu 2013. F'komunikat, Bozize ħeġġeġ lill-milizzja tiegħu biex tkompli bl-atroċitajiet kontra r-reġim attwali u l-Iżlamisti. Ġie rappurtat li Bozize pprovda appoġġ finanzjarju u materjali lill-ġellieda tal-milizzja li qed jaħdmu biex jiddestabilizzaw it-transizzjoni attwali u biex Bozize jerġa' jkun fil-poter. Il-parti l-kbira tal-anti-Balaka huma mill-Forzi Armati Ċentru-Afrikani li tferrxu fil-kampanja wara l-kolp ta' stat u sussegwentement ġew organizzati mill-ġdid minn Bozize. Bozize u s-sostenituri tiegħu jikkontrollaw aktar minn nofs l-unitajiet anti-Balaka.

Il-forzi leali lejn Bozize kienu armati b'azzarini tal-assalt, artillerija tal-murtali u rocket-launchers u qed jieħdu sehem dejjem aktar f'attakki ta' tpattija kontra l-popolazzjoni Musulmana tar-RĊA. Is-sitwazzjoni fir-RĊA ddeterjorat b'mod rapidu wara l-attakk tal-5 ta' Diċembru 2013 f'Bangui mill-forzi anti-Balaka meta nqatlu aktar minn 700 persuna.

2. **Nourredine ADAM (psewdonimu: a) Nureldine Adam; b) Nourreldine Adam; c) Nourreddine Adam; d) Mahamat Nouradine Adam)**

**Deżinjazzjoni**: a) Direttur Ġenerali tal-"Kumitat Straordinarju għad-Difiża tal-Kisbiet Demokratiċi"; b) Ministru għas-Sigurtà; c) Ġeneral.

**Data tat-twelid**: a) 1970 b) 1969 c) 1971 d) 1 ta' Jannar 1970.

**Post tat-twelid**: Ndele, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

**Ċittadinanza**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana. Nru tal-passaport: D00001184

**Indirizz**: Birao, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 9 ta' Mejju 2014

**Informazzjoni oħra:**

Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5802798

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nourredine ġie elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 36 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali***

Noureddine hu wieħed mill-mexxejja oriġinali tas-Seleka. Ġie identifikat kemm bħala Ġeneral kif ukoll bħala l-President ta' wieħed mill-gruppi ribelli armati tas-Seleka, il-PJCC Ċentrali, grupp formalment magħruf bħala l-Convention of Patriots for Justice and Peace u li l-akronimu tiegħu hu magħruf ukoll bħala CPJP. Bħala kap preċedenti tal-grupp "Fundamental" li nqata' mill-Convention of Patriots for Justice and Peace (CPJP/F), kien il-koordinatur militari tal-eks-Séléka waqt l-attakki fir-ribelljoni preċedenti fir-Repubblika Ċentru-Afrikana bejn il-bidu ta' Diċembru 2012 u Marzu 2013. Mingħajr l-għajnuna u r-relazzjoni mill-qrib ta' Noureddine mal-Forzi Speċjali taċ-Chad, x'aktarx li s-Seleka ma kienx jirnexxielhom jaħtfu l-poter mill-eks-President tar-RĊA Francois Bozize.

Sa mill-ħatra, bħala president interim, ta' Catherine Samba-Panza fl-20 ta' Jannar 2014, huwa kien wieħed mill-awturi ewlenin tal-irtirar tattiku tal-eks-Séléka f'Sibut bil-għan li jiġi implimentat il-pjan tiegħu li joħloq fortizza Musulmana fit-Tramuntana tal-pajjiż. Huwa kien ħeġġeġ biċ-ċar lill-forzi tiegħu biex jirreżistu l-ordnijiet tal-gvern transitorju u tal-mexxejja militari tal-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għar-Repubblika Ċentru-Afrikana taħt tmexxija Afrikana (MISCA). Noureddine jidderieġi attivament lill-eks-Seleka, il-forzi li kienu tas-Seleka li ntqal li ġew xolti minn Djotodia f'Settembru 2013, u jidderieġi operazzjonijiet kontra distretti Kristjani u jkompli jipprovdi appoġġ u direzzjoni sinifikanti lill-eks-Seleka li jaħdmu fir-RĊA.

Nourredine kien elenkat ukoll fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 37(b) tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala "involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jew il-liġi umanitarja internazzjonali, skont il-każ".

Wara li s-Séléka ħadet il-kontroll ta' Bangui fl-24 ta' Marzu 2013, Nourredine Adam inħatar Ministru tas-Sigurtà, imbagħad Direttur Ġenerali tal-"Kumitat Straordinarju għad-Difiża tal-Kisbiet Demokratiċi" (*Comité extraordinaire de défense des acquis démocratiques — CEDAD*, servizz ta' intelligence tar-RĊA li ma għadux jeżisti). Nourredine Adam uża s-CEDAD bħala l-pulizija politika personali tiegħu, li permezz tagħha wettaq bosta arresti arbitrarji, atti ta' tortura u eżekuzzjonijiet sommarji. Barra minn dan, Noureddine kien wieħed mill-figuri ċentrali wara l-operazzjoni mdemmija f'Boy Rabe. F'Awwissu 2013, il-forzi tas-Seleka attakkaw Boy Rabe, distrett tar-RĊA meqjus bħala fortizza tas-sostenituri ta' Francois Bozize u l-grupp etniku tiegħu. Bl-iskuża li jfittxu armi moħbija, ġie rrappurtat li t-truppi tas-Seleka qatlu għexieren ta' ċittadini ċivili u nfexxew jisirqu kull ma sabu. Meta dawn l-attakki nfirxu għal żoni oħra, eluf ta' residenti invadew l-ajruport internazzjonali, li kien meqjus bħala post sigur minħabba l-preżenza ta' truppi Franċiżi, u okkupaw ir-runway tiegħu.

Nourredine kien ukoll elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 37(d) tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ipprovda appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali".

Lejn il-bidu tal-2013, Nourredine Adam qeda rwol importanti fin-netwerks ta' finanzjament tal-eks-Séléka. Ivvjaġġa fl-Arabja Sawdija, il-Qatar u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għar-ribelljoni preċedenti. Ħadem ukoll bħala faċilitatur għal ċirku Chadjan ta' traffikanti ta' djamanti li jopera bejn ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u ċ-Chad.

4. **Alfred YEKATOM (psewdonimu: a) Alfred Yekatom Saragba b) Aifred Ekatom c) Alfred Saragba d) Colonel Rombhot e) Colonel Rambo f) Colonel Rambot g) Colonel Rombot h) Colonel Romboh)**

**Deżinjazzjoni**: Kap Kapural tal-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA)

**Data tat-twelid**: 23 ta' Ġunju 1976

**Post tat-twelid**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Ċittadinanza**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Indirizz**: a) Mbaiki, Provinċja ta' Lobaye, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. +236 72 15 47 07/ +236 75 09 43 41) b) Bimbo, Provinċja ta' Ombella-Mpoko, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (post preċedenti)

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:**

Ikkontrolla u kien il-kmandant ta' grupp kbir ta' membri rġiel tal-milizzja armata. Isem il-missier (missier adottiv) huwa Ekatom Saragba (spellut ukoll Yekatom Saragba). Ħu Yves Saragba, Kmandant tal-milizzji anti-Balaka f'Batalimo, provinċja ta' Lobaye, u eks-suldat tal-FACA. Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: iswed; kulur tax-xagħar: fartas; karnaġġjon: iswed; tul: 170 ċm; piż 100kg. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5891143

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Alfred Yekatom ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Alfred Yekatom, magħruf ukoll bħala Colonel Rombhot, huwa mexxej tal-milizzja ta' fazzjon tal-moviment tal-milizzji anti-Balaka, magħruf bħala "anti-Balaka from the South". Huwa kien jokkupa l-kariga ta' Kap Kapural fil-*Forces Armées Centrafricaines* (FACA — forzi armati tar-Repubblika Ċentru-Afrikana).

Yekatom kien involut fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, inkluż atti li jheddu l-ftehimiet transitorji, u li jheddu l-proċess ta' transizzjoni politika. Yekatom kien jikkontrolla u kien il-kmandant ta' grupp kbir ta' membri rġiel tal-milizzja armata bi preżenza fil-viċinat ta' PK9 f'Bangui, u fil-bliet ta' Bimbo (Provinċja Ombella-Mpoko) Cekia, Pissa, u Mbaïki (il-kapitali tal-Provinċja Lobaye), u kien stabbilixxa l-kwartieri ġenerali tiegħu f'konċessjoni forestali f'Batalimo.

Yekatom kellu kontroll dirett ta' tużżana punti ta' kontroll magħmulin minn medja ta' għaxar membri rġiel tal-milizzja armata lebsin l-uniformi tal-armata u jġorru l-armi, inkluż azzarini tal-assalt militari, mill-pont prinċipali bejn Bimbo u Bangui sa Mbaïki (Provinċja ta' Lobaye) u minn Pissa sa Batalimo (ħdejn il-fruntiera mar-Repubblika tal-Kongo), fejn kien jiġbor taxxi mhux awtorizzati minn vetturi u muturi privati, vannijiet tal-passiġġieri u trakkijiet li jesportaw riżorsi tal-foresti lejn il-Kamerun u ċ-Chad, iżda wkoll minn dgħajjes li jbaħħru fuq ix-xmara Oubangui. Yekatom ġie osservat jiġbor personalment parti minn dawn it-taxxi mhux awtorizzati. Yekatom u l-milizzja tiegħu wkoll ġew allegatament irrapurtati li qatlu ċivili.

5. **Habib SOUSSOU (psewdonimu: Soussou Abib)**

**Deżinjazzjoni**: a) Koordinatur ta' milizzji anti-Balaka għall-Provinċja ta' Lobaye b) Kapural tal-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA)

**Data tat-twelid**: 13 ta' Marzu 1980

**Post tat-twelid**: Boda, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Ċittadinanza**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Indirizz**: Boda, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. + 236 72198628)

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:**

Maħtur bħala kmandant taż-żona (COMZONE) ta' Boda fil-11 ta' April 2014 u fit-28 ta' Ġunju 2014, għall-Provinċja kollha ta' Lobaye. Taħt il-kmand tiegħu, baqgħu jseħħu qtil immirat, ġlied u attakki kontra l-organizzazzjonijiet umanitarji u l-ħaddiema umanitarji. Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: kannella; kulur tax-xagħar: iswed; tul: 160 ċm; piż: 60 kg. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5891199

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Habib Soussou ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafi 11 u 12 (b) u (e) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza"; "involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li tikkostitwixxi abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, fil-mira taċ-ċivili, attakki abbażi ta' etnika jew reliġjon, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u ħtif u spustament furzat" u; "li jostakola l-għoti ta' assistenza umanitarja lir-RĊA, jew l-aċċess għal, jew id-distribuzzjoni ta' assistenza umanitarja fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Habib Soussou ġie maħtur bħala kmandant taż-żona tal-milizzji anti-Balaka (COMZONE) ta' Boda fil-11 ta' April 2014, u huwa sostna li huwa kien għalhekk responsabbli għas-sitwazzjoni ta' sigurtà fis-*sous-préfecture*. Fit-28 ta' Ġunju 2014, il-koordinatur ġenerali ta' milizzji anti-Balaka, Patrice Edouard Ngaïssona ħatar lil Habib Soussou bħala koordinatur provinċjali għall-belt ta' Boda mill-11 ta' April 2014 u mit-28 ta' Ġunju 2014 għall-provinċja kollha ta' Lobaye. Qtil immirat, ġlied u attakki minn milizzji anti-Balaka f'Boda kontra l-organizzazzjonijiet umanitarji u ħaddiema umanitarji li seħħew fuq bażi ta' kull ġimgħa f'oqsma li għalihom Soussou huwa l-kmandant jew il-koordinatur tal-milizzji anti-Balaka. Soussous u l-forzi tal-milizzji anti-Balaka f'dawn iż-żoni laqtu u heddew ukoll li jolqtu persuni ċivili.

6. **Oumar YOUNOUS ABDOULAY (psewdonimu: (a) Oumar Younous; (b) Omar Younous; (c) Oumar Sodiam; (d) Oumar Younous M'Betibangui).**

**Deżinjazzjoni**: Eks-ġeneral tas-Séléka.

**Data tat-twelid**: 2 ta' April 1970.

**Ċittadinanza**: Is-Sudan, Passaport diplomatiku tar-RĊA bin-numru D 00000898, maħruġ fil-11 ta' April 2013, (validu sal-10 ta' April 2018).

**Indirizz**: (a) Bria, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. +236 75507560); (b) Birao, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; (c) Tullus, in-nofsinhar ta' Darfur, Sudan (post preċedenti).

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:**

huwa traffikant tad-djamanti u ġeneral bi tliet stilel tas-Séléka u persuna ta' fiduċja tal-eks-president interim tar-RĊA, Michel Djotodia. Deskrizzjoni fiżika: kulur tax-xagħar: iswed; tul: 180cm; jagħmel parti mill-grupp etniku ta' Fulani. Ritratt disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Rappurtat mejjet fil-11 ta' Ottubru 2015. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5903116

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Oumar Younous ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont mal-paragrafi 11 u 12(d) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza"; u "li jipprovdu appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, u l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Oumar Younous, bħala Ġeneral tal-eks-Séléka u kuntrabandist tad-djamanti, ta appoġġ lil grupp armat permezz tal-isfruttament illeċitu u l-kummerċ tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

F'Ottubru 2008, Oumar Younous, eks-xufier għall-istabbiliment tax-xiri ta' djamanti Sodiam, ingħaqad mal-grupp tar-ribelli *Mouvement des Libérateurs Centrafricains pour la Justice* (MLCJ). F'Diċembru 2013, Oumar Younous ġie identifikat bħala ġeneral bi tliet stilel tas-Séléka u persuna ta' fiduċja tal-president interim, Michel Djotodia.

Younous huwa involut fil-kummerċ tad-djamanti minn Bria u Sam Ouandja lejn is-Sudan. Sorsi rrappurtaw li Oumar Younous kien involut fil-ġbir ta' pakketti tad-djamanti moħbija fi Bria, u kien jieħodhom is-Sudan biex jinbigħu.

7. **Haroun GAYE (psewdonimu: (a) Haroun Geye; (b) Aroun Gaye; (c) Aroun Geye).**

**Deżinjazzjoni**: Relatur tal-koordinazzjoni politika tal-*Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique* (FPRC).

**Data tat-twelid**: (a) 30 ta' Jannar 1968; (b) 30 ta' Jannar 1969.

**Nru tal-passaport**: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana numru O 00065772 (Ittra O segwita bi 3 żerijiet), jiskadi fit-30 ta' Diċembru 2019.

**Indirizz**: Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 17 ta' Diċembru 2015.

**Informazzjoni oħra:**

Gaye huwa mexxej tal-Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique (FPRC) (mhux elenkat), grupp armat emarġinat tal-eks-Seleka f'Bangui. Huwa wkoll mexxej tal-hekk imsejjaħ "Kumitat għad-Difiża" tal-PK5 f'Bangui (magħruf bħala PK5 Resistance jew 'Texas') (mhux elenkati), li jikseb flus mir-residenti u jhedded u juża l-vjolenza fiżika. Fit-2 ta' Novembru 2014 Gaye ġie maħtur minn Nourredine Adam (CFi.002) bħala relatur tal-koordinazzjoni politika tal-FPRC. Fid-9 ta' Mejju 2014, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit bir-Riżoluzzjoni 2127 (2013) dwar ir-RĊA inkluda lil Adam fuq il-lista tas-sanzjonijiet tiegħu. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5915753

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Haroun Gaye ġie elenkat fis-17 ta' Diċembru 2015 skont il-paragrafi 11 u 12(b) u (f) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; u "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar, jew it-twettiq ta' attakki kontra l-missjonijiet tan-NU jew tal-preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-Minusca, il-missjonijiet tal-Unjoni u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom".

***Informazzjoni addizzjonali:***

HAROUN GAYE ilu, mill-bidu tal-2014, wieħed mill-mexxejja ta' grupp armat li jopera fil-viċinat tal-PK5 f'Bangui. Ir-rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili fil-viċinat tal-PK5 jiddikjaraw li Gaye u l-grupp armat tiegħu qed jalimentaw il-konflitt f'Bangui, u dan jopponi r-rikonċiljazzjoni u jipprevjeni ċ-ċaqliq tal-popolazzjoni lejn it-tielet distrett ta' Bangui u l-ħruġ minnu. Fil-11 ta' Mejju 2015, Gaye u 300 dimostrant imblukkaw l-aċċess għall-Kunsill Transizzjonali Nazzjonali biex ifixklu l-aħħar jum tal-Forum ta' Bangui. GAYE ġie rrappurtat li kkollabora mal-uffiċjali tal-moviment anti-Balaka biex jikkoordina t-tfixkil.

Fis-26 ta' Ġunju 2015, Gaye u kontinġent żgħir qrib tiegħu xekklu l-ftuħ tal-eżerċizzju ta' inkoraġġiment tar-reġistrazzjoni tal-votanti fil-viċinat tal-PK5 f'Bangui, u dan wassal biex jingħalaq l-eżerċizzju ta' inkoraġġiment tar-reġistrazzjoni.

Il-Minusca għamlet tentattiv biex tarresta lil Gaye fit-2 ta' Awwissu 2015, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 32(f)(i) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2217 (2015). Gaye, li allegatament ġie informat bit-tentattiv ta' arrest minn qabel, kien lest għalihom flimkien mal-partitarji armati b'armi tqal. Il-forzi ta' Gaye fetħu n-nar fuq it-Task Force Konġunta tal-Minusca. Fi ġlieda bl-armi tan-nar li damet għaddejja seba' sigħat, l-irġiel ta' Gaye għamlu użu minn armi tan-nar, dawk bi propulsjoni permezz ta' rokit u hand grenades kontra t-truppi tal-Minusca u qatlu membru wieħed tal-persunal għaż-żamma tal-paċi u darbu tmien persuni. Gaye kien involut fl-inkoraġġiment ta' protesti u taqbidiet vjolenti lejn l-aħħar ta' Settembru 2015 f'dak li jidher li kien attentat ta' kolp ta' stat biex iwaqqa' l-Gvern Transizzjonali. L-attentat ta' kolp ta' stat x'aktarx kien immexxi mill-partitarji tal-eks-President Bozize f'alleanza ta' konvenjenza ma' Gaye u mexxejja oħra tal-FPRC. Jidher li Gaye kellu l-għan li joħloq ċiklu ta' attakki ta' ritaljazzjoni li kienu ser ikunu ta' theddida għall-elezzjonijiet li jmiss. Gaye kien responsabbli għall-koordinazzjoni mal-elementi emarġinati tal-moviment anti-Balaka.

Fl-1 ta' Ottubru 2015, saret laqgħa fil-viċinat tal-PK5 bejn Eugène Barret Ngaïkosset, membru ta' grupp emarġinat tal-moviment anti-Balaka u Gaye, bil-għan li jippjanaw attakk konġunt fuq Bangui nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru. Il-grupp ta' Gaye ma ħallewx lill-persuni li kienu jinsabu ġewwa d-distrett tal-PK5 jitilqu minnu, sabiex tissaħħaħ l-identità komunali tal-popolazzjoni Musulmana bil-għan li jiżdiedu t-tensjonijiet interetniċi u tiġi evitata r-rikonċiljazzjoni. Fis-26 ta' Ottubru 2015, Gaye u l-grupp tiegħu interrompew laqgħa bejn l-Arċisqof ta' Bangui u l-Imam tal-Moskea Ċentrali ta' Bangui, u heddew lid-delegazzjoni li kellha tirtira mill-Moskea Ċentrali u taħrab mid-distrett tal-PK5.

8. **Eugène BARRET NGAÏKOSSET (psewdonimu: (a) Eugene Ngaikosset; (b) Eugene Ngaikoisset; (c) Eugene Ngakosset; (d) Eugene Barret Ngaikosse; (e) Eugene Ngaikouesset; (f) 'The Butcher of Paoua'; (g) Ngakosset)**

**Deżinjazzjoni**: (a) eks-Kaptan, Gwardja Presidenzjali tar-RĊA; (b) eks-Kaptan, Forzi Navali tar-RĊA.

**Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Numru ta' identifikazzjoni militari tal-forzi armati tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (FACA) 911-10-77.

**Indirizz**: (a) Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 17 ta' Diċembru 2015.

**Informazzjoni oħra:**

Il-Kaptan Eugène Barret Ngaïkosset huwa eks-membru tal-gwardja presidenzjali tal-eks-President François Bozizé u huwa assoċjat mal-moviment anti-Balaka. Huwa ħarab mill-ħabs fis-17 ta' Mejju 2015 wara l-estradizzjoni tiegħu minn Brazzaville u ħoloq il-fazzjoni proprja tiegħu tal-moviment anti-Balaka bl-inklużjoni ta' eks-ġellieda tal-FACA.

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Eugène Barret Ngaïkosset ġie elenkat fis-17 ta' Diċembru 2015 skont il-paragrafi 11 u 12(b) u (f) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "kien involut fl-ippjanar, it-tmexxija jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, immirar ta' persuni ċivili, attakki abbażi ta' etniċità jew reliġjon, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u sekwestru u spostament furzat"; u "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar, jew it-twettiq ta' attakki kontra l-missjonijiet tan-NU jew tal-preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-Minusca, il-missjonijiet tal-Unjoni u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Ngaïkosset huwa wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għat-twettiq tal-vjolenza li faqqgħet f'Bangui lejn l-aħħar ta' Settembru 2015. Ngaïkosset u membri oħrajn tal-moviment anti-Balaka ħadmu flimkien mal-membri emarġinati tal-eks-Séléka fi sforz biex jiddestabbilizzaw il-Gvern Transizzjonali tar-RĊA. Fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 2015, Ngaïkosset u persuni oħra għamlu tentattiv ta' attakk bla suċċess fuq il-kamp tal-ġendarmerija "Izamo" sabiex jisirqu armi u munizzjon. Fit-28 ta' Settembru, il-grupp iċċirkonda l-uffiċċji tar-radju nazzjonali tar-RĊA.

Fl-1 ta' Ottubru 2015, saret laqgħa fil-viċinat tal-PK5 bejn Ngaïkosset u Haroun Gaye, mexxej tal-*Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique* (FPRC), bil-għan li jippjanaw attakk konġunt fuq Bangui nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru.

Fit-8 ta' Ottubru 2015, il-Ministru għall-Ġustizzja tar-RĊA ħabbar pjanijiet sabiex jinvestiga lil Ngaïkosset u individwi oħra għar-rwoli tagħhom fil-vjolenza f'Bangui f'Settembru 2015. Ngaïkosset u l-oħrajn issemmew li kienu involuti f'"imġiba flagranti li tikkostitwixxi ksur tas-sigurtà interna tal-istat, konfoffa, inċitament għal gwerra ċivili, diżubbidjenza ċivili, mibegħda u kompliċità". L-awtoritajiet legali tar-RĊA ngħataw struzzjoni biex jifthu investigazzjoni biex ifittxu u jarrestaw lill-awturi u l-kompliċi tagħhom.

Fil-11 ta' Ottubru 2015, Ngaïkosset huwa maħsub li talab lill-milizzja anti-Balaka taħt il-kmand tiegħu biex twettaq sekwestri ta' persuni, b'enfasi partikolari fuq ċittadini Franċiżi, iżda wkoll personaġġi politiċi tar-RĊA u uffiċjali tan-NU, bil-għan li tisforza lill-President Transizzjonali, is-Sinjura Catherine Samba-Panza biex titlaq.

9. **Joseph KONY (Psewdonimu: a) Kony b) Joseph Rao Kony c) Josef Kony d) Le Messie sanglant)**

**Deżinjazzjoni**: Kmandant tal-Lord's Resistance Army

**Data tat-twelid**: a) 1959 b) 1960 c) 1961 d) 1963 e) 18 Sett. 1964 f) 1965 g) (Aww. 1961) h) (Lul. 1961) i) 1 Jan. 1961 j) (Apr. 1963)

**Post tat-twelid**: a) Villaġġ Palaro, Parroċċa Palaro, Kontea Omoro, Distrett Gulu, Uganda b) Odek, Omoro, Gulu, Uganda c) Atyak, Uganda

**Ċittadinanza**: Passaport Ugandiż

**Indirizz**: a) Vakaga, Repubblika Ċentru-Afrikana b) Haute-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana c) Basse-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana d) Haut-Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana e) Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana f) Haut-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo g) Bas-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo h) (Indirizz iddikjarat: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat). F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.)

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 7 ta' Marzu 2016.

**Informazzjoni oħra:**

Kony huwa l-fundatur u l-mexxej tal-Lord's Resistance Army (LRA) (CFe.002). Taħt it-tmexxija tiegħu, l-LRA kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. L-LRA hija responsabbli għall-ħtif, l-ispostament, it-twettiq ta' vjolenza sesswali kontra, u l-qtil ta' mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Isem il-missier huwa Luizi Obol. Isem l-omm huwa Nora Obol. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5932340

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Joseph Kony ġie elenkat fis-7 ta' Marzu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (b), (c), u (d) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ha sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; "li jirrekluta jew juża tfal f'konflitti armati fir-RĊA, bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli"; u "li pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Kony waqqaf il-Lord's Resistance Army (LRA) u ġie deskritt bħala l-fundatur, il-mexxej reliġjuż, il-president, u l-kap kmandant tal-grupp. L-LRA feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet, u kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. Taħt pressjoni militari dejjem tiżdied, Kony ordna lil-LRA biex tirtira mill-Uganda fl-2005 u l-2006. Minn dak iż-żmien, l-LRA qed topera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-RĊA, is-Sudan t'Isfel u allegatament is-Sudan.

Kony, bħala l-mexxej tal-LRA, ifassal u jimplimenta l-istrateġija tal-LRA, inkluż ordnijiet permanenti biex jiġu attakkati u ttrattati b'mod vjolenti l-popolazzjonijiet ċivili. Minn Diċembru 2013, l-LRA taħt it-tmexxija ta' Joseph Kony ħatfet, spostat, wettqet vjolenza sesswali kontra, u qatlet mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Ikkonċentrata fil-Lvant tar-RĊA u allegatament f'Kafia Kingi, territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi deċiż iżda kkontrollat mill-militar tas-Sudan, l-LRA tattakka villaġġi biex tisraq l-ikel u l-provvisti. Il-ġellieda jwettqu imbuskati biex jattakkaw lill-forzi tas-sigurtà u jisirqu t-tagħmir tagħhom meta dawn jirrispondu għall-attakki tal-LRA, u l-ġellieda tal-LRA jimmiraw u jisirqu wkoll villaġġi li m'għandhomx preżenza militari. L-LRA intensifikat ukoll l-attakki fuq siti ta' minjieri tad-deheb u d-djamanti.

Kony huwa soġġett għal mandat ta' arrest maħruġ mill-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Qorti Kriminali Internazzjonali akkużatu b'tnax-il akkuża ta' reati kontra l-umanità inkluż qtil, skjavitù, skjavitù sesswali, stupru, atti inumani li jikkawżaw korriment serju u tbatija, u wieħed u għoxrin akkuża ta' delitti tal-gwerra, inkluż il-qtil, it-trattament krudil ta' persuni ċivili, l-attakk dirett b'mod intenzjonali kontra popolazzjoni ċivili, is-sakkeġġ, l-inċitament għall-istupru u l-ingaġġar, permezz tas-sekwestru, ta' tfal taħt il-ħmistax-il sena.

Kony ħareġ ordnijiet permanenti biex ġellieda ribelli jisirqu d-djamanti u d-deheb minn minaturi artiġjanali fil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana. Allegatament, uħud mill-minerali mbagħad jiġu ttrasportati mill-grupp ta' Kony lejn is-Sudan, jew jiġu nnegozjati ma' ċittadini lokali u membri ta' dik li kienet is-Séléka.

Kony ta wkoll struzzjonijiet lill-ġellieda tiegħu biex jikkaċċaw illegalment iljunfanti fil-Park Nazzjonali ta' Garamba fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, minn fejn allegatament jiġu ttrasportati n-nejbiet tal-iljunfanti mil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana lejn is-Sudan, fejn uffiċjali għolja tal-LRA allegatament ibigħu u jinnegozjaw ma' negozjanti Sudaniżi u uffiċjali lokali. Il-kummerċ tal-avorju jirrappreżenta sors ta' dħul sinifikanti għall-grupp ta' Kony. F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.

10. **Ali KONY (Psewdonimu: a) Ali Lalobo b) Ali Mohammad Labolo c) Ali Mohammed d) Ali Mohammed Lalobo e) Ali Mohammed Kony f) Ali Mohammed Labola g) Ali Mohammed Salongo h) Ali Bashir Lalobo i) Ali Lalobo Bashir j) Otim Kapere k) "Bashir" l) "Caesar" m) "One-P" n) "1-P"**

**Deżinjazzjoni**: Viċi, Lord's Resistance Army

**Data tat-twelid**: a) 1994 b) 1993 c) 1995 d) 1992

**Indirizz**: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat).

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 23 ta' Awwissu 2016.

**Informazzjoni oħra:**

Ali Kony huwa viċi fil-Lord's Resistance Army (LRA), entità ddeżinjata, u iben il-mexxej tal-LRA Joseph Kony, individwu ddeżinjat. Ali kien inkorporat fil-ġerarkija ta' tmexxija tal-LRA fl-2010. Huwa jagħmel parti mill-grupp ta' uffiċjali għolja tal-LRA li huma bbażati ma' Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5971056

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ali Kony ġie elenkat fit-23 ta' Awwissu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (d) u (g) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li jipprovdi appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA"; "li hu mexxej ta' entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016) jew li pprovda appoġġ għal, jew aġixxa għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', individwu jew entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016), jew entità li tkun il-proprjetà ta' jew ikkontrollata minn individwu jew entità ddeżinjata".

Ali Kony huwa meqjus bħala suċċessur potenzjali ta' Joseph Kony bħala l-mexxej tal-LRA. Ali huwa dejjem aktar involut fl-ippjanar operazzjonali tal-LRA u huwa meqjus bħala l-aċċess għal Joseph Kony. Ali huwa wkoll uffiċjal tal-intelligence tal-LRA u għandu sa 10 uffiċjali taħtu.

Ali u ħuh Salim Kony kienu t-tnejn responsabbli għall-infurzar tad-dixxiplina fi ħdan l-LRA. Iż-żewġt aħwa huma magħrufa li huma parti miċ-ċirku intern ta' tmexxija ta' Joseph Kony, responsabbli mit-twettiq tal-ordnijiet ta' Kony. It-tnejn li huma ħadu deċiżjonijiet dixxiplinarji li jikkastigaw jew joqtlu membri tal-LRA li ma obdewx ir-regoli tal-LRA. Fuq ordnijiet ta' Joseph Kony, Salim u Ali huma involuti fit-traffikar tal-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), li jgħaddi mir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) għar-reġjun ikkontestat ta' Kafia Kingi għall-bejgħ jew kummerċ ma' negozjanti lokali.

Ali Kony huwa responsabbli biex jinnegozja l-prezzijiet tal-avorju u t-tpartit tal-avorju man-negozjanti. Ali jiltaqa' darba jew darbtejn fix-xahar ma' negozjanti biex jinnegozja l-prezz tal-avorju tal-LRA f'dollari Amerikani jew liri Sudaniżi, jew biex ipartat ma' armi, munizzjon, u ikel. Joseph Kony ordna lil Ali biex juża l-akbar nejbiet tal-iljunfanti għax-xiri ta' mini kontra l-persuni biex jiċċirkondaw il-kamp ta' Kony. F'Lulju 2014, Ali Kony mexxa l-operazzjoni għall-ġarr ta' 52 biċċa tal-avorju biex waslu għand Joseph Kony u finalment inbiegħu.

F'April 2015, Salim telaq minn Kafia Kingi biex iġib kunsinna ta' nejbiet tal-iljunfanti. F'Mejju, Salim ħa sehem fil-ġarr ta' 20 biċċa tal-avorju mir-RDK għal Kafia Kingi. F'dak l-istess żmien, Ali ltaqa' man-negozjanti biex jixtri provvisti u jippjana laqgħa fil-futur biex iwettaq aktar tranżazzjonijiet u jiftiehem dwar il-kondizzjonijiet ta' xiri f'isem l-LRA għal dak li kien stmat li kien l-avorju li Salim kien qed jeskorta.

11. **Salim KONY (Psewdonimu: a) Salim Saleh Kony b) Salim Saleh c) Salim Ogaro d) Okolu Salim e) Salim Saleh Obol Ogaro f) Simon Salim Obol)**

**Deżinjazzjoni**: Viċi, Lord's Resistance Army

**Data tat-twelid**: a) 1992 b) 1991 c) 1993

**Indirizz**: a) Kafia Kingi, (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat) b) ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 23 ta' Awwissu 2016

**Informazzjoni oħra:**

Salim Kony huwa viċi fl-Lord's Resistance Army (LRA), entità ddeżinjata, u iben il-mexxej tal-LRA Joseph Kony, individwu ddeżinjat. Salim kien inkorporat fil-ġerarkija ta' tmexxija tal-LRA fl-2010. Huwa jagħmel parti mill-grupp ta' uffiċjali għolja tal-LRA li huma bbażati ma' Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5971058

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Salim Kony ġie elenkat fit-23 ta' Awwissu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (d) u (g) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li jipprovdi appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA"; "li hu mexxej ta' entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016)jew li pprovda appoġġ għal, jew aġixxa għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', individwu jew entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016), jew entità li tkun il-proprjetà ta' jew ikkontrollata minn individwu jew entità ddeżinjata".

Salim Kony huwa l-Kap Kmandant tal-"kwartieri ġenerali" tal-LRA u b'mod konġunt ippjana attakki tal-LRA u miżuri difensivi ma' Joseph Kony sa minn età bikrija. Preċedentement, Salim mexxa grupp li jipprovdi s-sigurtà għal Joseph Kony. Aktar reċentement, Joseph Kony inkariga lil Salim bil-ġestjoni tan-netwerks finanzjarji u loġistiċi tal-LRA.

Salim u ħuh Ali Kony kienu t-tnejn responsabbli għall-infurzar tad-dixxiplina fi ħdan l-LRA. Iż-żewġt aħwa huma magħrufa li huma membri taċ-ċirku intern ta' tmexxija ta' Joseph Kony, li huma responsabbli mit-twettiq tal-ordnijiet ta' Joseph Kony. It-tnejn li huma ħadu deċiżjonijiet dixxiplinarji li jikkastigaw jew joqtlu membri tal-LRA li ma obdewx ir-regoli tal-LRA. Salim huwa rrapportat li qatel membri tal-LRA li kellhom l-intenzjoni jiddiżertaw, u rrapporta l-attivitajiet tal-grupp u tal-membri lil Joseph Kony.

Fuq ordnijiet ta' Joseph Kony, Salim u Ali huma involuti fit-traffikar tal-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), li jgħaddi mir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) għar-reġjun ikkontestat ta' Kafia Kingi għall-bejgħ jew kummerċ ma' negozjanti lokali.

Salim spiss jibgħat fil-fruntiera tal-RĊA madwar tużżana ġellieda biex jiltaqgħu u jeskortaw gruppi oħra tal-LRA li jġorru l-avorju lejn it-Tramuntana minn Garamba. F'April 2015, Salim telaq minn Kafia Kingi biex iġib kunsinna ta' nejbiet tal-iljunfanti. F'Mejju, Salim ħa sehem fil-ġarr ta' għoxrin biċċa tal-avorju mir-RDK għal Kafia Kingi.

Preċedentement, f'Ġunju 2014, Salim qasam lejn ir-RDK ma' grupp ta' ġellieda tal-LRA biex jikkaċċaw illegalment iljunfanti f'Garamba. Joseph Kony kien inkariga wkoll lil Salim bl-iskortar ta' żewġ kmandanti tal-LRA lejn Garamba biex isibu avorju li ġie moħbi hemmhekk snin qabel. F'Lulju 2014, Salim iltaqa' mat-tieni grupp tal-LRA biex jittrasportaw l-avorju, b'kollox 52 biċċa, lejn Kafia Kingi. Salim kien responsabbli għal rendikont dwar l-avorju lil Joseph Kony u biex jgħaddi informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-avorju lil gruppi tal-LRA.

B. **Entitajiet**

1. **BUREAU D'ACHAT DE DIAMANT EN CENTRAFRIQUE/KARDIAM (*Psewdonimu*: a) BADICA/KRDIAM b) KARDIAM)**

**Indirizz**: a) BP 333 Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. + 32 3 2310521, Fax. +32 3 2331839, posta elettronika: kardiam.bvba@skynet.be, sit web: www.groupeabdoulkarim.com) b) Antwerp, il-Belġju

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:**

Immexxi minn Abdoul-Karim Dan-Azoumi, mit-12 ta' Diċembru 1986 u minn Aboubakar Mahamat, mill-1 ta' Jannar 2005. Il-fergħat jinkludu MINAiR, u SOFIA TP (Douala, il-Kamerun). Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/une/5891200

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Bureau d'achat de Diamant en Centrafrique/KARDIAM ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafu 12(d) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar illegali u l-kummerċ ta' riżorsi naturali bħad-djamanti, id-deheb, kif ukoll l-annimali selvaġġi u l-prodotti tagħhom, fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

BADICA/KARDIAM ipprovda appoġġ lil gruppi armati fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, jiġifieri dawk li kienu tas-Séléka u tal-milizzji anti-Balaka, permezz tal-isfruttar illeċitu u l-kummerċ tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti u d-deheb.

Il-*Bureau d'Achat de Diamant en Centrafrique* (BADICA) fl-2014 kompla jixtri djamanti minn Bria u Sam-Ouandja (Provinċja ta' Haute Kotto) fil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, fejn il-forzi preċedenti tas-Séléka jimponu taxxi fuq inġenji tal-ajru li jittrasportaw djamanti u jirċievu ħlas għas-sigurtà minn kollezzjonisti tad-djamanti. Ħafna mill-kollezzjonisti forrnituri ta' BADICA fi Bria u Sam-Ouandja huma assoċjati mill-qrib ma' eks-kmandanti tas-Séléka.

F'Mejju 2014, l-awtoritajiet Belġjani żammew żewġ pakketti tad-djamanti mibgħuta lir-rappreżentanza ta' BADICA f'Antwerp, li hija rreġistrata uffiċjalment fil-Belġju bħala KARDIAM. Esperti tad-djamanti kkonkludew li d-djamanti miżmuma wisq probabbli kienu ta' oriġini Ċentru-Afrikana, u li kellhom karatteristiċi tipikament ta' Sam-Ouandja u Bria, kif ukoll Nola (Provinċja ta' Sangha Mbaéré), fil-Lbiċ tal-pajjiż.

In-negozjanti li kienu jixtru djamanti traffikati illegalment mir-Repubblika Ċentru-Afrikana lejn swieq barranin, inkluż mill-parti tal-Punent tal-pajjiż, operaw fil-Kamerun f'isem BADICA.

F'Mejju 2014, BADICA esporta wkoll deheb minn Yaloké (Ombella-Mpoko), fejn il-minjieri tad-deheb artiġjanali waqgħu taħt il-kontroll tas-Séléka sal-bidu ta' Frar 2014, meta l-gruppi anti-Balaka ħaduhom f'idejhom.

2. **LORD'S RESISTANCE ARMY (Psewdonimu: a) LRA b) Lord's Resistance Movement (LRM) c) Lord's Resistance Movement/Army (LRM/A)**

**Indirizz**: a) Vakaga, Repubblika Ċentru-Afrikana b) Haute-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana c) Basse-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana d) Haut-Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana e) Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana f) HautUolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo g) Bas-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo h) (Indirizz iddikjarat: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat). F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.)

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 7 ta' Marzu 2016.

**Informazzjoni oħra:**

Feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet. Kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali, inkluż mijiet fir-Repubblika Ċentru-Afrikana. Il-mexxej huwa Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/une/5932344

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Lord's Resistance Army ġiet elenkata fis-7 ta' Marzu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (b), (c), u (d) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħadet sehem fi jew ipprovdiet appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kienet involuta fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; "li tirrekluta jew tuża tfal f'konflitti armati fir-RĊA, bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli"; u "li pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

L-LRA feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet, u kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. Taħt pressjoni militari dejjem tiżdied, Joseph Kony, il-mexxej tal-LRA, ordna lil-LRA biex tirtira mill-Uganda fl-2005 u l-2006. Minn dak iż-żmien, l-LRA qed topera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-RĊA, is-Sudan t'Isfel u allegatament is-Sudan.

Minn Diċembru 2013, l-LRA ħatfet, spostat, wettqet vjolenza sesswali kontra, u qatlet mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Ikkonċentrata fil-Lvant tar-RĊA u allegatament f'Kafia Kingi, territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi deċiż iżda kkontrollat mill-militar tas-Sudan, l-LRA tattakka villaġġi biex tisraq l-ikel u l-provvisti. Il-ġellieda jwettqu imbuskati biex jattakkaw lill-forzi tas-sigurtà u jisirqu t-tagħmir tagħhom meta dawn jirrispondu għall-attakki tal-LRA, u l-ġellieda tal-LRA jimmiraw u jisirqu wkoll villaġġi li m'għandhomx preżenza militari. L-LRA intensifikat ukoll l-attakki fuq siti ta' minjieri tad-deheb u d-djamanti.

Iċ-ċelel tal-LRA ta' spiss ikollhom magħhom priġunieri li huma mġiegħla jaħdmu bħala porters, kokijiet, u skjavi sesswali. L-LRA hija involuta fi vjolenza sessista inkluż stupri ta' nisa u bniet.

F'Diċembru 2013, l-LRA ssekwestrat għexieren ta' persuni f'Haute-Kotto. L-LRA allegatament kienet involuta fis-sekwestru ta' mijiet ta' ċivili fir-RĊA mill-bidu tal-2014 'l hawn.

Il-ġellieda tal-LRA attakkaw Obo, fil-Prefettura ta' Haut-Mbomou fil-Lvant tar-RĊA, f'diversi okkażjonijiet fil-bidu tal-2014.

L-LRA kompliet twettaq attakki f'Obo u postijiet oħra fix-Xlokk tar-RĊA bejn Mejju u Lulju 2014, inkluż attakki u sekwestri apparentement koordinati fil-Prefettura ta' Mbomou fil-bidu ta' Ġunju.

Sa mill-inqas l-2014, l-LRA kienet involuta fil-kaċċa illegali tal-iljunfanti u t-traffikar tal-iljunfanti għall-ġenerazzjoni tad-dħul. L-LRA allegatament tittraffika l-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-RDK lejn Darfur, biex tinnegozjah għal armi u provvisti. L-LRA allegatament tittrasporta n-nejbiet ta' iljunfanti kkaċċati illegament mir-RĊA għal Darfurfis-Sudan biex jinbiegħu. Barra minn hekk, kmieni fl-2014, Kony kien allegatament ordna lill-ġellieda tal-LRA jisirqu d-djamanti u d-deheb minn minaturi fil-Lvant tar-RĊA għat-trasportazzjoni lejn is-Sudan. Minn Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.

Fil-bidu ta' Frar 2015, il-ġellieda tal-LRA armati b'armi b'saħħithom issekwestraw ċivili f'Kpangbayanga, Haut-Mbomou, u serqu prodotti tal-ikel.

F'April 20, 2015 , attakk mill-LRA u s-sekwestru ta' tfal minn Ndambissoua, fix-Xlokk tar-RĊA wasslu l-biċċa l-kbira tar-residenti tal-villaġġ biex jaħarbu. U fil-bidu ta' Lulju 2015, l-LRA attakkat diversi villaġġi fix-Xlokk tal-Prefettura ta' Haute-Kotto; l-attakki kienu jinvolvu serq, vjolenza kontra persuni ċivili, ħruq ta' djar, u ħtif.

Minn Jannar 2016 'l hawn, attakki attribwiti lil-LRA mmultiplikaw f'Mbomou Haut-Mbomou u Haute-Kotto li affettwaw b'mod partikolari ż-żoni tal-minjieri f'Haute-Kotto. Dawn l-attakki kienu jinvolvu s-serq, il-vjolenza kontra persuni ċivili, il-qerda ta' proprjetà u s-sekwestri. Dawn wasslu għal spostamenti tal-popolazzjoni, inkluż madwar 700 persuna li fittxew rifuġju fi Bria."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/907

## tad-29 ta' Mejju 2017

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) L-entrati għal ċerti persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li jiġu aġġornati u emendati.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-parti A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "13. | Munzir (منذر) (magħruf ukoll bħala Mundhir, Monzer) Jamil Al-Assad (الأسد) | Data tat-twelid: 1 ta' Marzu 1961; Post tat-twelid: Kerdaha, Provinċja ta' Latakia; Passaporti Nru 86449 u 842781 | Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha. | 9.5.2011 |
| 37. | Brigadier Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) Shahadah (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada) | Post tat-twelid: Jablah, Provinċja ta' Latakia | Eks-Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) Fergħa 293 (Affarijiet Interni) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar Al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari. | 23.8.2011 |
| 53. | Adib (أديب) Mayaleh (ميالة) (magħruf ukoll bħala André Mayard) | Data tat-twelid: 15 ta' Mejju 1955; Post tat-twelid: Bassir | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur f'Lulju 2016). Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. Adib Mayaleh kien ukoll responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjoni tiegħu li kellu bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. | 15.5.2012 |
| 59. | Il-Ġenral Ghassan (غسان) Belal (بلال) | | Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-Raba' Diviżjoni. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja u involut f'bosta ksur tal-waqfien mill-ġlied f'Ghouta. | 14.11.2011 |
| 66. | Kifah (كفاح) Moulhem (ملحم) (magħruf ukoll bħala Moulhim, Mulhem, Mulhim) | | Kmandant ta' battaljun fir-Raba' diviżjoni. Nominat viċi kap tad-Diviżjoni tal-Intelligence Militari f'Lulju 2015. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deir ez-Zor. | 14.11.2011 |
| 106. | Dr Wael (وائل) Nader (نادر) Al –Halqi (الحلقي) (magħruf ukoll bħala Al-Halki) | Data tat-twelid: fl-1964; Post tat-twelid: Provinċja ta' Dara'a | Eks-Prim Ministru, fil-kariga sat-3 ta' Lulju 2016, u eks-Ministru għas-Saħħa. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 27.2.2012 |
| 109. | Imad (عماد) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Deeb Khamis (خميس) (magħruf ukoll bħala: Imad Mohammad Dib Khamees) | Data tat-twelid: 1 ta' Awwissu 1961; Post tat-twelid: qrib Damasku | Prim Ministru u eks-Ministru għall-Elettriku. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 110. | Omar (عمر) Ibrahim (إبراهيم) Ghalawanji (غلاونجي) | Twieled: fl-1954;<br>Post tat-twelid: Tartous | Eks-Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet tas-Servizzi, eks-Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali, fil-kariga sat-3 ta' Lulju 2016. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.3.2012 |
| 117. | Adnan (عدنان) Hassan (حسن) Mahmoud (محمود) | Twieled: fl-1966;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ambaxxatur Sirjan għall-Iran. Eks-Ministru għall-Informazzjoni fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.9.2011 |
| 157. | Inġinier Bassam (بسام) Hanna (حنا) | | Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 162. | Dr Mahmoud (محمود) Ibraheem (إبراهيم) (magħruf ukoll bħala Ibrahim) Sa'iid (سعيد) (magħruf ukoll bħala Said, Sa'eed, Saeed) | | Eks-Ministru għat-Trasport fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 166. | Dr Lubana (لبانة) (magħrufa wkoll bħala Lubanah) Mushaweh (مشوح) (magħrufa wkoll bħala Mshaweh, Mshawweh, Mushawweh) | Twieldet fl-1955;<br>post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Kultura fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 168. | Omran (عمران) Ahed (عاهد) Al Zu'bi (الزعبي) (magħruf ukoll bħala Al Zoubi, Al Zo'bi, Al Zou'bi) | Twieled fis-27 ta' Settembru 1959;<br>Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Informazzjoni fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 170. | Najm (نجم) (magħruf ukoll bħala Nejm) Hamad (حمد) Al Ahmad (الأحمد) (magħruf ukoll bħala Al-Ahmed) | | Eks-Ministru għall-Ġustizzja fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 171. | Dr Abdul- Salam (السلام عبد عبدالسلام) Al Nayef (النايف) | | Eks-Ministru għas-Saħħa fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 173. | Dr Nazeera (نظيرة) (magħrufa wkoll bħala Nazira, Nadheera, Nadhira) Farah (فرح) Sarkees (سركيس) (magħrufa wkoll bħala Sarkis) | | Eks-Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ambjentali, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 176. | Abdullah (اللهعبد) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Khaleel (خليل) (magħruf ukoll bħala Khalil) Hussein (حسين) (magħruf ukoll bħala Hussain) | | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 177. | Jamal (جمال) Sha'ban (شعبان) (magħruf ukoll bħala Shaaban) Shaheen (شاهين) | | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 181. | Suleiman Al Abbas | | Eks-Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. | 24.6.2014 |
| 182. | Kamal Eddin Tu'ma | Data tat-twelid: 1959 | Eks-Ministru għall-Industrija fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 183. | Kinda al-Shammat (magħrufa wkoll bħala Shmat) | Data tat-twelid: 1973 | Eks-Ministru għall-Affarijiet Soċjali fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 184. | Hassan Hijazi | Data tat-twelid: 1964 | Eks-Ministru għax-Xogħol fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 185. | Ismael Ismael (magħruf ukoll bħala Ismail Ismail, jew Isma'Il Isma'il) | Twieled: 1955 | Eks-Ministru għall-Finanzi fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 186. | Dr Khodr Orfali (magħruf ukoll bħala Khud/Khudr Urfali/Orphaly) | Data tat-twelid: 1956 | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 187. | Samir Izzat Qadi Amin | Data tat-twelid: 1966 | Eks-Ministru għall-Kummerċ Intern u għall-Ħarsien tal-Konsumaturi fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 189. | Dr Malek Ali (magħruf ukoll bħala Malik) | Data tat-twelid: 1956 | Eks-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 191. | Dr Hassib Elias Shammas (magħruf ukoll bħala Hasib) | Data tat-twelid: 1957 | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 1. | Houmam Jaza'iri (magħruf ukoll bħala Humam al-Jazaeri, Hammam al-Jazairi) | Twieled: 1977 | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 2. | Mohamad Amer Mardini (magħruf ukoll bħala Mohammad Amer Mardini) | Data tat-twelid: 1959;<br>Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 3. | Mohamad Ghazi Jalali (magħruf ukoll bħala Mohammad Ghazi al-Jalali) | Data tat-twelid: 1969;<br>Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 4. | Kamal Cheikha (magħruf ukoll bħala Kamal al-Sheikha) | Data tat-twelid: 1961;<br>Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 5 | Hassan Nouri (magħruf ukoll bħala Hassan al-Nouri) | Data tat-twelid: 9.2.1960 | Eks-Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 7. | Khalaf Souleymane Abdallah (magħruf ukoll bħala Khalaf Sleiman al-Abdullah) | Data tat-twelid: 1960;<br>Post tat-twelid: Deir ez-Zor | Eks-Ministru għax-Xogħol fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 9. | Hassan Safiyeh (magħruf ukoll bħala Hassan Safiye) | Data tat-twelid: 1949;<br>Post tat-twelid: Latakia | Eks-Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 10. | Issam Khalil | Data tat-twelid: 1965;<br>Post tat-twelid: Banias | Eks-Ministru għall-Kultura fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 11. | Mohammad Mouti' Mouayyad (magħruf ukoll bħala Mohammad Muti'a Moayyad) | Data tat-twelid: 1968;<br>Post tat-twelid: Ariha (Idlib) | Eks-Ministru tal-Istat fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 12. | Ghazwan Kheir Bek (magħruf ukoll bħala Ghazqan Kheir Bek) | Data tat-twelid: 1961;<br>Post tat-twelid: Latakia | Eks-Ministru għat-Trasport fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 217. | Atef Naddaf (عاطف نداف) | Data tat-twelid: 1956;<br>Post tat-twelid: Fil-kampanja ta' Damasku | Ministru għall-Edukazzjoni Gholja.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 218. | Hussein Makhlouf (magħruf ukoll bħala Makhluf) (حسين مخلوف) | Data tat-twelid: 1964;<br>Post tat-twelid: Lattakia;<br>Eks-Gvernatur tal-Governorat ta' Damasku | Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali.<br>Maħtur f'Lulju 2016.<br>Kuġin ta' Rami Makhlouf. | 14.11.2016 |
| 219. | Ali Al-Zafir (magħruf ukoll bħala al-Dafeer) (على الظفير) | Data tat-twelid: 1962;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 220. | Ali Ghanem (على غانم) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 221. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) Ramez Tourjman (magħruf ukoll bħala Tourjuman) (محمد رامز ترجمان) | Data tat-twelid: 1966;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Informazzjoni.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 222. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) al-Ahmed (magħruf ukoll bħala al-Ahmad) (محمد الأحمد) | Data tat-twelid: 1961;<br>Post tat-twelid: Lattakia | Ministru għall-Kultura.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 223. | Ali Hamoud (magħruf ukoll bħala Hammoud) (على حمود) | Data tat-twelid: 1964;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għat-Trasport.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 224. | Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) Kharboutli (محمد زهير خربوطلى) | Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Elettriku.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 225. | Maamoun (magħruf ukoll bħala Ma'moun) Hamdan (مأمون حمدان) | Data tat-twelid: 1958;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Finanzi.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 226. | Nabil al-Hasan (magħruf ukoll bħala al-Hassan) (نبيل الحسن) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Aleppo | Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 227. | Ahmad al-Hamu (magħruf ukoll bħala al-Hamo) (أحمد الحمو) | Data tat-twelid: 1947 | Ministru għall-Industrija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 228. | Abdullah al-Gharbi (magħruf ukoll bħala al-Qirbi) (عبدالله الغربى) | Data tat-twelid: 1962;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 229. | Abdullah Abdullah (عبدالله عبدالله) | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 230. | Salwa Abdullah (سلوى عبدالله) | Data tat-twelid: 1953;<br>Post tat-twelid: Quneitra | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 231. | Rafe'a Abu Sa'ad (magħruf ukoll bħala Saad) (رافع أبو سعد) | Data tat-twelid: 1954;<br>Post tat-twelid: ir-raħal ta' Habran (provinċja ta' Sweida) | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 232. | Wafiqa Hosni (وفيقة حسني) | Data tat-twelid: 1952;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 233. | Rima Al-Qadiri (magħruf ukoll bħala Al-Kadiri) (ريماة القادري) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Affarijiet Soċjali (minn Awwissu 2015). | 14.11.2016 |
| 236. | Saji' Darwish (magħruf ukoll bħala Saji Jamil Darwish; Sajee Darwish; Sjaa Darwis) (سجي درويش) | Data tat-twelid: 11 ta' Jannar 1957;<br>Grad: Maġġur Ġeneral, Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru | Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tad-Diviżjoni 22 tal-Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru, fil-kariga wara Mejju 2011.<br>Jaħdem fis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili: bħala uffiċjal bi grad għoli tal-Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru u Kmandant tad-Diviżjoni 22 iġorr ir-responsabbiltà għall-użu ta' armi kimiċi minn inġenji tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tad-Diviżjoni 22, inkluż l-attakk fuq Talmenes li l-Mekkaniżmu Investigattiv Konġunt irrapporta li twettaq minn ħelikopters tar-reġim ibbażati fil-mitjar ta' Ħama. | 21.3.2017" |

2. Fil-Parti A ("Persuni"), jiddaħħlu l-entrati li ġejjin li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "239. | Hisham Mohammad Mamdouh al-Sha'ar | Data tat-twelid: 1958;<br>Post tat-twelid: Damasku (Sirja) | Ministru għall-Ġustizzja. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017 |
| 240. | Mohammad Samer Abdelrahman al-Khalil | | Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017 |
| 241. | Salam Mohammad al-Saffaf | Data tat-twelid: 1979. | Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017" |

3. Fil-Parti B ("Entitajiet"), l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata li tikkonċerna l-entità elenkata hawn taħt:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "36. | Ebla Petroleum Company magħrufa wkoll bħala Ebco | Head Office Mazzeh Villat Ghabia Dar Es Saada 16,<br>P.O. Box 9120,<br>Damasku, is-Sirja;<br>Tel: +963 116691100 | Negozju bi sħab tal-GPC. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 23.1.2012" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/908**

**tal-11 ta' Mejju 2017**

**li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Picodon (DOP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Picodon", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1143/2009 ([3]).

(2) Permezz ta' ittra tal-11 ta' Marzu 2016, l-awtoritajiet Franċiżi għarrfu lill-Kummissjoni li perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2016, kien ingħata lil żewġ operaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-imsemmi artikolu skont l-Ordni tas-17 ta' Frar 2016 dwar id-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Picodon" ippubblikat fis-26 ta' Frar 2016 fil-*Journal Officiel de la République française*. Matul il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni, żewġ operaturi ppreżentaw oġġezzjoni dwar l-obbligu tal-użu ta' ħalib mhux ipproċessat għall-manifattura tal-"Picodon", u indikaw li ma kinux kapaċi jikkonformaw minnufih ma' din id-dispożizzjoni u li kellhom bżonn perjodu ta' żmien biex jadattaw l-għodda tal-produzzjoni tagħhom. Dawn l-operaturi, li kienu ilhom jikkummerċjalizzaw legalment il-"Picodon" b'mod kontinwu għal mill-anqas ħames snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 15.4 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest, ingħataw perjodu tranżitorju li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2016. L-operaturi kkonċernati huma dawn li ġejjin: Fromagerie du Vivarais, Les Pélissons, 07570 Désaignes; Eurial, rue Henri Barbusse, 26400 Crest.

(3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-denominazzjoni "Picadon" (DOP) huma b'dan approvati.

*Artikolu 2*

Il-protezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 hi soġġetta għall-perjodu tranżitorju mogħti minn Franza wara l-Ordni tas-17 ta' Frar 2016 dwar id-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Picodon" ippubblikata fis-26 ta' Frar 2016 fil-*Journal Officiel de la République française* skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 lill-operaturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-imsemmi artikolu.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1143/2009 tals-26 ta' Novembru 2009 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Picodon de l'Ardèche ou Picodon de la Drôme (DOP)] (ĠU L 312, 27.11.2009, p. 14).
([4]) ĠU C 25, 25.1.2017, p. 5.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/909

## tal-11 ta' Mejju 2017

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Huile d'olive de Corse/Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta "Huile d'olive de Corse"/"Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2007 ([2]).

(2) Permezz tal-ittra tat-18 ta' Frar 2016, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu lill-Kummissjoni li kien ingħata perjodu transizzjonali skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, sal-31 ta' Diċembru 2025, lil tnax-il operatur stabbiliti fit-territorju tagħhom li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dan l-Artikolu skont id-Digriet tas-26 ta' Jannar 2016 dwar id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Huile d'olive de Corse"/"Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica" ippubblikat fil-5 ta' Frar 2016 fil- *Journal officiel de la République française*. Fil-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni, dawn l-operaturi li kienu kkummerċjalizzaw legalment il-"Huile d'olive de Corse"/"Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica" b'mod kontinwu għal mill-anqas ħames snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, kienu ressqu l-oppożizzjoni dwar is-soppressjoni tal-pjan ta' konverżjoni dwar il-varjetajiet ta' żebbuġ, u indikaw li kellhom bżonn aktar żmien biex jaġġustaw il-kompożizzjoni tal-imsaġar tagħhom. L-operaturi kkonċernati huma dawn li ġejjin: Earl ta' Marquiliani, 20270 Aghione; Arthur Antolini, 11, l-art għall-kultivazzjoni Orabona 20220 Monticello; Dominique Arrighi, 20290 Lucciana; Dominique Bichon, Le Regino, 20226 Speloncato; Earl Casa Rossa, Pianiccia, 20270 Tallone; William Delamare, Domaine de Valle, 20213 Querciolo; Roselyne Hubert, Pietra Macchja, 20279 Belt di Paraso; Earl Domaine de Torraccia, 20137 Lecci; Josette Lucciardi, Domaine de Pianiccione, 20270 Antisanti; Alfred Matt, il-pjanura Vallecalle, 20217 Saint-Florent; Jean-Luc Mozziconacci, Albaretto, 20240 Ghisonaccia u Jean-Louis Tommasini, 20225 Avapessa.

(3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Huile d'olive de Corse"/"Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica" (DOP), hija b'dan approvata.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jirreġistra ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Geraardsbergse mattentaart (IĠP) — Pataca de Galicia jew Patata de Galicia (IĠP) — Poniente de Granada (DPO) — Gata-Hurdes (DPO) — Patatas de Prades jew Patates de Prades (IĠP) — Mantequilla de Soria (DPO) — Huile d'olive de Nîmes (DPO) — Huile d'olive de Corse jew Huile d'olive de Corse — Oliu di Corsica (DPO) — Clémentine de Corse (IĠP) — Agneau de Sisteron (IĠP) — Connemara Hill Lamb jew Uain Sléibhe Chonamara (IĠP) — Sardegna (DPO) — Carota dell'Altopiano del Fucino (IĠP) — Stelvio jew Stilfser (DPO) — Limone Femminello del Gargano (IĠP) — Azeitonas de Conserva de Elvas e Campo Maior (DPO) — Chouriça de Carne de Barroso — Montalegre (IĠP) — Chouriço de Abóbora de Barroso-Montalegre (IĠP) — Sangueira de Barroso-Montalegre (IĠP) — Batata de Trás-os-Montes (IĠP) — Salpicão de Barroso-Montalegre (IĠP) — Alheira de Barroso-Montalegre (IĠP) — Cordeiro de Barroso, Anho de Barroso jew Cordeiro de leite de Barroso (IĠP) — Azeite do Alentejo Interior (DPO) — Paio de Beja (IĠP) — Linguíça do Baixo Alentejo jew Chouriço de carne do Baixo Alentejo (IĠP) — Ekstra deviško oljčno olje Slovenske Istre (DPO), (ĠU L 46, 16.2.2007, p. 14).

([3]) ĠU C 9, 12.1.2017, p. 42.

*Artikolu 2*

Il-protezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 hija soġġetta għall-perjodu transizzjonali mogħti minn Franza bl-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 lill-operaturi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/910

## tal-11 ta' Mejju 2017

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Cornish Sardines (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tar-Renju Unit għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeokrafika protetta "Cornish Sardines", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1182/2009 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Cornish sardines" (IĠP) hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1182/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Cornish Sardines (IĠP)] (ĠU L 317, 3.12.2009, p. 32).
([3]) ĠU C 19, 20.1.2017, p. 6.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/911**

**tal-24 ta' Mejju 2017**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontroll regolari tad-dejta li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom jinbidlu biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR/100 kg) | Oriġini [1] |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 126,2 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 120,8 | 0 | AR |
| | | 151,5 | 0 | BR |
| 0207 14 10 | Qatgħat tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, mingħajr għadam, iffriżati | 256,5 | 13 | AR |
| | | 196,6 | 32 | BR |
| | | 297,0 | 1 | CL |
| | | 211,7 | 27 | TH |
| 0207 27 10 | Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati | 342,0 | 0 | BR |
| | | 319,5 | 0 | CL |
| 0408 91 80 | Bajd, imnixxef, mingħajr qoxra | 350,0 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin tas-sriedaq u tat-tiġieġ | 214,8 | 22 | BR |

[1] In-Nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi 'ZZ' ifisser 'oriġinijiet oħrajn'."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/912

## tad-29 ta' Mejju 2017

## dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 29024 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]),u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 29024. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u bid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* DSM 29024 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, li għandu jiġi klassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru 2016 ([2]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, il-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 29024 ma għandhiex effett avvers fuq saħħet l-annimali, saħħet il-bniedem jew l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-preparazzjoni kkonċernata għandha l-potenzjal li ttejjeb il-produzzjoni ta' għalf insilat magħmul minn materjal li jista' jiġi pproċessat f'materjal għall-ħżin f'silos b'mod faċli u b'mod moderatament diffiċli billi jiġu ppreżervati n-nutrijenti. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv fl-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 29024 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-għalf insilat", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) *EFSA Journal* 2017; 15(1):4675.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | CFU tal-addittiv/kg ta' materjal frisk | | | |
| **Addittivi teknoloġiċi: addittivi tal-foraġġ insilat** | | | | | | | | |
| 1k20753 | Lactobacillus plantarum<br>DSM 29024 | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum*<br>DSM 29024 li fiha ammont minimu ta' 8 × 10[10] CFU/g tal-addittiv.<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Ċelloli vijabbli tal-*Lactobacillus plantarum* DSM 29024.<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: metodu tat-tifrix fuq de Man, Rogosa u Sharpe (MRS) agar (EN 15787).<br>Identifikazzjoni tal-addittiv tal-għalf: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE). | L-ispeċi kollha tal-annimali | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt il-proċess ta' tisħin.<br>2. Il-kontenut minimu tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikroorganiżmi oħra bħala addittivi tal-foraġġ insilat: 5 × 10[7] CFU/kg ta' materjal frisk għall-ħżin f'silos b'mod faċli u b'mod moderatament diffiċli (2).<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | Id-19 ta' Ġunju 2027 |

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.

(2) Foraġġ faċli biex jinħażen fis-silo: > 3 % karboidrati li jinħallu fil-materjal frisk. Foraġġ moderatament diffiċli biex jinħażen f'silo: 1,5-3,0 % karboidrati li jinħallu fil-materjal frisk. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/913

## tad-29 ta' Mejju 2017

## dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi tat-tjur kollha

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1],u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643). Ma' din l-applikazzjoni ntbagħtu wkoll id-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Din l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha avjarja, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) Dan l-addittiv diġà kien awtorizzat bħala addittiv tal-għalf għal għaxar snin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1115/2014 [2] għall-ħnieżer.

(5) Fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Ottubru 2016 [3], l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, il-preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Hija kkonkludiet ukoll li għandha l-kapaċità li tiddegrada l-fumonisini f'għalf kontaminat għat-tiġieġ għat-tismin, għad-dundjani għat-tismin u għat-tiġieġ li jbidu. Din il-konklużjoni tista' tiġi estrapolata għall-ispeċi tat-tjur kollha. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf, fl-għalf, li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf permezz tal-mikotossini", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

---

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1115/2014 tal-21 ta' Ottubru 2014 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' fumoniżina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer (ĠU L 302, 22.10.2014, p. 51).

[3] *EFSA Journal* 2016; 14(11):4617.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Addittivi teknoloġiċi: sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf minn mikotossini: fumonożini** | | | | | | | | | |
| 1m03 | — | Fumonożina esterażi<br>EC 3.1.1.87 | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni ta' fumonożina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643) li fiha minimu ta' 3 000 U ([1])/g.<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Preparazzjoni ta' fumonożina esterażi prodotta minn *Komagataella pastoris* (DSM 26643).<br>*Metodu analitiku* ([2])<br>Għad-determinazzjoni tal-attività ta' fumonożina esterażi: Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja flimkien ma' spettrometrija ta' massa f'tandem.<br>(HPLC-MS/MS) metodu bbażat fuq il-kwantifikazzjoni tal-aċidu trikarballiliku rilaxxat mill-azzjoni tal-enżim fuq il-fumonożina B1 b'pH ta' 8,0 u f'temperatura ta' 30 °C. | L-ispeċi kollha ta' tjur | — | 15U | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt il-proċess ta' tisħin.<br>2. Doża massima rrakkomandata: 300 U/kg ta' għalf komplut.<br>3. L-użu tal-addittiv huwa permess fl-għalf li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ([3]).<br>4. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | Id-19 ta' Ġunju 2027 |

([1]) 1 U hija l-attività enżimatika li tirrilaxxa 1 µmol ta' aċidu trikarballiliku kull minuta minn 100 µM fumonożina B1 f'20mM ta' soluzzjoni mewwieta ta' Tris-Cl b'pH ta' 8,0 ma' 0,1 mg/ml albumina tas-serum bovin f'temperatura ta' 30 °C.

([2]) Dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza għall-Addittivi tal-Għalf: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.

([3]) Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/914

## tad-29 ta' Mejju 2017

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 115,8 |
| | TR | 67,0 |
| | ZZ | 91,4 |
| 0707 00 05 | TR | 84,9 |
| | ZZ | 84,9 |
| 0709 93 10 | TR | 129,3 |
| | ZZ | 129,3 |
| 0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28 | EG | 67,6 |
| | MA | 55,3 |
| | TR | 48,9 |
| | ZA | 99,2 |
| | ZZ | 67,8 |
| 0805 50 10 | AR | 116,2 |
| | TR | 123,7 |
| | ZA | 150,8 |
| | ZZ | 130,2 |
| 0808 10 80 | AR | 100,8 |
| | BR | 113,7 |
| | CL | 128,0 |
| | CN | 145,5 |
| | NZ | 152,5 |
| | US | 110,3 |
| | ZA | 105,8 |
| | ZZ | 122,4 |
| 0809 29 00 | TR | 367,5 |
| | ZZ | 367,5 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/915

## tad-29 ta' Mejju 2017

## dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi ("ATT", *Arms Trade Teaty*) ġie adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-2 ta' April 2013. L-ATT sussegwentement infetaħ għall-iffirmar fit-3 ta' Ġunju 2013 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-ATT.

(2) L-ATT għandu l-għan li jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli għar-regolamentazzjoni tal-kummerċ legali tal-armi konvenzjonali u li jipprevjeni u jeradika l-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni milli jiġu svijati. L-isfidi prinċipali huma l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-Istati Partijiet u l-universalizzazzjoni tiegħu, filwaqt li jinżamm preżenti li r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi hija, bħala definizzjoni, sforz globali. Sabiex jikkontribwixxi fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi, fis-16 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/768/PESK ([1]), biex b'hekk kabbar il-portafoll tal-Unjoni ta' assistenza marbuta mal-kontroll tal-esportazzjoni b'attivitajiet speċifiċi għall-ATT.

(3) L-attivitajiet imwettqa taħt id-Deċiżjoni 2013/768/PESK indirizzaw sittax-il pajjiż benefiċjarju u koprew firxa kbira ta' oqsma rilevanti għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' sistema nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi kif stipulat fl-ATT. Bdiet kooperazzjoni siewja ma' għadd ta' pajjiżi li qatt qabel ma kienu ġew indirizzati taħt attivitajiet oħra tal-Unjoni ta' assistenza marbuta mal-kontroll tal-esportazzjoni, biex b'hekk ġiet riflessa n-natura globali tal-ATT. Għaldaqstant huwa kunsiljabbli li jsir segwitu fir-rigward ta' dan is-sottogrupp ta' pajjiżi biex jiġi żgurat li jiġi sostnut il-progress u biex tiġi inkoraġġita s-sensibilizzazzjoni reġjonali minn dawn il-pajjiżi benefiċjarji stess.

(4) Minbarra l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ma' pajjiżi benefiċjarji indirizzati taħt id-Deċiżjoni 2013/768/PESK, huwa kunsiljabbli li jiġi segwit approċċ immexxi mid-domanda fejn l-attivitajiet ta' assistenza jistgħu jiġu attivati fuq it-talba ta' pajjiżi bi bżonnijiet identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ATT. Tali approċċ wera li huwa ġust u kellu suċċess fl-għoti ta' assistenza lil pajjiżi li esprimew impenn u sjieda fir-rigward tal-ATT permezz tat-talbiet tagħhom għal assistenza mill-Unjoni. Din id-Deċiżjoni għaldaqstant iżżomm għadd speċifiku ta' attivitajiet li ser ikunu disponibbli fuq talba.

(5) L-assistenza mogħtija mill-Unjoni taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2309 ([2]) tindirizza għadd ta' pajjiżi fil-viċinat qrib tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Unjoni. L-Unjoni ilha ħafna wkoll tipprovdi assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju taħt l-Istrument tagħha li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP),

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56).
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2309 tal-10 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 56).

biex b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa legali u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq oġġetti b'użu doppju. Permezz tal-istrument IcSP u l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/149/PESK ([1]), l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/319/PESK ([3]), l-Unjoni tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1540 (2004) li tagħti l-mandat għal kontrolli effettivi tat-trasferimenti ta' oġġetti marbuta mal-armi ta' qerda massiva.

Il-kontrolli żviluppati għall-implimentazzjoni tal-UNCSR 1540 (2004), u taħt il-programmi ta' assistenza tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, jikkontribwixxu għall-kapaċità globali biex jiġi implimentat b'mod effettiv l-ATT billi, f'ħafna każijiet, il-liġijiet, il-proċeduri amministrattivi u l-aġenziji responsabbli mill-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju jikkoinċidu ma' dawk responsabbli mill-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali. Għaldaqstant, huwa kruċjali li tiġi żgurata koordinazzjoni mill-qrib bejn attivitajiet imwettqa f'kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ATT.

(6) L-għadd globali kbir ta' attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni jiġġustifika l-użu ta' żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni sabiex ix-xogħol ikun jista' jinqasam b'mod effiċjenti. L-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni (BAFA) ġie inkarigat mill-Kunsill u l-Kummissjoni bl-implimentazzjoni ta' proġetti preċedenti marbuta mal-kontroll tal-esportazzjoni. Il-BAFA għaldaqstant żviluppa ammont kbir ta' għarfien u kompetenza. L-aġenzija Expertise France hija inkarigata minn proġetti EU P2P relatati ma' oġġetti b'użu doppju u ffinanzjati taħt l-IcSP. Ir-rwol tagħha fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ser jgħin biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni xierqa ma' proġetti marbuta mal-oġġetti b'użu doppju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tal-ATT, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet bl-objettivi li ġejjin:

(a) li tappoġġa għadd ta' Stati biex isaħħu s-sistemi tagħhom ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi għal implimentazzjoni effettiva tal-ATT;

(b) li żżid is-sensibilizzazzjoni u s-sjieda tal-ATT fil-livell nazzjonali u dak reġjonali mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti u l-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili.

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet proġettwali li ġejjin:

(a) tassisti lill-pajjiżi benefiċjarji fl-abbozzar, l-aġġornament u l-implimentazzjoni, kif meħtieġ, tal-miżuri leġislattivi u amministrattivi rilevanti li għandhom l-għan li jistabbilixxu u jiżviluppaw sistema effettiva ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi f'konformità mar-rekwiżiti tal-ATT;

(b) issaħħaħ l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tal-uffiċjali li jagħtu l-liċenzji u dawk ta' infurzar tal-pajjiżi benefiċjarji b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, it-taħriġ u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni rilevanti sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar adegwati tal-kontrolli tat-trasferiment tal-armi;

(c) tippromwovi t-trasparenza fil-kummerċ internazzjonali tal-armi, biex b'hekk tibni fuq ir-rekwiżiti ta' trasparenza tal-ATT;

(d) tippromwovi aderenza sostnuta mal-ATT mill-pajjiżi benefiċjarji u l-ġirien tagħhom billi tinvolvi l-partijiet ikkonċernati nazzjonali u reġjonali rilevanti bħall-parlamenti nazzjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li għandhom interess fuq perijodu twil fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-ATT;

Fl-Anness tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet proġettwali msemmija f'dan il-paragrafu.

---

([1]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/419/PESK tat-12 ta' Ġunju 2006 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 165, 17.6.2006, p. 30).

([2]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK tal-14 ta' Mejju 2008 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 127, 15.5.2008, p. 78).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtá tan- Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 40).

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentat Għoli") għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi organizzata mill-BAFA u mill-Expertise France.

3. Il-BAFA u l-Expertise France għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandha tidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-BAFA u l-Expertise France.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 7 178 924,36. Il-baġit totali stmat tal-proġett globali għandu jkun ta' EUR 8 368 151,36. Il-parti ta' dak il-baġit kif stmat li mhijiex koperta mill-ammont ta' referenza għandha tingħata permezz ta' kofinanzjament mill-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Expertise France.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehimiet ta' finanzjament meħtieġa mal-BAFA u l-Expertise France. Il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jistipulaw li l-BAFA u Expertise France għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehimiet ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-entitajiet ta' implimentazzjoni. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 3(3), jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk dawk il-ftehimiet ta' finanzjament ma jkunux ġew konklużi f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

*ANNESS*

## 1. Kuntest u raġuni għall-appoġġ tal-Unjoni

Din id-Deċiżjoni tibni fuq Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill li jappoġġaw il-proċess tan-NU li wassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi ("ATT") u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tiegħu ([1]). L-ATT ġie adottat fit-2 ta' April 2013 mill-Assemblea Ġenerali tan-NU u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014.

L-objettiv iddikjarat tal-ATT huwa li "jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli għar-regolamentazzjoni jew it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi konvenzjonali u li jipprevjeni u jeradika l-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni milli jiġu svijati". L-iskop iddikjarat tiegħu huwa li "jikkontribwixxi għal paċi, sigurtà u stabbiltà internazzjonali u reġjonali; inaqqas it-tbatija tal-bnedmin u jippromwovi kooperazzjoni, trasparenza u azzjoni responsabbli mill-Istati Partijiet fil-kummerċ internazzjonali tal-armi konvenzjonali, biex b'hekk tinbena fiduċja fost l-Istati Partijiet". Għalhekk, l-objettiv u l-iskop tal-ATT huma kompatibbli mal-ambizzjoni ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà kif stabbilita fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

B'segwitu għall-adozzjoni tal-ATT fl-2013, issal-isfidi ewlenin huma l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tiegħu.

L-assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni u s-sensibilizzazzjoni huma kruċjali biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u huma għalhekk jiffurmaw l-elementi ċentrali ta' din id-Deċiżjoni. Rigward l-assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni, din id-Deċiżjoni tindirizza pajjiżi sħab speċifiċi u tħalli l-ambitu miftuħ għal assistenza possibbli lil pajjiżi ġodda li jitolbuha.

Rigward id-disa' pajjiżi sħab speċifiċi (is-Senegal, il-Burkina Faso, il-Ghana, il-Filippini, il-Georgia, il-Perù, il-Ġamajka, il-Kolombja, il-Costa Rica), din id-Deċiżjoni tipprevedi l-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni mibdija permezz tal-ewwel fażi tal-attivitajiet ta' appoġġ għall-implimentazzjoni kif iffinanzjati bid-Deċiżjoni 2013/768/PESK.

Rigward l-ambitu għal pajjiżi benefiċjarji li jippreżentaw talba, din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-istess attivitajiet li rnexxew, imwettqa taħt id-Deċiżjoni 2013/768/PESK:

— programmi ta' assistenza dedikati li permezz tagħhom il-pajjiżi benefiċjarji jiġu assistiti b'mod imfassal speċifikament għalihom u estensiv ferm biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-ATT. L-assistenza ser tiġi żviluppata, skont pjan direzzjonali ta' assistenza, li dwaru għandu jintlaħaq qbil mal-pajjiżi benefiċjarji, li ser jispeċifika l-prijoritajiet għall-azzjoni, jiżgura sjieda lokali u jindika l-impenn, fejn rilevanti, lejn ir-ratifika tal-ATT;

— attivitajiet ta' assistenza ad hoc li ser jindirizzaw pajjiżi benefiċjarji bi bżonnijiet limitati u aktar speċifikati. Dawk l-attivitajiet ta' assistenza ad hoc ser jippermettu lill-Unjoni tindirizza b'mod flessibbli u reattiv it-talbiet għall-assistenza.

Finalment, b'riferiment għall-isfida tal-universalizzazzjoni tal-ATT, din id-Deċiżjoni tinkludi komponent ta' sensibilizzazzjoni reġjonali li jibni fuq id-disa' pajjiżi sħab speċifiċi bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet reġjonali l-aktar rilevanti. Lieva oħra b'appoġġ għall-universalizzazzjoni hija s-sensibilizzazzjoni permezz tal-konferenza annwali tal-Istati Partijiet għall-ATT.

Għalhekk, din id-Deċiżjoni tipprovdi ġabra komprensiva ta' attivitajiet ta' assistenza u ta' sensibilizzazzjoni sabiex tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni. Hija tibni fuq ir-riżultati u t-tagħlimiet meħuda mill-fażi preċedenti ffinanzjata permezz tad-Deċiżjoni 2013/768/PESK u turi l-appoġġ kontinwu u impenjat lill-ATT mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

## 2. Objettivi ġenerali

L-objettiv ċentrali ta' din id-Deċiżjoni huwa li tappoġġa numru ta' Stati biex jissaħħu s-sistemi tagħhom ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi bil-għan li jkunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv l-ATT u li tippromwovi l-universalizzazzjoni tiegħu. B'mod speċifiku, l-azzjoni tal-Unjoni ser tipprovdi:

(a) tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi u l-għarfien espert tal-pajjiżi benefiċjarji;

([1]) Ara d-Deċiżjoni 2009/1012/PESK; id-Deċiżjoni 2010/336/PESK; id-Deċiżjoni 2012/711/PESK; id-Deċiżjoni 2013/43/PESK u d-Deċiżjoni 2013/768/PESK.

(b) aktar sensibilizzazzjoni ta', u sjieda minn, partijiet ikkonċernati rilevanti bħal organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti, parlamenti nazzjonali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li huma interessati fl-effettività fuq perijodu twil tal-implimentazzjoni tal-ATT;

(c) sensibilizzazzjoni f'pajjiżi oħrajn bil-għan ta' appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ATT.

3. Deskrizzjoni tal-attivitajiet proġettwali

3.1. Tisħiħ tal-grupp ta' esperti stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 2013/768/PESK

3.1.1. Objettiv tal-proġett

Il-grupp ta' esperti stabbilit bid-Deċiżjoni 2013/768/PESK kien riżorsa identifikata sew, kompetenti u affidabbli biex tagħti appoġġ adegwat lill-attivitajiet ta' assistenza. Bl-esperjenza miksuba, issa jeħtieġ li jitkabbar il-grupp f'termini tal-għadd ta' esperti u l-varjetà tal-għarfien espert tagħhom, u t-tip ta' esperti li jintużaw, pereżempju, l-inklużjoni ta' esperti nongovernattivi; li jiġi inkoraġġit l-involviment tagħhom fuq perijodu itwal fil-pajjiżi benefiċjarji; u li jiġi żviluppat komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" fil-grupp.

3.1.2. Deskrizzjoni tal-proġett

L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jaħdmu biex ikabbru l-grupp ta' esperti, filwaqt li jiżguraw, sa fejn possibbli, rappreżentanza ġeografika u firxa ta' għarfien espert wesgħin. Huma għandhom jinkoraġġixxu b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' esperti minn pajjiżi li reċentement żviluppaw b'suċċess sistemi nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi, inklużi dawk żviluppati b'rabta mal-assistenza internazzjonali li jkunu rċevew. L-entitajiet ta' implimentazzjoni għandhom jirrapportaw regolarment lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) dwar il-grupp, il-kompożizzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu li jieħu fuqu x-xogħol involut mill-attivitajiet previsti minn din id-Deċiżjoni. Fejn meħtieġ, il-COARM jista' jiddeċiedi li jieħu miżuri korrettivi.

L-għarfien espert ġenerali tal-grupp ta' esperti għandu jkopri l-ambitu sħiħ ta' sistema nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi, b'mod partikolari kwistjonijiet legali, l-għoti ta' liċenzji, id-dwana/l-infurzar, is-sensibilizzazzjoni, il-prosekuzzjoni/is-sanzjonijiet, ir-rappurtar/it-trasparenza.

3.1.2.1. Esperti

L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jiżguraw reklutaġġ ġust u trasparenti ta' esperti u, fir-rigward tal-esperti tal-Unjoni, ser jużaw b'mod sħiħ ir-roster tal-Unjoni ta' esperti fis-sensibilizzazzjoni li jiġi ċċirkolat u aġġornat fil-COARM.

3.1.2.2. Laqgħat tal-esperti

Matul il-perijodu tal-validità ta' din id-Deċiżjoni, ser jiġu msejħa erba' laqgħat ta' esperti ta' jumejn mill-entitajiet ta' implimentazzjoni (żewġ laqgħat kull waħda). Dawn il-laqgħat ser ikollhom partikolarment l-għan li:

— jiġi żviluppat fost l-esperti fehim komuni tal-isfidi u r-reazzjonijiet relatati mal-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-ATT;

— jiġi żviluppat, kif adatt, materjal komuni li jintuża fl-assistenza li tingħata mill-esperti (bħal manwal u linji gwida) sabiex il-pariri mogħtija mill-esperti jkunu konsistenti;

— jiġi vvalutat il-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" (ara l-punt 3.1.2.3.) u tittieħed deċiżjoni dwar emendi kif meħtieġ.

Jenħtieġ li żewġ laqgħat, fosthom l-ewwel waħda ta' tnedija, isiru fi Brussell. Iż-żewġ laqgħat l-oħra ser isiru skont il-post tal-entità ta' implimentazzjoni. Għal kull laqgħa ser jiġu mistiedna sa 40 espert, abbażi ta' bilanċ ġeografiku filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" (ara l-punt 3.1.2.3.).

3.1.2.3. Il-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ"

Dan il-komponent għandu l-għan li jappoġġa t-taħriġ ta' għadd ta' esperti ta' pajjiżi benefiċjarji biex ikunu jistgħu, fi stadju aktar tard, iħarrġu b'mod effettiv lill-kollegi tagħhom stess. Fejn ikun possibbli, l-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jirreklamaw il-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" u ser jidentifikaw ħarrieġa futuri meta jinbdew l-attivitajiet ta' assistenza f'pajjiżi benefiċjarji taħt din id-Deċiżjoni. Dawn l-uffiċjali ser jiġu rreġistrati sussegwentement fil-grupp ta' esperti u għaldaqstant ser jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-esperti msemmija fil-punt 3.1.2.2.

Il-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" ser iseħħ f'jum addizzjonali li jkun it-tielet jum, eżatt wara l-laqgħat tal-esperti. Dan ser jiġbor ħarrieġa futuri u l-għadd xieraq ta' esperti mill-grupp li jagħtu t-taħriġ.

Bejn il-laqgħat annwali tal-esperti u l-komponenti addizzjonali tagħhom "ħarreġ lil min iħarreġ", ser jiġu inkoraġġiti kuntatti bejn esperti tat-taħriġ u l-ħarrieġa tal-futur u, kif xieraq, jistgħu jiġu skedati sessjonijiet addizzjonali ta' taħriġ fil-pajjiżi benefiċjarji eżattament wara l-attivitajiet ippjanati ta' assistenza (pereżempju, nofs ta' nhar dedikat għal workshop, kif imsemmi fil-punt 3.2.3.1.).

Għal kull sessjoni ser jiġu rreġistrati sa 15-il ħarrieġ futur.

L-entità ta' implimentazzjoni inkarigata mil-laqgħa ta' esperti ser tkun responsabbli għall-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" relatat.

3.2. Assistenza ulterjuri għal pajjiżi sħab fit-tul

3.2.1. Pajjiżi sħab fit-tul

Is-Senegal, il-Burkina Faso, il-Ghana, il-Filippini, il-Georgia, il-Perù, il-Ġamajka, il-Kolombja, il-Costa Rica.

Dawn il-pajjiżi sħab fit-tul ser jiġu indirizzati kif ġej mill-entitajiet ta' implimentazzjoni:

— BAFA: il-Ghana; il-Georgia; il-Perù; il-Ġamajka; il-Kolombja; il-Costa Rica

— Expertise France: is-Senegal; il-Burkina Faso; il-Filippini

3.2.2. Objettiv tal-proġett

Id-Deċiżjoni 2013/768/PESK ippermettiet li l-Unjoni tibda kooperazzjoni mad-disa' pajjiżi sħab imsemmija fil-punt 3.2.1. abbażi ta' pjan direzzjonali inizjali. It-tlestija sħiħa jew parzjali tal-pjan direzzjonali min-naħa tagħha kixfet sfidi addizzjonali li jeħtieġ li jiġu indirizzati biex isir progress lejn implimentazzjoni aktar sħiħa tal-ATT. Għaldaqstant, ser jiġi pprovdut għadd globali ta' attivitajiet disponibbli u dawn ser jiġu allokati skont il-ħtiġijiet, l-interessi u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-pajjiżi benefiċjarji.

3.2.3. Deskrizzjoni tal-proġett

3.2.3.1. Workshops fil-pajjiżi

Ser jiġi stabbilit ammont totali ta' 45 workshop ta' jumejn fil-pajjiżi benefiċjarji għad-disa' pajjiżi sħab fit-tul bħala segwitu għall-ħidma u l-kisbiet li diġà saru taħt id-Deċiżjoni 2013/768/PESK.

3.2.3.2. Żjarat ta' Studju fl-Istati Membri

Sabiex jiġu kkomplementati l-attivitajiet li jseħħu fil-pajjiżi benefiċjarji, ser isiru disponibbli lill-uffiċjali tal-gvern, tal-għoti ta' liċenzji u tal-infurzar tal-pajjiżi sħab fit-tul sa disa' żjarat ta' studju lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. L-organizzazzjoni taż-żjara ta' studju ser tiġi żgurata mill-entità ta' implimentazzjoni inkarigata mill-pajjiż sieħeb fit-tul li jibbenefika miż-żjara ta' studju (ara l-punt 3.2.1.).

Minħabba l-potenzjal għoli tagħhom ta' taħriġ, jenħtieġ li ż-żjarat ta' studju, fil-prinċipju, jindirizzaw lill-ħarrieġa futuri tal-pajjiżi benefiċjarji, jiġifieri l-uffiċjali tal-pajjiżi benefiċjarji li jipparteċipaw fil-komponent "ħarreġ lil min iħarreġ" imsemmi fil-punt 3.1.2.3.

3.3. Sensibilizzazzjoni reġjonali

3.3.1. Objettiv tal-proġett

Id-disa' pajjiżi benefiċjarji identifikati jistgħu jaqdu rwol siewi fis-sensibilizzazzjoni reġjonali billi jikkonsultaw aktar mal-pajjiżi fil-viċinat qrib tagħhom dwar kwistjonijiet relatati mat-trasferiment ta' armi u dwar l-implimentazzjoni tal-ATT. Dan jista' jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar fuq perijodu itwal ta' żmien.

Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni tagħtihom il-possibbiltà li, b'mod konġunt jew b'mod individwali, jospitaw skont il-kapaċitajiet tagħhom sa tlieta mill-pajjiżi fil-viċinat tagħhom għal workshops subreġjonali.

3.3.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Għal finijiet tas-sensibilizzazzjoni reġjonali ser jiġu ppjanati sa 12-il workshop ta' jumejn. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-pajjiż ospitanti, dawn ser isiru kif ġej:

— is-Senegal, il-Burkina Faso, il-Ghana: sa tliet workshops għal massimu ta' tliet pajjiżi tal-ECOWAS, f'kooperazzjoni, fejn xieraq, mal-Kummissjoni tal-ECOWAS, fuq bażi ta' rotazzjoni sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mit-tliet pajjiżi ospitanti inkwistjoni;

— il-Perù, il-Costa Rica, il-Kolombja: sa tliet workshops għal massimu ta' tliet pajjiżi tal-UNLIREC, f'kooperazzjoni, fejn xieraq, mal-UNLIREC, fuq bażi ta' rotazzjoni sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mit-tliet pajjiżi ospitanti inkwistjoni;

— il-Filippini, il-Georgia, il-Ġamajka: sa żewġ workshops kull wieħed għal massimu ta' tlieta mill-ġirien rispettivi tagħhom. Il-Georgia u l-Filippini jospitaw is-Segretarjat reġjonali taċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN, li jista' jiffaċilita sinerġiji ma' proġetti relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni, kif ukoll l-identifikazzjoni ta', u l-kuntatti ma', il-pajjiżi mistiedna.

Ser jiġu mistiedna sa għaxar uffiċjali għal kull pajjiż ġar mistieden.

L-Expertise France ser tindirizza workshops relatati mas-Senegal, il-Burkina Faso, il-Ghana u l-Filippini u l-BAFA ser jindirizza workshops relatati mal-Perù, il-Costa Rica, il-Kolombja, il-Georgia u l-Ġamajka.

3.4. Programmi ta' assistenza bbażati fuq il-pjan direzzjonali

3.4.1. Objettiv tal-proġett

L-objettiv tal-programmi ta' assistenza dedikati u l-pjanijiet direzzjonali relatati magħhom huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi benefiċjarji biex jilħqu r-rekwiżiti tal-ATT b'mod globali u sostnut. Il-pjan direzzjonali ser jipprovdi prevedibbiltà lill-pajjiż benefiċjarju il-ġdid dwar dak li huwa ppjanat fir-rigward ta' assistenza u ser jippjana t-titjib li jista' jkun mistenni fil-kapaċitajiet tiegħu ta' kontroll tat-trasferiment. Il-pajjiżi benefiċjarji ser ikunu pajjiżi li jitolbu l-assistenza wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

3.4.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Ser jiġu stabbiliti programmi ta' assistenza nazzjonali għal massimu ta' disa' pajjiżi benefiċjarji.

Jenħtieġ li l-programmi ta' assistenza dedikati jiġu żviluppati skont il-passi li ġejjin:

(a) talba għal assistenza biex jiġi implimentat l-ATT. Jenħtieġ li din it-talba tiġi sostanzjata kemm jista' jkun, u jenħtieġ li hija tidentifika liema oqsma speċifiċi għandhom jiġu mmirati biex jirċievu assistenza. Fejn rilevanti, il-pajjiż li jagħmel it-talba għandu jirreferi wkoll għal assistenza tal-passat u li tkun attwali minn fornituri oħra tal-assistenza (ara wkoll it-taqsima 6 hawn taħt) u jagħti informazzjoni dwar l-istrateġija nazzjonali tiegħu għall-implimentazzjoni tal-ATT.

(b) abbażi tal-grad ta' sostanzjar tat-talba u l-kriterji stabbiliti fit-taqsima 4, ir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-COARM u l-entità ta' implimentazzjoni, jiddeċiedi dwar l-eliġibbiltà tal-pajjiż li jagħmel it-talba;

(c) fejn it-talba għall-assistenza tiġi milqugħa b'mod pożittiv, tiġi organizzata żjara ta' valutazzjoni esperta mill-entità ta' implimentazzjoni. Din għandha tipproċedi minn kuntatti mill-qrib bejn l-entità ta' implimentazzjoni u l-pajjiż terz li jkun qed ifittex l-assistenza, u tinkludi wħud mill-esperti l-aktar rilevanti meħuda mill-grupp ta' esperti.

Iż-żjara ta' valutazzjoni esperta tista', fejn possibbli, titħejja permezz ta' kwestjonarji u ġbir ta' informazzjoni eżistenti; hija ser tinkludi valutazzjoni inizjali tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiż li jitlob l-assistenza. B'mod partikolari, hija ser tippermetti l-kjarifika mal-pajjiż li jitlob l-assistenza dwar x'inhuwa meħtieġ biex jiġi implimentat l-ATT b'mod effettiv u l-paragun ta' dawk ir-rekwiżiti mar-riżorsi eżistenti tal-pajjiż. Din iż-żjara ta' valutazzjoni esperta inizjali ser tiġbor flimkien aġenziji domestiċi u partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u tidentifika sħab lokali motivati u affidabbli.

(d) abbażi tar-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni esperta, l-entità ta' implimentazzjoni ser tfassal pjan direzzjonali ta' assistenza. Meta tfassal tali pjan direzzjonali tal-assistenza, l-entità ta' implimentazzjoni ser tqis kwalunkwe assistenza relatata mal-ATT possibbilment mogħtija permezz tal-Fond Fiduċjarju Volontarju tal-ATT, il-Faċilità ta' Fondi tan-NU ta' appoġġ għall-Kooperazzjoni rigward ir-Regolamentazzjoni tal-Armi (UNSCAR), jew minn organizzazzjonijiet oħra (ara wkoll it-taqsima 6 hawn taħt). Fejn il-pajjiż li jkun qed ifittex l-assistenza jkun diġà żviluppa strateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-ATT, l-entità ta' implimentazzjoni għandha tiżgura wkoll li l-pjan direzzjonali ta' assistenza jkun konsistenti ma' dik l-istrateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni;

(e) l-abbozz ta' pjan direzzjonali ta' assistenza ser jiġi kondiviż mal-pajjiż benefiċjarju bil-għan li jiġi approvat mill-awtorita xierqa. Il-pjan direzzjonali ser jitfassal speċifikament għall-pajjiż benefiċjarju u ser jidentifika l-prijoritajiet għall-assistenza;

(f) il-pjan direzzjonali ser jiġi implimentat bl-involviment ta' esperti rilevanti meħuda mill-grupp ta' esperti, u bl-involviment ta' partijiet ikkonċernati oħra skont kif ikun il-każ. L-entità ta' implimentazzjoni ser ikollha l-għażla li tiddelega l-organizzazzjoni u/jew l-implimentazzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni, u t-tfassil tal-pjan direzzjonali ta' assistenza, lil espert jew esperti esterni skont kif ikun il-każ. Dan il-proċess ser ikun issorveljat mill-entità ta' implimentazzjoni.

Il-firxa ta' strumenti ta' assistenza ser tkopri, b'mod partikolari, rieżamijiet legali, seminars ta' taħriġ, workshops, u ser tippromwovi l-użu ta' għodod ibbażati fuq il-web u sorsi ta' informazzjoni bħall-portal tal-web ta' sensibilizzazzjoni EU P2P u l-bullettin tal-EU P2P. Dawk l-istrumenti ta' assistenza ser jintgħażlu mill-entità ta' implimentazzjoni skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet eżatti identifikati miż-żjara ta' valutazzjoni esperta u f'konformità mal-pjan direzzjonali.

3.4.3. Tqassim ġeografiku tal-pjanijiet direzzjonali

B'kont meħud tal-attivitajiet li diġà twettqu taħt id-Deċiżjoni 2013/768/PESK u s-segwitu mixtieq tagħhom, id-disa' pjanijiet direzzjonali ser jiġu implimentati kif ġej (l-entità ta' implimentazzjoni inkarigata tinstab fil-parentesi):

— L-Afrika ta' Fuq, Ċentrali u tal-Punent: 5 (Expertise France)

— L-Afrika tan-Nofsinhar u tal-Lvant: 1 (BAFA)

— L-Asja tax-Xlokk: 2 (BAFA)

— Il-Lvant Nofsani u l-pajjiżi tal-Golf u l-Asja Ċentrali: 1 (Expertise France)

F'konformità mal-prattika tan-NU, il-kuntratti konklużi mal-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jispeċifikaw aktar liema pajjiżi terzi tar-reġjuni ġeografiċi msemmija hawn fuq huma relatati mal-entitajiet ta' implimentazzjoni.

3.5. Workshops ta' assistenza ad hoc

3.5.1. Objettiv tal-proġett

L-objettiv tal-workshops ta' assistenza ad hoc huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi tal-pajjiżi benefiċjarji biex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-ATT b'mod immirat u rilevanti. Dawn l-attivitajiet ta' assistenza ad hoc ser jippermettu lill-Unjoni biex tirreaġixxi b'mod flessibbli u reattiv għal talbiet għall-assistenza li jidentifikaw ħtiġijiet speċifiċi rilevanti għall-implimentazzjoni tal-ATT. Huma ser ikunu jistgħu jindirizzaw jew pajjiż benefiċjarju wieħed individwalment, jew għadd minnhom li jkollhom ħtiġijiet simili.

3.5.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Ser isiru sa 14-il workshop ta' jumejn b'reazzjoni għat-talbiet għall-assistenza mmirati u għal espressjonijiet ta' interess fl-iżvilupp ta' qasam speċifiku wieħed jew aktar ta' sistema ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi.

Dawn il-workshops ser jipprovdu assistenza speċifikament imfassla u ser jindirizzaw il-kwistjoni jew kwistjonijiet speċifiċi mqajma mill-pajjiż jew pajjiżi li jitolbu l-assistenza. Huma ser isiru fil-pajjiżi benefiċjarji u l-għarfien espert ser jingħata minn esperti mill-grupp ta' esperti.

Ir-Rappreżentant Għoli, f'konsultazzjoni mal-COARM, ser tiddeċiedi dwar kif tingħata risposta għat-talbiet għall-assistenza. Il-valutazzjoni tar-Rappreżentant Għoli ser tkun iggwidata b'mod partikolari mill-kriterji stabbiliti fit-taqsima 4, mill-preċiżjoni tat-talba u kif tidentifika l-kwistjoni jew kwistjonijiet ikkonċernati, u ser tqis il-bilanċ ġeografiku.

3.5.3. Tqassim ġeografiku tal-workshops ta' assistenza ad hoc

L-14-il workshop ta' assistenza ad hoc ser jiġu implimentati kif ġej (l-entità ta' implimentazzjoni inkarigata tinstab fil-parentesi):

— L-Amerika Latina: 3 (BAFA) u 1 (Expertise France)

— L-Afrika: 3 (Expertise France)

— L-Asja Ċentrali u tax-Xlokk: 2 (BAFA) u 1 (Expertise France)

— L-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu: 2 (BAFA)

— Il-pajjiżi tal-Golf u l-Lvant Nofsani: 2 (Expertise France)

F'konformità mal-prattika tan-NU, il-kuntratti konklużi mal-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jispeċifikaw aktar liema pajjiżi terzi tar-reġjuni ġeografiċi msemmija hawn fuq huma relatati mal-entitajiet ta' implimentazzjoni.

3.6. Konferenza finali tal-pajjiżi li jibbenefikaw minn attivitajiet ta' assistenza taħt l-ATT

3.6.1. Objettiv tal-proġett

L-objettiv tal-konferenza huwa li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u sjieda tal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħal organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti, parlamenti nazzjonali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li huma interessati fl-effettività fuq perijodu twil tal-implimentazzjoni tal-ATT.

3.6.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Il-proġett ser jieħu s-sura ta' konferenza ta' jumejn li għandha tiġi organizzata qrib it-tmiem tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u possibbilment eżatt wara l-laqgħa tal-COARM. Il-BAFA ser ikun inkarigat mill-implimentazzjoni tiegħu. Din il-Konferenza ser tiġbor rappreżentanti rilevanti tad-disa' benefiċjarji fit-tul (il-punt 3.2.1.) u ta' pajjiżi li jibbenefikaw mill-attivitajiet imsemmija fil-punti 3.4. u 3.5.

Il-Konferenza ser tiffaċilita skambji ta' esperjenza mill-pajjiżi benefiċjarji, tipprovdi informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-ATT u l-istatus ta' ratifika u ta' implimentazzjoni tal-ATT, u ser tippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti ma' rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili.

Għaldaqstant, jenħtieġ li l-parteċipanti fil-Konferenza jinkludu:

— persunal diplomatiku u militari/tad-difiża mill-pajjiżi benefiċjarji, b'mod partikolari awtoritajiet responsabbli mill-politiki nazzjonali rigward l-ATT;

— persunal tekniku u tal-infurzar tal-liġijiet mill-pajjiżi benefiċjarji, b'mod partikolari awtoritajiet tal-għoti ta' liċenzji, doganali, u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;

— rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali involuti fl-għoti ta' assistenza, kif ukoll rappreżentanti ta' pajjiżi interessati li jipprovdu jew li jirċievu assistenza strateġika ta' kontroll tal-kummerċ;

— rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) rilevanti, ta' *think tanks*, ta' parlamenti nazzjonali u tal-industrija.

Huwa mistenni li fil-konferenza jipparteċipaw sa 80 parteċipant. Il-post fejn issir u l-lista finali ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet mistiedna ser jiġu ddeterminati mir-Rappreżentant Għoli f'konsultazzjoni mal-COARM, abbażi ta' proposta magħmula mill-entità ta' implimentazzjoni.

3.7. Avvenimenti sekondarji fil-marġini tal-Konferenzi tal-Istati Partijiet għall-ATT

3.7.1. Objettiv tal-proġett

Il-konferenzi annwali tal-Istati Partijiet għall-ATT joffru opportunità unika ta' sensibilizzazzjoni ta' uffiċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti inkarigati mill-kwistjonijiet tal-ATT. L-avvenimenti sekondarji ffinanzjati mill-Unjoni, b'mod partikolari, ser jippermettu sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Unjoni ta' appoġġ għall-implimentazzjoni, jissensibilizzaw ukoll pajjiżi li jistgħu sussegwentement jitolbu assistenza, u jippromwovu prattiki tajbin b'mod partikolari mill-pajjiżi benefiċjarji.

3.7.2. Deskrizzjoni tal-proġett

Tliet avvenimenti sekondarji ser isehħu matul il-perijodu tal-programm, jiġifieri wieħed għal kull konferenza annwali tal-Istati Partijiet għall-ATT. L-Expertise France ser tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom. Il-fondi tal-UE jistgħu b'mod partikolari jkopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar sa' massimu ta' tliet esperti/uffiċjali mill-pajjiżi benefiċjarji.

4. Benefiċjarji tal-attivitajiet proġettwali msemmija fit-taqsimiet 3.4. u 3.5.

Il-benefiċjarji ta' attivitajiet proġettwali msemmija fit-taqsimiet 3.4. u 3.5. jistgħu jkunu Stati li jitolbu l-assistenza bil-għan li jimplimentaw l-ATT u li ser jintgħażlu abbażi, fost l-oħrajn, tal-kriterji li ġejjin:

— il-grad tal-impenn politiku u legali għall-aderenza mal-ATT u l-istatus tal-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali rilevanti għall-kummerċ tal-armi u l-kontroll tat-trasferiment tal-armi li jkunu applikabbli għall-pajjiż;

— il-probabbiltà ta' eżitu ta' suċċess fl-attivitajiet ta' assistenza;

— il-valutazzjoni ta' kwalunkwe assistenza possibbli li tkun diġà ngħatat jew li ġiet ippjanata fil-qasam tal-kontroll ta' oġġetti b'użu doppju u tat-trasferiment tal-armi;

— ir-rilevanza tal-pajjiż għall-kummerċ globali tal-armi;

— ir-rilevanza tal-pajjiż għall-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni;

— l-eliġibbiltà għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA, *Official Development Assistance*).

5. Entitajiet ta' implimentazzjoni

L-ammont ta' xogħol li jirriżulta mill-attivitajiet taħt din id-Deċiżjoni jagħmel l-użu ta' żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni kompetenti kunsiljabbli: il-BAFA u l-Expertise France. Fejn adatt, huma ser jissieħbu mal-aġenziji ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti, *think tanks*, istituti ta' riċerka u NGOs, jew jiddelegaw lilhom.

Il-BAFA ġie fdat mill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jimplimenta għadd ta' proġetti preċedenti relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni. Il-BAFA għaldaqstant żviluppa ammont kbir ta' għarfien u kompetenza. L-Expertise France hija inkarigata minn proġetti EU P2P relatati ma' oġġetti b'użu doppju u ffinanzjati taħt l-IcSP. Ir-rwol tagħha fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ser jgħin biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni xierqa ma' proġetti relatati mal-oġġetti b'użu doppju. Meħuda flimkien, iż-żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni għalhekk għandhom l-esperjenza ippruvata, il-kwalifiki u l-għarfien espert meħtieġ fuq il-firxa sħiħa ta' attivitajiet rilevanti tal-Unjoni ta' kontroll tal-esportazzjoni, kemm fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, kif ukoll f'dak tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi.

6. Koordinazzjoni ma' attivitajiet ta' assistenza rilevanti oħra

Jenħtieġ li tingħata wkoll l-akbar attenzjoni mill-entitajiet ta' implimentazzjoni lil attivitajiet rilevanti għall-ATT imwettqa taħt il-programm ta' azzjoni tan-NU bl-għan li jimpedixxi, jikkumbatti u jeradika l-kummerċ illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu u s-Sistema ta' Appoġġ tal-Implimentazzjoni (PoA-ISS) tiegħu, il-UNSCR 1540 (2004), il-Fond Fiduċjarju Volontarju tal-ATT u l-UNSCAR, kif ukoll lil attivitajiet ta' assistenza bilaterali. L-entitajiet ta' implimentazzjoni għandhom iżommu kuntatt skont kif ikun il-każ ma' fornituri tal-assistenza oħrajn sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-isforzi u li jkun hemm konsistenza u komplementarjetà massimi.

Il-proġett għandu jimmira wkoll li, fost il-pajjiżi benefiċjarji, tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar strumenti tal-Unjoni li jistgħu jappoġġaw kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar f'kontrolli tal-esportazzjoni. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' assistenza jagħtu informazzjoni dwar, u jippromwovu, l-istrumenti disponibbli bħall-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN u Programmi EU P2P oħrajn.

7. Viżibbiltà tal-Unjoni u disponibbiltà ta' materjal ta' assistenza

Il-materjal prodott mill-proġett ser jiżgura l-viżibbiltà tal-Unjoni, ibbażata b'mod partikolari fuq il-logo u t-tabella grafika tal-Manwal dwar il-Komunikazzjoni u l-Viżibilità u għal Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea inkluż il-logo "Programm EU P2P dwar il-kontroll tal-esportazzjoni" . Jenħtieġ li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jiġu involuti f'avvenimenti f'pajjiżi terzi biex jissaħħu s-segwitu politiku u l-viżibbiltà.

Il-portal tal-web EU P2P (https://export-control.jrc.ec.europa.eu) ser jiġi promoss għall-fini tal-attivitajiet ta' assistenza relatati mal-ATT taħt din id-Deċiżjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-entitajiet ta' implimentazzjoni jinkludu informazzjoni fuq il-portal tal-web dwar l-attivitajiet ta' assistenza rispettivi li jwettqu u jinkoraġġixxu l-konsultazzjoni u l-użu tar-riżorsi tekniċi tal-portal. Jenħtieġ li huma jiżguraw il-viżibbiltà tal-Unjoni fil-promozzjoni tal-portal tal-web. Barra minn hekk, l-attivitajiet għandhom jiġu promossi permezz tal-bullettin tal-EU P2P.

8. Valutazzjoni tal-impatt

L-impatt ta' attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni għandu jiġi vvalutat teknikament hekk kif jitlestew. Abbażi ta' informazzjoni u rapporti pprovduti mill-entitajiet ta' implimentazzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt ser titwettaq mir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-COARM u, skont kif ikun il-każ, mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

Rigward pajjiżi li bbenefikaw minn programm ta' assistenza dedikat, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-impatt tagħti attenzjoni speċjali għan-numru ta' pajjiżi benefiċjarji li jkunu rratifikaw l-ATT u għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom tal-kontroll tat-trasferiment tal-armi. Tali valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi tal-pajjiżi benefiċjarji għandha, b'mod partikolari, tkopri t-tħejjija u l-ħruġ ta' regolamenti nazzjonali rilevanti, l-adempjenza tal-obbligi ta' rappurtar taħt l-ATT, u l-għoti ta' setgħat lil korp rilevanti inkarigat mill-kontroll tat-trasferiment tal-armi.

9. Rappurtar

L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser iħejju rapporti regolari, inkluż wara t-tlestija ta' kull waħda mill-attivitajiet. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lir-Rappreżentant Għoli mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tlestija tal-attivitajiet rilevanti.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/916

## tad-29 ta' Mejju 2017

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2c tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK.

(2) Fit-12 ta' Jannar 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit permezz tar-Riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-informazzjoni dwar għaxar persuni u żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

([1]) ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51.

*ANNESS*

L-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

"A. **Persuni**

1. **François Yangouvonda BOZIZÉ (psewdonimu: a) Bozize Yangouvonda)**

Data tat-twelid: 14 ta' Ottubru 1946.

Post tat-twelid: Mouila, il-Gabon.

Ċittadinanza: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Indirizz: L-Uganda.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 9 ta' Mejju 2014.

**Informazzjoni oħra:** Ommu jisimha Martine Kofio. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5802796

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Bozize ġie elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 36 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali***

Bil-kollaborazzjoni tas-sostenituri tiegħu, Bozize ħeġġeġ l-attakk tal-5 ta' Diċembru 2013 fuq Bangui. Minn dakinhar, kompla jipprova jmexxi operazzjonijiet ta' destabilizzazzjoni sabiex jinżammu t-tensjonijiet fil-kapitali tar-RĊA. Ġie rappurtat li Bozize ħoloq il-grupp tal-milizzja anti-Balaka qabel ma ħarab mir-RĊA fl-24 ta' Marzu 2013. F'komunikat, Bozize ħeġġeġ lill-milizzja tiegħu biex tkompli bl-atroċitajiet kontra r-reġim attwali u l-Iżlamisti. Ġie rappurtat li Bozize pprovda appoġġ finanzjarju u materjali lill-ġellieda tal-milizzja li qed jaħdmu biex jiddestabilizzaw it-transizzjoni attwali u biex Bozize jerġa' jkun fil-poter. Il-parti l-kbira tal-anti-Balaka huma mill-Forzi Armati Ċentru-Afrikani li tferrxu fil-kampanja wara l-kolp ta' stat u sussegwentement ġew organizzati mill-ġdid minn Bozize. Bozize u s-sostenituri tiegħu jikkontrollaw aktar minn nofs l-unitajiet anti-Balaka.

Il-forzi leali lejn Bozize kienu armati b'azzarini tal-assalt, artillerija tal-murtali u rocket-launchers u qed jieħdu sehem dejjem aktar f'attakki ta' tpattija kontra l-popolazzjoni Musulmana tar-RĊA. Is-sitwazzjoni fir-RĊA ddeterjorat b'mod rapidu wara l-attakk tal-5 ta' Diċembru 2013 f'Bangui mill-forzi anti-Balaka meta nqatlu aktar minn 700 persuna.

2. **Nourredine ADAM (psewdonimu: a) Nureldine Adam; b) Nourreldine Adam; c) Nourreddine Adam; d) Mahamat Nouradine Adam)**

Deżinjazzjoni: a) Direttur Ġenerali tal-"Kumitat Straordinarju għad-Difiża tal-Kisbiet Demokratiċi"; b) Ministru għas-Sigurtà; c) Ġeneral.

Data tat-twelid: a) 1970 b) 1969 c) 1971 d) 1 ta' Jannar 1970.

Post tat-twelid: Ndele, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Ċittadinanza: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana. Nru tal-passaport: D00001184

Indirizz: Birao, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 9 ta' Mejju 2014

**Informazzjoni oħra:** Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5802798

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Nourredine ġie elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 36 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali***

Noureddine hu wieħed mill-mexxejja oriġinali tas-Seleka. Ġie identifikat kemm bħala Ġeneral kif ukoll bħala l-President ta' wieħed mill-gruppi ribelli armati tas-Seleka, il-PJCC Ċentrali, grupp formalment magħruf bħala l-Convention of Patriots for Justice and Peace u li l-akronimu tiegħu hu magħruf ukoll bħala CPJP. Bħala kap preċedenti tal-grupp "Fundamental" li nqata' mill-Convention of Patriots for Justice and Peace (CPJP/F), kien il-koordinatur militari tal-eks-Séléka waqt l-attakki fir-ribelljoni preċedenti fir-Repubblika Ċentru-Afrikana bejn il-bidu ta' Diċembru 2012 u Marzu 2013. Mingħajr l-għajnuna u r-relazzjoni mill-qrib ta' Noureddine mal-Forzi Speċjali taċ-Chad, x'aktarx li s-Seleka ma kienx jirnexxielhom jaħtfu l-poter mill-eks-President tar-RĊA Francois Bozize.

Sa mill-ħatra, bħala president interim, ta' Catherine Samba-Panza fl-20 ta' Jannar 2014, huwa kien wieħed mill-awturi ewlenin tal-irtirar tattiku tal-eks-Séléka f'Sibut bil-għan li jiġi implimentat il-pjan tiegħu li joħloq fortizza Musulmana fit-Tramuntana tal-pajjiż. Huwa kien ħeġġeġ biċ-ċar lill-forzi tiegħu biex jirreżistu l-ordnijiet tal-gvern transitorju u tal-mexxejja militari tal-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għar-Repubblika Ċentru-Afrikana taħt tmexxija Afrikana (MISCA). Noureddine jidderieġi attivament lill-eks-Seleka, il-forzi li kienu tas-Seleka li ntqal li ġew xolti minn Djotodia f'Settembru 2013, u jidderieġi operazzjonijiet kontra distretti Kristjani u jkompli jipprovdi appoġġ u direzzjoni sinifikanti lill-eks-Seleka li jaħdmu fir-RĊA.

Nourredine kien elenkat ukoll fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 37(b) tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala "involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jew il-liġi umanitarja internazzjonali, skont il-każ".

Wara li s-Séléka ħadet il-kontroll ta' Bangui fl-24 ta' Marzu 2013, Nourredine Adam inħatar Ministru tas-Sigurtà, imbagħad Direttur Ġenerali tal-"Kumitat Straordinarju għad-Difiża tal-Kisbiet Demokratiċi" (*Comité extraordinaire de défense des acquis démocratiques — CEDAD*, servizz ta' intelligence tar-RĊA li ma għadux jeżisti). Nourredine Adam uża s-CEDAD bħala l-pulizija politika personali tiegħu, li permezz tagħha wettaq bosta arresti arbitrarji, atti ta' tortura u eżekuzzjonijiet sommarji. Barra minn dan, Noureddine kien wieħed mill-figuri ċentrali wara l-operazzjoni mdemmija f'Boy Rabe. F'Awwissu 2013, il-forzi tas-Seleka attakkaw Boy Rabe, distrett tar-RĊA meqjus bħala fortizza tas-sostenituri ta' Francois Bozize u l-grupp etniku tiegħu. Bl-iskuża li jfittxu armi moħbija, ġie rrappurtat li t-truppi tas-Seleka qatlu għexieren ta' ċittadini ċivili u nfexxew jisirqu kull ma sabu. Meta dawn l-attakki nfirxu għal żoni oħra, eluf ta' residenti invadew l-ajruport internazzjonali, li kien meqjus bħala post sigur minħabba l-preżenza ta' truppi Franċiżi, u okkupaw ir-runway tiegħu.

Nourredine kien ukoll elenkat fid-9 ta' Mejju 2014 skont il-paragrafu 37(d) tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) bħala li "ipprovda appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali".

Lejn il-bidu tal-2013, Nourredine Adam qeda rwol importanti fin-netwerks ta' finanzjament tal-eks-Séléka. Ivvjaġġa fl-Arabja Sawdija, il-Qatar u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għar-ribelljoni preċedenti. Ħadem ukoll bħala faċilitatur għal ċirku Chadjan ta' traffikanti ta' djamanti li jopera bejn ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u ċ-Chad.

4. **Alfred YEKATOM (psewdonimu: a) Alfred Yekatom Saragba b) Aifred Ekatom c) Alfred Saragba d) Colonel Rombhot e) Colonel Rambo f) Colonel Rambot g) Colonel Rombot h) Colonel Romboh)**

Deżinjazzjoni: Kap Kapural tal-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA)

Data tat-twelid: 23 ta' Ġunju 1976

Post tat-twelid: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Ċittadinanza: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Indirizz: a) Mbaiki, Provinċja ta' Lobaye, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. +236 72 15 47 07/ +236 75 09 43 41) b) Bimbo, Provinċja ta' Ombella-Mpoko, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (post preċedenti)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:** Ikkontrolla u kien il-kmandant ta' grupp kbir ta' membri rġiel tal-milizzja armata. Isem il-missier (missier adottiv) huwa Ekatom Saragba (spellut ukoll Yekatom Saragba). Ħu Yves Saragba, Kmandant tal-milizzji anti-Balaka f'Batalimo, provinċja ta' Lobaye, u eks-suldat tal-FACA. Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: iswed; kulur tax-xagħar: fartas; karnaġġjon: iswed; tul: 170cm; piż 100kg. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5891143

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Alfred Yekatom ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Alfred Yekatom, magħruf ukoll bħala Colonel Rombhot, huwa mexxej tal-milizzja ta' fazzjon tal-moviment tal-milizzji anti-Balaka, magħruf bħala "anti-Balaka from the South". Huwa kien jokkupa l-kariga ta' Kap Kapural fil-*Forces Armées Centrafricaines* (FACA — forzi armati tar-Repubblika Ċentru-Afrikana).

Yekatom kien involut fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, inkluż atti li jheddu l-ftehimiet transitorji, u li jheddu l-proċess ta' transizzjoni politika. Yekatom kien jikkontrolla u kien il-kmandant ta' grupp kbir ta' membri rġiel tal-milizzja armata bi preżenza fil-viċinat ta' PK9 f'Bangui, u fil-bliet ta' Bimbo (Provinċja Ombella-Mpoko) Cekia, Pissa, u Mbaïki (il-kapitali tal-Provinċja Lobaye), u kien stabbilixxa l-kwartieri ġenerali tiegħu f'konċessjoni forestali f'Batalimo.

Yekatom kellu kontroll dirett ta' tużżana punti ta' kontroll magħmulin minn medja ta' għaxar membri rġiel tal-milizzja armata lebsin l-uniformi tal-armata u jġorru l-armi, inkluż azzarini tal-assalt militari, mill-pont prinċipali bejn Bimbo u Bangui sa Mbaïki (Provinċja ta' Lobaye) u minn Pissa sa Batalimo (ħdejn il-fruntiera mar-Repubblika tal-Kongo), fejn kien jiġbor taxxi mhux awtorizzati minn vetturi u muturi privati, vannijiet tal-passiġġieri u trakkijiet li jesportaw riżorsi tal-foresti lejn il-Kamerun u ċ-Chad, iżda wkoll minn dgħajjes li jbaħħru fuq ix-xmara Oubangui. Yekatom ġie osservat jiġbor personalment parti minn dawn it-taxxi mhux awtorizzati. Yekatom u l-milizzja tiegħu wkoll ġew allegatament irrapurtati li qatlu ċivili.

5. **Habib SOUSSOU (psewdonimu: Soussou Abib)**

Deżinjazzjoni: a) Koordinatur ta' milizzji anti-Balaka għall-Provinċja ta' Lobaye b) Kapural tal-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA)

Data tat-twelid: 13 ta' Marzu 1980

Post tat-twelid: Boda, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Ċittadinanza: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Indirizz: Boda, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. + 236 72198628)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:** Maħtur bħala kmandant taż-żona (COMZONE) ta' Boda fil-11 ta' April 2014 u fit-28 ta' Ġunju 2014, għall-Provinċja kollha ta' Lobaye. Taħt il-kmand tiegħu, baqgħu jseħħu qtil immirat, ġlied u attakki kontra l-organizzazzjonijiet umanitarji u l-ħaddiema umanitarji. Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: kannella; kulur tax-xagħar: iswed; tul: 160cm; piż: 60kg. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5891199

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Habib Soussou ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafi 11 u 12 (b) u (e) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza"; "involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li tikkostitwixxi abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, fil-mira taċ-ċivili, attakki abbażi ta' etnika jew reliġjon, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u ħtif u spustament furzat" u; "li jostakola l-għoti ta' assistenza umanitarja lir-RĊA, jew l-aċċess għal, jew id-distribuzzjoni ta' assistenza umanitarja fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Habib Soussou ġie maħtur bħala kmandant taż-żona tal-milizzji anti-Balaka (COMZONE) ta' Boda fil-11 ta' April 2014, u huwa sostna li huwa kien għalhekk responsabbli għas-sitwazzjoni ta' sigurtà fis-*sous-préfecture*. Fit-28 ta' Ġunju 2014, il-koordinatur ġenerali ta' milizzji anti-Balaka, Patrice Edouard Ngaïssona ħatar lil Habib Soussou bħala koordinatur provinċjali għall-belt ta' Boda mill-11 ta' April 2014 u mit-28 ta' Ġunju 2014 għall-provinċja kollha ta' Lobaye. Qtil immirat, ġlied u attakki minn milizzji anti-Balaka f'Boda kontra l-organizzazzjonijiet umanitarji u ħaddiema umanitarji li seħħew fuq bażi ta' kull ġimgħa f'oqsma li għalihom Soussou huwa l-kmandant jew il-koordinatur tal-milizzji anti-Balaka. Soussous u l-forzi tal-milizzji anti-Balaka f'dawn iż-żoni laqtu u heddew ukoll li jolqtu persuni ċivili.

6. **Oumar YOUNOUS ABDOULAY (psewdonimu: (a) Oumar Younous; (b) Omar Younous; (c) Oumar Sodiam; (d) Oumar Younous M'Betibangui).**

Deżinjazzjoni: Eks-ġeneral tas-Séléka.

Data tat-twelid: 2 ta' April 1970.

Ċittadinanza: Is-Sudan, Passaport diplomatiku tar-RĊA bin-numru D 00000898, maħruġ fil-11 ta' April 2013, (validu sal-10 ta' April 2018).

Indirizz: (a) Bria, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. +236 75507560); (b) Birao, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; (c) Tullus, in-nofsinhar ta' Darfur, Sudan (post preċedenti).

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:** huwa traffikant tad-djamanti u ġeneral bi tliet stilel tas-Séléka u persuna ta' fiduċja tal-eks-president interim tar-RĊA, Michel Djotodia. Deskrizzjoni fiżika: kulur tax-xagħar: iswed; tul: 180 cm; jagħmel parti mill-grupp etniku ta' Fulani. Ritratt disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Rappurtat mejjet fil-11 ta' Ottubru 2015. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5903116

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Oumar Younous ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont mal-paragrafi 11 u 12(d) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew jiksru l-ftehimiet transitorji, jew li jheddu jew jimpedixxu l-proċess ta' transizzjoni politika, inkluża t-transizzjoni għal elezzjonijiet demokratiċi liberi u ġusti, jew li jinstigaw il-vjolenza"; u "li jipprovdu appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, u l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Oumar Younous, bħala Ġeneral tal-eks-Séléka u kuntrabandist tad-djamanti, ta appoġġ lil grupp armat permezz tal-isfruttament illeċitu u l-kummerċ tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

F'Ottubru 2008, Oumar Younous, eks-xufier għall-istabbiliment tax-xiri ta' djamanti Sodiam, ingħaqad mal-grupp tar-ribelli *Mouvement des Libérateurs Centrafricains pour la Justice* (MLCJ). F'Diċembru 2013, Oumar Younous ġie identifikat bħala ġeneral bi tliet stilel tas-Séléka u persuna ta' fiduċja tal-president interim, Michel Djotodia.

Younous huwa involut fil-kummerċ tad-djamanti minn Bria u Sam Ouandja lejn is-Sudan. Sorsi rrappurtaw li Oumar Younous kien involut fil-ġbir ta' pakketti tad-djamanti moħbija fi Bria, u kien jieħodhom is-Sudan biex jinbiegħu.

7. **Haroun GAYE (psewdonimu: (a) Haroun Geye; (b) Aroun Gaye; (c) Aroun Geye).**

Deżinjazzjoni: Relatur tal-koordinazzjoni politika tal-*Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique* (FPRC).

Data tat-twelid: (a) 30 ta' Jannar 1968; (b) 30 ta' Jannar 1969.

Nru tal-passaport: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana numru O 00065772 (Ittra O segwita bi 3 żerijiet), jiskadi fit-30 ta' Diċembru 2019.

Indirizz: Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 17 ta' Diċembru 2015.

**Informazzjoni oħra:** Gaye huwa mexxej tal-Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique (FPRC) (mhux elenkat), grupp armat emarġinat tal-eks-Seleka f'Bangui. Huwa wkoll mexxej tal-hekk imsejjaħ "Defense Committee" tal-PK5ta' Bangui (magħruf bħala PK5 Resistance' jew 'Texas') (mhux elenkat), li jikseb il-flus mir-residenti permezz ta' estorsjoni u li jhedded u juża l-vjolenza fiżika. Fit-2 ta' Novembru 2014 Gaye ġie maħtur minn Nourredine Adam (CFi.002) bħala relatur tal-koordinazzjoni politika tal-FPRC. Fid-9 ta' Mejju 2014, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit bir-Riżoluzzjoni 2127 (2013) dwar ir-RĊA inkluda lil Adam fuq il-lista tas-sanzjonijiet tiegħu. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5915753

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Haroun Gaye ġie elenkat fis-17 ta' Diċembru 2015 skont il-paragrafi 11 u 12(b) u (f) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala "li ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; u "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar, jew it-twettiq ta' attakki kontra l-missjonijiet tan-NU jew tal-preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-Minusca, il-missjonijiet tal-Unjoni u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom".

***Informazzjoni addizzjonali:***

HAROUN GAYE ilu, mill-bidu tal-2014, wieħed mill-mexxejja ta' grupp armat li jopera fil-viċinat tal-PK5 f'Bangui. Ir-rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili fil-viċinat tal-PK5 jiddikjaraw li Gaye u l-grupp armat tiegħu qed jalimentaw il-konflitt f'Bangui, u dan jopponi r-rikonċiljazzjoni u jipprevjeni ċ-ċaqliq tal-popolazzjoni lejn it-tielet distrett ta' Bangui u l-ħruġ minnu. Fil-11 ta' Mejju 2015, Gaye u 300 dimostrant imblukkaw l-aċċess għall-Kunsill Transizzjonali Nazzjonali biex ifixklu l-aħħar jum tal-Forum ta' Bangui. GAYE ġie rrappurtat li kkollabora mal-uffiċjali tal-moviment anti-Balaka biex jikkoordina t-tfixkil.

Fis-26 ta' Ġunju 2015, Gaye u kontinġent żgħir qrib tiegħu xekklu l-ftuħ tal-eżerċizzju ta' inkoraġġiment tar-reġistrazzjoni tal-votanti fil-viċinat tal-PK5 f'Bangui, u dan wassal biex jingħalaq l-eżerċizzju ta' inkoraġġiment tar-reġistrazzjoni.

Il-Minusca għamlet tentattiv biex tarresta lil Gaye fit-2 ta' Awwissu 2015, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 32(f)(i) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2217 (2015). Gaye, li allegatament ġie informat bit-tentattiv ta' arrest minn qabel, kien lest għalihom flimkien mal-partitarji armati b'armi tqal. Il-forzi ta' Gaye fetħu n-nar fuq it-Task Force Konġunta tal-Minusca. Fi ġlieda bl-armi tan-nar li damet għaddejja seba' sigħat, l-irġiel ta' Gaye għamlu użu minn armi tan-nar, dawk bi propulsjoni permezz ta' rokit u hand grenades kontra t-truppi tal-Minusca u qatlu membru wieħed tal-persunal għaż-żamma tal-paċi u darbu tmien persuni. Gaye kien involut fl-inkoraġġiment ta' protesti u taqbidiet vjolenti lejn l-aħħar ta' Settembru 2015 f'dak li jidher li kien attentat ta' kolp ta' stat biex iwaqqa' l-Gvern Transizzjonali. L-attentat ta' kolp ta' stat x'aktarx kien immexxi mill-partitarji tal-eks-President Bozize f'alleanza ta' konvenjenza ma' Gaye u mexxejja oħra tal-FPRC. Jidher li Gaye kellu l-għan li joħloq ċiklu ta' attakki ta' ritaljazzjoni li kienu ser ikunu ta' theddida għall-elezzjonijiet li jmiss. Gaye kien responsabbli għall-koordinazzjoni mal-elementi emarġinati tal-moviment anti-Balaka.

Fl-1 ta' Ottubru 2015, saret laqgħa fil-viċinat tal-PK5 bejn Eugène Barret Ngaïkosset, membru ta' grupp emarġinat tal-moviment anti-Balaka u Gaye, bil-għan li jippjanaw attakk konġunt fuq Bangui nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru. Il-grupp ta' Gaye ma ħallewx lill-persuni li kienu jinsabu ġewwa d-distrett tal-PK5 jitilqu minnu, sabiex tissaħħaħ l-identità komunali tal-popolazzjoni Musulmana bil-għan li jiżdiedu t-tensjonijiet interetniċi u tiġi evitata r-rikonċiljazzjoni. Fis-26 ta' Ottubru 2015, Gaye u l-grupp tiegħu interrompew laqgħa bejn l-Arċisqof ta' Bangui u l-Imam tal-Moskea Ċentrali ta' Bangui, u heddew lid-delegazzjoni li kellha tirtira mill-Moskea Ċentrali u taħrab mid-distrett tal-PK5.

8. **Eugène BARRET NGAÏKOSSET (psewdonimu: (a) Eugene Ngaikosset; (b) Eugene Ngaikoisset; (c) Eugene Ngakosset; (d) Eugene Barret Ngaikosse; (e) Eugene Ngaikouesset; (f) 'The Butcher of Paoua'; (g) Ngakosset)**

Deżinjazzjoni: (a) eks-Kaptan, Gwardja Presidenzjali tar-RĊA; (b) eks-Kaptan, Forzi Navali tar-RĊA.

Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: Numru ta' identifikazzjoni militari tal-forzi armati tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (FACA) 911-10-77.

Indirizz: (a) Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 17 ta' Diċembru 2015.

**Informazzjoni oħra:** Il-Kaptan Eugène Barret Ngaïkosset huwa eks-membru tal-gwardja presidenzjali tal-eks-President François Bozizé u huwa assoċjat mal-moviment anti-Balaka. Huwa ħarab mill-ħabs fis-17 ta' Mejju 2015 wara l-estradizzjoni tiegħu minn Brazzaville u ħoloq il-fazzjoni proprja tiegħu tal-moviment anti-Balaka bl-inklużjoni ta' eks-ġellieda tal-FACA.

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Eugène Barret Ngaïkosset ġie elenkat fis-17 ta' Diċembru 2015 skont il-paragrafi 11 u 12(b) u (f) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "kien involut fl-ippjanar, it-tmexxija jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, immirar ta' persuni ċivili, attakki abbażi ta' etniċità jew reliġjon, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u sekwestru u spostament furzat"; u "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar, jew it-twettiq ta' attakki kontra l-missjonijiet tan-NU jew tal-preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-Minusca, il-missjonijiet tal-Unjoni u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Ngaïkosset huwa wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għat-twettiq tal-vjolenza li faqqgħet f'Bangui lejn l-aħħar ta' Settembru 2015. Ngaïkosset u membri oħrajn tal-moviment anti-Balaka ħadmu flimkien mal-membri emarġinati tal-eks-Séléka fi sforz biex jiddestabbilizzaw il-Gvern Transizzjonali tar-RĊA. Fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 2015, Ngaïkosset u persuni oħra għamlu tentattiv ta' attakk bla suċċess fuq il-kamp tal-ġendarmerija "Izamo" sabiex jisirqu armi u munizzjon. Fit-28 ta' Settembru, il-grupp iċċirkonda l-uffiċċji tar-radju nazzjonali tar-RĊA.

Fl-1 ta' Ottubru 2015, saret laqgħa fil-viċinat tal-PK5 bejn Ngaïkosset u Haroun Gaye, mexxej tal-*Front Populaire pour la Renaissance de Centrafrique* (FPRC), bil-għan li jippjanaw attakk konġunt fuq Bangui nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru.

Fit-8 ta' Ottubru 2015, il-Ministru għall-Ġustizzja tar-RĊA ħabbar pjanijiet sabiex jinvestiga lil Ngaïkosset u individwi oħra għar-rwoli tagħhom fil-vjolenza f'Bangui f'Settembru 2015. Ngaïkosset u l-oħrajn issemmew li kienu involuti f'"imġiba flagranti li tikkostitwixxi ksur tas-sigurtà interna tal-istat, konfoffa, inċitament għal gwerra ċivili, diżubbidjenza ċivili, mibegħda u kompliċità". L-awtoritajiet legali tar-RĊA ngħataw struzzjoni biex jiftħu investigazzjoni biex ifittxu u jarrestaw lill-awturi u l-kompliċi tagħhom.

Fil-11 ta' Ottubru 2015, Ngaïkosset huwa maħsub li talab lill-milizzja anti-Balaka taħt il-kmand tiegħu biex twettaq sekwestri ta' persuni, b'enfasi partikolari fuq ċittadini Franċiżi, iżda wkoll personaġġi politiċi tar-RĊA u uffiċjali tan-NU, bil-għan li tisforza lill-President Transizzjonali, is-Sinjura Catherine Samba-Panza biex titlaq.

9. **Joseph KONY (Psewdonimu: a) Kony b) Joseph Rao Kony c) Josef Kony d) Le Messie sanglant)**

Deżinjazzjoni: Kmandant tal-Lord's Resistance Army

Data tat-twelid: a) 1959 b) 1960 c) 1961 d) 1963 e) 18 Sett. 1964 f) 1965 g) (Aww. 1961) h) (Lul. 1961) i) 1 Jan. 1961 j) (Apr. 1963)

Post tat-twelid: a) Villaġġ Palaro, Parroċċa Palaro, Kontea Omoro, Distrett Gulu, Uganda b) Odek, Omoro, Gulu, Uganda c) Atyak, Uganda

Ċittadinanza: Passaport Ugandiż

Indirizz: a) Vakaga, Repubblika Ċentru-Afrikana b) Haute-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana c) Basse-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana d) Haut-Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana e) Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana f) Haut-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo g) Bas-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo h) (Indirizz iddikjarat: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat). F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 7 ta' Marzu 2016.

**Informazzjoni oħra:** Kony huwa l-fundatur u l-mexxej tal-Lord's Resistance Army (LRA) (CFe.002). Taħt it-tmexxija tiegħu, l-LRA kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. L-LRA hija responsabbli għall-ħtif, l-ispostament, it-twettiq ta' vjolenza sesswali kontra, u l-qtil ta' mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Isem il-missier huwa Luizi Obol. Isem l-omm huwa Nora Obol.

Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5932340

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Joseph Kony ġie elenkat fis-7 ta' Marzu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (b), (c), u (d) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; "li jirrekluta jew juża tfal f'konflitti armati fir-RĊA, bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli"; u "li pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

Kony waqqaf il-Lord's Resistance Army (LRA) u ġie deskritt bħala l-fundatur, il-mexxej reliġjuż, il-president, u l-kap kmandant tal-grupp. L-LRA feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet, u kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. Taħt pressjoni militari dejjem tiżdied, Kony ordna lil-LRA biex tirtira mill-Uganda fl-2005 u l-2006. Minn dak iż-żmien, l-LRA qed topera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-RĊA, is-Sudan t'Isfel u allegatament is-Sudan.

Kony, bħala l-mexxej tal-LRA, ifassal u jimplimenta l-istrateġija tal-LRA, inkluż ordnijiet permanenti biex jiġu attakkati u ttrattati b'mod vjolenti l-popolazzjonijiet ċivili. Minn Diċembru 2013, l-LRA taħt it-tmexxija ta' Joseph Kony ħatfet, spostat, wettqet vjolenza sesswali kontra, u qatlet mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Ikkonċentrata fil-Lvant tar-RĊA u allegatament f'Kafia Kingi, territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi deċiż iżda kkontrollat mill-militar tas-Sudan, l-LRA tattakka villaġġi biex tisraq l-ikel u l-provvisti. Il-ġellieda jwettqu imbuskati biex jattakkaw lill-forzi tas-sigurtà u jisirqu t-tagħmir tagħhom meta dawn jirrispondu għall-attakki tal-LRA, u l-ġellieda tal-LRA jimmiraw u jisirqu wkoll villaġġi li m'għandhomx preżenza militari. L-LRA intensifikat ukoll l-attakki fuq siti ta' minjieri tad-deheb u d-djamanti.

Kony huwa soġġett għal mandat ta' arrest maħruġ mill-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Qorti Kriminali Internazzjonali akkużatu b'tnax-il akkuża ta' reati kontra l-umanità inkluż qtil, skjavitù, skjavitù sesswali, stupru, atti inumani li jikkawżaw korriment serju u tbatija, u wieħed u għoxrin akkuża ta' delitti tal-gwerra, inkluż il-qtil, it-trattament krudil ta' persuni ċivili, l-attakk dirett b'mod intenzjonali kontra popolazzjoni ċivili, is-sakkeġġ, l-inċitament għall-istupru u l-ingaġġar, permezz tas-sekwestru, ta' tfal taħt il-ħmistax-il sena.

Kony ħareġ ordnijiet permanenti biex ġellieda ribelli jisirqu d-djamanti u d-deheb minn minaturi artiġjanali fil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana. Allegatament, uħud mill-minerali mbagħad jiġu ttrasportati mill-grupp ta' Kony lejn is-Sudan, jew jiġu nnegozjati ma' ċittadini lokali u membri ta' dik li kienet is-Séléka.

Kony ta wkoll struzzjonijiet lill-ġellieda tiegħu biex jikkaċċaw illegalment iljunfanti fil-Park Nazzjonali ta' Garamba fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, minn fejn allegatament jiġu ttrasportati n-nejbiet tal-iljunfanti mil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana lejn is-Sudan, fejn uffiċjali għolja tal-LRA allegatament ibigħu u jinnegozjaw ma' negozjanti Sudaniżi u uffiċjali lokali. Il-kummerċ tal-avorju jirrappreżenta sors ta' dħul sinifikanti għall-grupp ta' Kony. F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.

10. **Ali KONY (Psewdonimu: a) Ali Lalobo b) Ali Mohammad Labolo c) Ali Mohammed d) Ali Mohammed Lalobo e) Ali Mohammed Kony f) Ali Mohammed Labola g) Ali Mohammed Salongo h) Ali Bashir Lalobo i) Ali Lalobo Bashir j) Otim Kapere k) "Bashir" l) "Caesar" m) "One-P" n) "1-P"**

Deżinjazzjoni: Viċi, Lord's Resistance Army

Data tat-twelid: a) 1994 b) 1993 c) 1995 d) 1992

Indirizz: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat).

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 23 ta' Awwissu 2016.

**Informazzjoni oħra:** Ali Kony huwa viċi fil-Lord's Resistance Army (LRA), entità ddeżinjata, u iben il-mexxej tal-LRA Joseph Kony, individwu ddeżinjat. Ali kien inkorporat fil-ġerarkija ta' tmexxija tal-LRA fl-2010. Huwa jagħmel parti mill-grupp ta' uffiċjali għolja tal-LRA li huma bbażati ma' Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5971056

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ali Kony ġie elenkat fit-23 ta' Awwissu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (d) u (g) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li jipprovdi appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA"; "li hu mexxej ta' entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016) jew li pprovda appoġġ għal, jew aġixxa għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', individwu jew entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016), jew entità li tkun il-proprjetà ta' jew ikkontrollata minn individwu jew entità ddeżinjata".

Ali Kony huwa meqjus bħala suċċessur potenzjali ta' Joseph Kony bħala l-mexxej tal-LRA. Ali huwa dejjem aktar involut fl-ippjanar operazzjonali tal-LRA u huwa meqjus bħala l-aċċess għal Joseph Kony. Ali huwa wkoll uffiċjal tal-intelligence tal-LRA u għandu sa 10 uffiċjali taħtu.

Ali u ħuh Salim Kony kienu t-tnejn responsabbli għall-infurzar tad-dixxiplina fi ħdan l-LRA. Iż-żewġt aħwa huma magħrufa li huma parti miċ-ċirku intern ta' tmexxija ta' Joseph Kony, responsabbli mit-twettiq tal-ordnijiet ta' Kony. It-tnejn li huma ħadu deċiżjonijiet dixxiplinarji li jikkastigaw jew joqtlu membri tal-LRA li ma obdewx ir-regoli tal-LRA. Fuq ordnijiet ta' Joseph Kony, Salim u Ali huma involuti fit-traffikar tal-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), li jgħaddi mir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) għar-reġjun ikkontestat ta' Kafia Kingi għall-bejgħ jew kummerċ ma' negozjanti lokali.

Ali Kony huwa responsabbli biex jinnegozja l-prezzijiet tal-avorju u t-tpartit tal-avorju man-negozjanti. Ali jiltaqa' darba jew darbtejn fix-xahar ma' negozjanti biex jinnegozja l-prezz tal-avorju tal-LRA f'dollari Amerikani jew liri Sudaniżi, jew biex ipartat ma' armi, munizzjon, u ikel. Joseph Kony ordna lil Ali biex juża l-akbar nejbiet tal-iljunfanti għax-xiri ta' mini kontra l-persuni biex jiċċirkondaw il-kamp ta' Kony. F'Lulju 2014, Ali Kony mexxa l-operazzjoni għall-ġarr ta' 52 biċċa tal-avorju biex waslu għand Joseph Kony u finalment inbiegħu.

F'April 2015, Salim telaq minn Kafia Kingi biex iġib kunsinna ta' nejbiet tal-iljunfanti. F'Mejju, Salim ħa sehem fil-ġarr ta' 20 biċċa tal-avorju mir-RDK għal Kafia Kingi. F'dak l-istess żmien, Ali ltaqa' man-negozjanti biex jixtri provvisti u jippjana laqgħa fil-futur biex iwettaq aktar tranżazzjonijiet u jiftiehem dwar il-kondizzjonijiet ta' xiri f'isem l-LRA għal dak li kien stmat li kien l-avorju li Salim kien qed jeskorta.

11. **Salim KONY (Psewdonimu: a) Salim Saleh Kony b) Salim Saleh c) Salim Ogaro d) Okolu Salim e) Salim Saleh Obol Ogaro f) Simon Salim Obol)**

Deżinjazzjoni: Viċi, Lord's Resistance Army

Data tat-twelid: a) 1992 b) 1991 c) 1993

Indirizz: a) Kafia Kingi, (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat) b) ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 23 ta' Awwissu 2016

**Informazzjoni oħra:** Salim Kony huwa viċi fl-Lord's Resistance Army (LRA), entità ddeżinjata, u iben il-mexxej tal-LRA Joseph Kony, individwu ddeżinjat. Salim kien inkorporat fil-ġerarkija ta' tmexxija tal-LRA fl-2010. Huwa jagħmel parti mill-grupp ta' uffiċjali għolja tal-LRA li huma bbażati ma' Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5971058

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Salim Kony ġie elenkat fit-23 ta' Awwissu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (d) u (g) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħa sehem fi jew ipprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li jipprovdi appoġġ lil gruppi armati jew netwerks kriminali permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA"; "li hu mexxej ta' entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016) jew li pprovda appoġġ għal, jew aġixxa għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', individwu jew entità ddeżinjata mill-Kumitat skont il-paragrafi 36 jew 37 tar-Riżoluzzjoni 2134 (2014) jew ir-Riżoluzzjoni 2262 (2016), jew entità li tkun il-proprjetà ta' jew ikkontrollata minn individwu jew entità ddeżinjata".

Salim Kony huwa l-Kap Kmandant tal-"kwartieri ġenerali" tal-LRA u b'mod konġunt ippjana attakki tal-LRA u miżuri difensivi ma' Joseph Kony sa minn età bikrija. Preċedentement, Salim mexxa grupp li jipprovdi s-sigurtà għal Joseph Kony. Aktar reċentement, Joseph Kony inkariga lil Salim bil-ġestjoni tan-netwerks finanzjarji u loġistiċi tal-LRA.

Salim u ħuh Ali Kony kienu t-tnejn responsabbli għall-infurzar tad-dixxiplina fi ħdan l-LRA. Iż-żewġt aħwa huma magħrufa li huma membri taċ-ċirku intern ta' tmexxija ta' Joseph Kony, li huma responsabbli mit-twettiq tal-ordnijiet ta' Joseph Kony. It-tnejn li huma ħadu deċiżjonijiet dixxiplinarji li jikkastigaw jew joqtlu membri tal-LRA li ma obdewx ir-regoli tal-LRA. Salim huwa rrapportat li qatel membri tal-LRA li kellhom l-intenzjoni jiddiżertaw, u rrapporta l-attivitajiet tal-grupp u tal-membri lil Joseph Kony.

Fuq ordnijiet ta' Joseph Kony, Salim u Ali huma involuti fit-traffikar tal-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), li jgħaddi mir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) għar-reġjun ikkontestat ta' Kafia Kingi għall-bejgħ jew kummerċ ma' negozjanti lokali.

Salim spiss jibgħat fil-fruntiera tal-RĊA madwar tużżana ġellieda biex jiltaqgħu u jeskortaw gruppi oħra tal-LRA li jġorru l-avorju lejn it-Tramuntana minn Garamba. F'April 2015, Salim telaq minn Kafia Kingi biex iġib kunsinna ta' nejbiet tal-iljunfanti. F'Mejju, Salim ħa sehem fil-ġarr ta' għoxrin biċċa tal-avorju mir-RDK għal Kafia Kingi.

Preċedentement, f'Ġunju 2014, Salim qasam lejn ir-RDK ma' grupp ta' ġellieda tal-LRA biex jikkaċċaw illegalment iljunfanti f'Garamba. Joseph Kony kien inkariga wkoll lil Salim bl-iskortar ta' żewġ kmandanti tal-LRA lejn Garamba biex isibu avorju li ġie moħbi hemmhekk snin qabel. F'Lulju 2014, Salim iltaqa' mat-tieni grupp tal-LRA biex jittrasportaw l-avorju, b'kollox 52 biċċa, lejn Kafia Kingi. Salim kien responsabbli għal rendikont dwar l-avorju lil Joseph Kony u biex jgħaddi informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-avorju lil gruppi tal-LRA.

B. **Entitajiet**

1. **BUREAU D'ACHAT DE DIAMANT EN CENTRAFRIQUE/KARDIAM (*Psewdonimu:* a) BADICA/KRDIAM b) KARDIAM)**

Indirizz: a) BP 333 Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Tel. + 32 3 2310521, Fax. +32 3 2331839, posta elettronika: kardiam.bvba@skynet.be, sit web: www.groupeabdoulkarim.com) b) Antwerp, il-Belġju

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 20 ta' Awwissu 2015

**Informazzjoni oħra:** Immexxi minn Abdoul-Karim Dan-Azoumi, mit-12 ta' Diċembru 1986 u minn Aboubakar Mahamat, mill-1 ta' Jannar 2005. Il-fergħat jinkludu MINAiR, u SOFIA TP (Douala, il-Kamerun).

Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/une/5891200

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Bureau d'achat de Diamant en Centrafrique/KARDIAM ġie elenkat fl-20 ta' Awwissu 2015 skont il-paragrafu 12(d) tar-Riżoluzzjoni 2196 (2015) bħala li "pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar illegali u l-kummerċ ta' riżorsi naturali bħad-djamanti, id-deheb, kif ukoll l-annimali selvaġġi u l-prodotti tagħhom, fir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

BADICA/KARDIAM ipprovda appoġġ lil gruppi armati fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, jiġifieri dawk li kienu tas-Séléka u tal-milizzji anti-Balaka, permezz tal-isfruttar illeċitu u l-kummerċ tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti u d-deheb.

Il-*Bureau d'Achat de Diamant en Centrafrique* (BADICA) fl-2014 kompla jixtri djamanti minn Bria u Sam-Ouandja (Provinċja ta' Haute Kotto) fil-Lvant tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, fejn il-forzi preċedenti tas-Séléka jimponu taxxi fuq inġenji tal-ajru li jittrasportaw djamanti u jirċievu ħlas għas-sigurtà minn kollezzjonisti tad-djamanti. Ħafna mill-kollezzjonisti fornituri ta' BADICA fi Bria u Sam-Ouandja huma assoċjati mill-qrib ma' eks-kmandanti tas-Séléka.

F'Mejju 2014, l-awtoritajiet Belġjani żammew żewġ pakketti tad-djamanti mibgħuta lir-rappreżentanza ta' BADICA f'Antwerp, li hija rreġistrata uffiċjalment fil-Belġju bħala KARDIAM. Esperti tad-djamanti kkonkludew li d-djamanti miżmuma wisq probabbli kienu ta' oriġini Ċentru-Afrikana, u li kellhom karatteristiċi tipikament ta' Sam-Ouandja u Bria, kif ukoll Nola (Provinċja ta' Sangha Mbaéré), fil-Lbiċ tal-pajjiż.

In-negozjanti li kienu jixtru djamanti traffikati illegalment mir-Repubblika Ċentru-Afrikana lejn swieq barranin, inkluż mill-parti tal-Punent tal-pajjiż, operaw fil-Kamerun f'isem BADICA.

F'Mejju 2014, BADICA esporta wkoll deheb minn Yaloké (Ombella-Mpoko), fejn il-minjieri tad-deheb artiġjanali waqgħu taħt il-kontroll tas-Séléka sal-bidu ta' Frar 2014, meta l-gruppi anti-Balaka ħaduhom f'idejhom.

2. **LORD'S RESISTANCE ARMY (Psewdonimu: a) LRA b) Lord's Resistance Movement (LRM) c) Lord's Resistance Movement/Army (LRM/A)**

Indirizz: a) Vakaga, Repubblika Ċentru-Afrikana b) Haute-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana c) Basse-Kotto, Repubblika Ċentru-Afrikana d) Haut-Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana e) Mbomou, Repubblika Ċentru-Afrikana f) HautUolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo g) Bas-Uolo, Repubblika Demokratika tal-Kongo h) (Indirizz iddikjarat: Kafia Kingi (territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi determinat). F'Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 7 ta' Marzu 2016.

**Informazzjoni oħra:** Feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet. Kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali, inkluż mijiet fir-Repubblika Ċentru-Afrikana. Il-mexxej huwa Joseph Kony. Link elettroniku għall-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/une/5932344

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Il-Lord's Resistance Army ġiet elenkata fis-7 ta' Marzu 2016 skont il-paragrafi 12 u 13 (b), (c), u (d) tar-Riżoluzzjoni 2262 (2016) bħala li "ħadet sehem fi jew ipprovdiet appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA"; "li kienet involuta fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru l-liġi internazzjonali tad-drittijiet umani jew il-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet umani, fir-RĊA, inkluż atti li jinvolvu vjolenza sesswali, attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, attakki ta' natura etnika jew reliġjuża, attakki fuq skejjel u sptarijiet, u l-ħtif u ċ-ċaqliq sfurzat"; "li tirrekluta jew tuża tfal f'konflitti armati fir-RĊA, bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli"; u "li pprovda appoġġ lil gruppi armati jew lil netwerks kriminali permezz tal-isfruttar jew il-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali, inkluż id-djamanti, id-deheb, l-annimali selvaġġi u l-prodotti mill-annimali selvaġġi fi jew mir-RĊA".

***Informazzjoni addizzjonali:***

L-LRA feġġet fin-naħa ta' fuq tal-Uganda fit-tmeninijiet, u kienet involuta fis-sekwestru, il-qtil u l-mutilazzjoni ta' eluf ta' ċivili fl-Afrika Ċentrali. Taħt pressjoni militari dejjem tiżdied, Joseph Kony, il-mexxej tal-LRA, ordna lil-LRA biex tirtira mill-Uganda fl-2005 u l-2006. Minn dak iż-żmien, l-LRA qed topera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-RĊA, is-Sudan t'Isfel u allegatament is-Sudan.

Minn Diċembru 2013, l-LRA ħatfet, spostat, wettqet vjolenza sesswali kontra, u qatlet mijiet ta' individwi fir-RĊA, u serqet u qerdet proprjetà ċivili. Ikkonċentrata fil-Lvant tar-RĊA u allegatament f'Kafia Kingi, territorju fuq il-fruntiera bejn is-Sudan u s-Sudan t'Isfel li l-istatus finali tiegħu għad irid jiġi deċiż iżda kkontrollat mill-militar tas-Sudan, l-LRA tattakka villaġġi biex tisraq l-ikel u l-provvisti. Il-ġellieda jwettqu imbuskati biex jattakkaw lill-forzi tas-sigurtà u jisirqu t-tagħmir tagħhom meta dawn jirrispondu għall-attakki tal-LRA, u l-ġellieda tal-LRA jimmiraw u jisirqu wkoll villaġġi li m'għandhomx preżenza militari. L-LRA intensifikat ukoll l-attakki fuq siti ta' minjieri tad-deheb u d-djamanti.

Iċ-ċelel tal-LRA ta' spiss ikollhom magħhom priġunieri li huma mġiegħla jaħdmu bħala porters, kokijiet, u skjavi sesswali. L-LRA hija involuta fi vjolenza sessista inkluż stupri ta' nisa u bniet.

F'Diċembru 2013, l-LRA ssekwestrat għexieren ta' persuni f'Haute-Kotto. L-LRA allegatament kienet involuta fis-sekwestru ta' mijiet ta' ċivili fir-RĊA mill-bidu tal-2014 'l hawn.

Il-ġellieda tal-LRA attakkaw Obo, fil-Prefettura ta' Haut-Mbomou fil-Lvant tar-RĊA, f'diversi okkażjonijiet fil-bidu tal-2014.

L-LRA kompliet twettaq attakki f'Obo u postijiet oħra fix-Xlokk tar-RĊA bejn Mejju u Lulju 2014, inkluż attakki u sekwestri apparentement koordinati fil-Prefettura ta' Mbomou fil-bidu ta' Ġunju.

Sa mill-inqas l-2014, l-LRA kienet involuta fil-kaċċa illegali tal-iljunfanti u t-traffikar tal-iljunfanti għall-ġenerazzjoni tad-dħul. L-LRA allegatament tittraffika l-avorju mill-Park Nazzjonali ta' Garamba fit-Tramuntana tar-RDK lejn Darfur, biex tinnegozjah għal armi u provvisti. L-LRA allegatament tittrasporta n-nejbiet ta' iljunfanti kkaċċati illegament mir-RĊA għal Darfurfis-Sudan biex jinbiegħu. Barra minn hekk, kmieni fl-2014, Kony kien allegatament ordna lill-ġellieda tal-LRA jisirqu d-djamanti u d-deheb minn minaturi fil-Lvant tar-RĊA għat-trasportazzjoni lejn is-Sudan. Minn Jannar 2015, 500 element tal-Lord's Resistance Army ġew allegatament imkeċċija mis-Sudan.

Fil-bidu ta' Frar 2015, il-ġellieda tal-LRA armati b'armi b'saħħithom issekwestraw ċivili f'Kpangbayanga, Haut-Mbomou, u serqu prodotti tal-ikel.

F'April 20, 2015 , attakk mill-LRA u s-sekwestru ta' tfal minn Ndambissoua, fix-Xlokk tar-RĊA wasslu l-biċċa l-kbira tar-residenti tal-villaġġ biex jaħarbu. U fil-bidu ta' Lulju 2015, l-LRA attakkat diversi villaġġi fix-Xlokk tal-Prefettura ta' Haute-Kotto; l-attakki kienu jinvolvu serq, vjolenza kontra persuni ċivili, ħruq ta' djar, u ħtif.

Minn Jannar 2016 'l hawn, attakki attribwiti lil-LRA mmultiplikaw f'Mbomou Haut-Mbomou u Haute-Kotto li affettwaw b'mod partikolari ż-żoni tal-minjieri f'Haute-Kotto. Dawn l-attakki kienu jinvolvu s-serq, il-vjolenza kontra persuni ċivili, il-qerda ta' proprjetà u s-sekwestri. Dawn wasslu għal spostamenti tal-popolazzjoni, inkluż madwar 700 persuna li fittxew rifuġju fi Bria."

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/917

## tad-29 ta' Mejju 2017

## li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]).

(2) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/850 ([2]), li testendi l-miżuri restrittivi li jinsabu fid-Deċiżjoni 2013/255/PESK sal-1 ta' Ġunju 2017.

(3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sal-1 ta' Ġunju 2018.

(4) L-entrati għal ċerti persuni, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif jinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li jiġu aġġornati u emendati.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK u l-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ġunju 2018. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Tista tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandu jiġi emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

---

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p.14.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 tal-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 141, 28.5.2016, p.125).

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Parti A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taht:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "13. | Munzir (منذر) (magħruf ukoll bħala Mundhir, Monzer) Jamil Al-Assad (الأسد) | Data tat-twelid: 1 ta' Marzu 1961; Post tat-twelid: Kerdaha, Provinċja ta' Latakia; Passaporti Nru 86449 u 842781 | Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha. | 9.5.2011 |
| 37. | Brigadier Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) Shahadah (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada) | Post tat-twelid: Jablah, Provinċja ta' Latakia | Eks-Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) Fergħa 293 (Affarijiet Interni) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar Al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari. | 23.8.2011 |
| 53. | Adib (أديب) Mayaleh (ميالة) (magħruf ukoll bħala André Mayard) | Data tat-twelid: 15 ta' Mejju 1955; Post tat-twelid: Bassir | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur f'Lulju 2016). Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. Adib Mayaleh kien ukoll responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjoni tiegħu li kellu bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. | 15.5.2012 |
| 59. | Il-Ġenral Ghassan (غسان) Belal (بلال) | | Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-Raba' Diviżjoni. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja u involut f'bosta ksur tal-waqfien mill-ġlied f'Ghouta. | 14.11.2011 |
| 66. | Kifah (كفاح) Moulhem (ملحم) (magħruf ukoll bħala Moulhim, Mulhem, Mulhim) | | Kmandant ta' battaljun fir-Raba' diviżjoni. Nominat viċi kap tad-Diviżjoni tal-Intelligence Militari f'Lulju 2015. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deir ez-Zor. | 14.11.2011 |
| 106. | Dr Wael (وائل) Nader (نادر) Al –Halqi (الحلقي) (magħruf ukoll bħala Al-Halki) | Data tat-twelid: fl-1964; Post tat-twelid: Provinċja ta' Dara'a | Eks-Prim Ministru, fil-kariga sat-3 ta' Lulju 2016, u eks-Ministru għas-Saħħa. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 27.2.2012 |
| 109. | Imad (عماد) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Deeb Khamis (خميس) (magħruf ukoll bħala Imad Mohammad Dib Khamees) | Data tat-twelid: 1 ta' Awwissu 1961; Post tat-twelid: qrib Damasku | Prim Ministru u eks-Ministru għall-Elettriku. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.3.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 110. | Omar (عمر) Ibrahim (إبراهيم) Ghalawanji (غلاونجي) | Twieled: 1954;<br>Post tat-twelid: Tartous | Eks-Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet tas-Servizzi, eks-Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali, fil-kariga sat-3 ta' Lulju 2016. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.3.2012 |
| 117. | Adnan (عدنان) Hassan (حسن) Mahmoud (محمود) | Twieled: 1966;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ambaxxatur Sirjan għall-Iran. Eks-Ministru għall-Informazzjoni fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 23.9.2011 |
| 157. | Inġinier Bassam (بسام) Hanna (حنا) | | Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 162. | Dr Mahmoud (محمود) Ibraheem (إبراهيم) (magħruf ukoll bħala Ibrahim) Sa'iid (سعيد) (magħruf ukoll bħala Said, Sa'eed, Saeed) | | Eks-Ministru għat-Trasport fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 166. | Dr Lubana (لبانة) (magħrufa wkoll bħala Lubanah) Mushaweh (مشوح) (magħrufa wkoll bħala Mshaweh, Mshawweh, Mushawweh) | Twieldet fl-1955;<br>post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Kultura fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 168. | Omran (عمران) Ahed (عاهد) Al Zu'bi (الزعبي) (magħruf ukoll bħala Al Zoubi, Al Zo'bi, Al Zou'bi) | Twieled fis-27 ta' Settembru 1959;<br>Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Informazzjoni fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 170. | Najm (نجم) (magħruf ukoll bħala Nejm) Hamad (حمد) Al Ahmad (الأحمد) (magħruf ukoll bħala Al-Ahmed) | | Eks-Ministru għall-Ġustizzja fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 171. | Dr Abdul- Salam (عبد السلام عبدالسلام) Al Nayef (النايف) | | Eks-Ministru għas-Saħħa fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 173. | Dr Nazeera (نظيرة) (magħrufa wkoll bħala Nazira, Nadheera, Nadhira) Farah (فرح) Sarkees (سركيس) (magħrufa wkoll bħala Sarkis) | | Eks-Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ambjentali, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 176. | Abdullah (عبــــــدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Khaleel (خليــــل) (magħruf ukoll bħala Khalil) Hussein (حســـــين) (magħruf ukoll bħala Hussain) | | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 177. | Jamal (جمال) Sha'ban (شـــــعبان) (magħruf ukoll bħala Shaaban) Shaheen (شـــاهين) | | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 181. | Suleiman Al Abbas | | Eks-Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. | 24.6.2014 |
| 182. | Kamal Eddin Tu'ma | Data tat-twelid: 1959 | Eks-Ministru tal-Industrija fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 183. | Kinda al-Shammat (magħrufa wkoll bħala Shmat) | Data tat-twelid: 1973 | Eks-Ministru għall-Affarijiet Soċjali fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, taqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 184. | Hassan Hijazi | Data tat-twelid: 1964 | Eks-Ministru għax-Xogħol fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 185. | Ismael Ismael (magħruf ukoll bħala Ismail Ismail, jew Isma'Il Isma'il) | Twieled: 1955 | Eks-Ministru għall-Finanzi fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 186. | Dr Khodr Orfali (magħruf ukoll bħala Khud/Khudr Urfali/Orphaly) | Data tat-twelid: 1956 | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 187. | Samir Izzat Qadi Amin | Data tat-twelid: 1966 | Eks-Ministru għall-Kummerċ Intern u għall-Ħarsien tal-Konsumaturi fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 189. | Dr Malek Ali (magħruf ukoll bħala Malik) | Data tat-twelid: 1956 | Eks-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 191. | Dr Hassib Elias Shammas (magħruf ukoll bħala Hasib) | Data tat-twelid: 1957 | Eks-Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 1. | Houmam Jaza'iri (magħruf ukoll bħala Humam al-Jazaeri, Hammam al-Jazairi) | Twieled: 1977 | Eks-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 2. | Mohamad Amer Mardini (magħruf ukoll bħala Mohammad Amer Mardini) | Data tat-twelid: 1959; Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 3. | Mohamad Ghazi Jalali (magħruf ukoll bħala Mohammad Ghazi al-Jalali) | Data tat-twelid: 1969; Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 4. | Kamal Cheikha (magħruf ukoll bħala Kamal al-Sheikha) | Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Damasku | Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 5. | Hassan Nouri (magħruf ukoll bħala Hassan al-Nouri) | Data tat-twelid: 9.2.1960 | Eks-Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 7. | Khalaf Souleymane Abdallah (magħruf ukoll bħala Khalaf Sleiman al-Abdullah) | Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Deir ez-Zor | Eks-Ministru għax-Xogħol fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 9. | Hassan Safiyeh (magħruf ukoll bħala Hassan Safiye) | Data tat-twelid: 1949; Post tat-twelid: Latakia | Eks-Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 10. | Issam Khalil | Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Banias | Eks-Ministru għall-Kultura fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 11. | Mohammad Mouti' Mouayyad (magħruf ukoll bħala Mohammad Muti'a Moayyad) | Data tat-twelid: 1968;<br>Post tat-twelid: Ariha (Idlib) | Eks-Ministru tal-Istat fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 12. | Ghazwan Kheir Bek (magħruf ukoll bħala Ghazqan Kheir Bek) | Data tat-twelid: 1961;<br>Post tat-twelid: Latakia | Eks-Ministru għat-Trasport fil-poter wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks-Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 21.10.2014 |
| 217. | Atef Naddaf (عاطف نداف) | Data tat-twelid: 1956;<br>Post tat-twelid: Fil-kampanja ta' Damasku | Ministru għall-Edukazzjoni Gholja.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 218. | Hussein Makhlouf (magħruf ukoll bħala Makhluf) (حسين مخلوف) | Data tat-twelid: 1964;<br>Post tat-twelid: Lattakia;<br>Eks-Gvernatur tal-Governorat ta' Damasku | Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali.<br>Maħtur f'Lulju 2016.<br>Kuġin ta' Rami Makhlouf. | 14.11.2016 |
| 219. | Ali Al-Zafir (magħruf ukoll bħala al-Dafeer) (علي الظفير) | Data tat-twelid: 1962;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 220. | Ali Ghanem (علي غانم) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 221. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) Ramez Tourjman (magħruf ukoll bħala Tourjuman) (محمد رامز ترجمان) | Data tat-twelid: 1966;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Informazzjoni.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 222. | Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) al-Ahmed (magħruf ukoll bħala al-Ahmad) (محمد الأحمد) | Data tat-twelid: 1961;<br>Post tat-twelid: Lattakia | Ministru għall-Kultura.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 223. | Ali Hamoud (magħruf ukoll bħala Hammoud) (علي حمود) | Data tat-twelid: 1964;<br>Post tat-twelid: Tartous | Ministru għat-Trasport.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 224. | Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) Kharboutli (محمد زهير خربوطلي) | Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Elettriku.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 225. | Maamoun (magħruf ukoll bħala Ma'moun) Hamdan (مأمون حمدان) | Data tat-twelid: 1958;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Finanzi.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 226. | Nabil al-Hasan (magħruf ukoll bħala al-Hassan) (نبيـــل الحســـن) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Aleppo | Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 227. | Ahmad al-Hamu (magħruf ukoll bħala al-Hamo) (أحمد الحمــو) | Data tat-twelid: 1947 | Ministru għall-Industrija.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 228. | Abdullah al-Gharbi (magħruf ukoll bħala al-Qirbi) (عبدالله الغـــربى) | Data tat-twelid: 1962;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 229. | Abdullah Abdullah (عبدالله عبدالله) | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 230. | Salwa Abdullah (ســـلوى عبدالله) | Data tat-twelid: 1953;<br>Post tat-twelid: Quneitra | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 231. | Rafe'a Abu Sa'ad (magħruf ukoll bħala Saad) (رافـــع أبـــو ســـعد) | Data tat-twelid: 1954;<br>Post tat-twelid: ir-raħal ta' Habran (provinċja ta' Sweida) | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 232. | Wafiqa Hosni (وفيقـــــة حســـني) | Data tat-twelid: 1952;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru tal-Istat.<br>Maħtur f'Lulju 2016. | 14.11.2016 |
| 233. | Rima Al-Qadiri (magħruf ukoll bħala Al-Kadiri) (ريمـــا ة القـــادري) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Damasku | Ministru għall-Affarijiet Soċjali (minn Awwissu 2015). | 14.11.2016 |
| 236. | Saji' Darwish (magħruf ukoll bħala Saji Jamil Darwish; Sajee Darwish; Sjaa Darwis) (ســجي درويــش) | Data tat-twelid: 11 ta' Jannar 1957;<br>Grad: Maġġur Ġeneral, Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru | Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tad-Diviżjoni 22 tal-Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru, fil-kariga wara Mejju 2011.<br>Jaħdem fis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili: bħala uffiċjal bi grad għoli tal-Forzi Għarab Sirjani tal-Ajru u Kmandant tad-Diviżjoni 22 iġorr ir-responsabbiltà għall-użu ta' armi kimiċi minn inġenji tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tad-Diviżjoni 22, inkluż l-attakk fuq Talmenes li l-Mekkaniżmu Investigattiv Konġunt irrapporta li twettaq minn ħelikopters tar-reġim ibbażati fil-mitjar ta' Ħama. | 21.3.2017" |

2. Fil-Parti A ("Persuni"), jiddaħħlu l-entrati li ġejjin li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "239. | Hisham Mohammad Mamdouh al-Sha'ar | Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damasku (Sirja) | Ministru għall-Ġustizzja. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017 |
| 240. | Mohammad Samer Abdelrahman al-Khalil | | Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017 |
| 241. | Salam Mohammad al-Saffaf | Data tat-twelid: 1979. | Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv. Inħatar f'Marzu 2017. | 30.5.2017" |

3. Fil-Parti B ("Entitajiet"), l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata li tikkonċerna l-entità elenkata hawn taħt:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "36. | Ebla Petroleum Company magħrufa wkoll bħala Ebco | Head Office Mazzeh Villat Ghabia Dar Es Saada 16, P.O. Box 9120, Damasku, is-Sirja; Tel: +963 116691100 | Negozju bi sħab tal-GPC. Tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 23.1.2012" |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/918

## tat-23 ta' Mejju 2017

## li tidentifika lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

### 1. **DAĦLA**

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-Regolament IUU) jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, id-démarches fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, it-tneħħija mil-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, il-pubbliċità tal-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx u kull miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tidentifika lill-pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, jew milli jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jelimina s-sajd IUU.

(4) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-informazzjoni kollha kif stabbilit skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(5) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill għandu jistabbilixxi lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(6) Skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament IUU, il-prodotti tas-sajd għandhom jiġu importati lejn l-Unjoni biss meta jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tal-qbid f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(7) Skont l-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament IUU, iċ-ċertifikati tal-qbid ivvalidati minn Stat tal-bandiera partikolari jistgħu jiġu aċċettati biss jekk l-Istat jinnotifika lill-Kummissjoni bl-arranġamenti tiegħu għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamentazzjonijiet u l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li jridu jiġu osservati mill-bastimenti tas-sajd tagħhom.

(8) Saint Vincent u l-Grenadini ma ppreżentax lill-Kummissjoni n-notifika tiegħu bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 20 tar-Regolament IUU.

(9) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera fuq livell amministrattiv ma' pajjiżi terzi fl-oqsma relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-qbid ta' dak ir-Regolament.

(10) Abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien hemm indikazzjonijiet qawwija li Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jaqdi d-dmirijiet, li huwa responsabbli milli jwettaq skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, sabiex jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jelimina s-sajd IUU.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(11) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għaldaqstant iddeċidiet, bid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ([2]), li tinnotifika lil Saint Vincent u l-Grenadini dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament IUU.

(12) Id-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 inkludiet informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom hija bbażata tali identifikazzjoni.

(13) Id-Deċiżjoni ġiet innotifikata lil Saint Vincent u l-Grenadini flimkien ma' ittra li tistieden lil Saint Vincent u l-Grenadini biex jimplimenta, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, pjan ta' azzjoni biex jirrettifika n-nuqqasijiet identifikati.

(14) Il-Kummissjoni stiednet lil Saint Vincent u l-Grenadini b'mod partikolari: (i) biex jieħu l-miżuri meħtieġa kollha għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit mill-Kummissjoni; (ii) biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit mill-Kummissjoni; u (iii) biex kull sitt xhur jibgħat rapport dettaljat lill-Kummissjoni li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' kull azzjoni fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-effettività individwali u/jew kumplessiva tiegħu sabiex jiżgura sistema ta' kontroll tas-sajd li tkun konformi b'mod sħiħ.

(15) Saint Vincent u l-Grenadini ngħata l-opportunità biex iwieġeb għad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 kif ukoll għal informazzjoni oħra rilevanti kkomunikata mill-Kummissjoni, li tippermettilu jippreżenta evidenza li tikkontradixxi jew li tikkompleta l-fatti msemmija fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014. Saint Vincent u l-Grenadini ġie żgurat dwar id-dritt tiegħu li jitlob, jew jipprovdi, informazzjoni addizzjonali.

(16) Għalhekk, permezz tad-Deċiżjoni tagħha u l-ittri tagħha tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni fetħet proċess ta' djalogu ma' Saint Vincent u l-Grenadini u indikat li fil-prinċipju kkunsidrat li perjodu ta' sitt xhur ikun biżżejjed sabiex jintlaħaq ftehim.

(17) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li hija qieset bħala meħtieġa. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub ippreżentati minn Saint Vincent u l-Grenadini wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ġew ikkunsidrati u meqjusa. Saint Vincent u l-Grenadini nżamm infurmat, bil-fomm jew bil-miktub, dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(18) Saint Vincent u l-Grenadini ma indirizzax b'mod suffiċjenti l-oqsma tat-tħassib u n-nuqqasijiet deskritti fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u naqas ukoll milli jimplimenta b'mod sħiħ il-miżuri ssuġġeriti fil-Pjan ta' Azzjoni li akkumpanja d-Deċiżjoni.

## 2. PROĊEDURA FIR-RIGWARD TA' SAINT VINCENT U L-GRENADINI

(19) Fit-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lil Saint Vincent u l-Grenadini, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, li kienet qed tikkunsidra l-possibbiltà li tidentifika lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax.

(20) Il-Kummissjoni ssuġġeriet lil Saint Vincent u l-Grenadini biex, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tagħha, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex jikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014.

(21) In-nuqqasijiet ewlenin identifikati mill-Kummissjoni kienu relatati ma' diversi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi tad-dritt internazzjonali, marbuta b'mod partikolari mal-adozzjoni ta' qafas legali adegwat, in-nuqqas ta' sistema ta' monitoraġġ adegwata u effiċjenti, in-nuqqas ta' skema ta' osservaturi u ta' programm ta' spezzjoni, in-nuqqas ta' proċeduri ċari u trasparenti għar-reġistrazzjoni u l-ħruġ tal-liċenzji tas-sajd u n-nuqqas ta' sistema ta' sanzjonijiet ta' deterrent. Nuqqasijiet identifikati oħrajn jikkonċernaw, b'mod aktar ġenerali, il-konformità ma' obbligi internazzjonali inkluż rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs). Ġie identifikat ukoll nuqqas ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-korpi rilevanti bħall-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni kontra s-sajd Illegali, Mhux Iddikjarat u Mhux Regolat tan-Nazzjonijiet Uniti tal-FAO (IPOA-IUU) u l-Linji Gwida dwar il-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera tal-FAO. Madankollu, in-nuqqas ta' konsistenza ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti tqies biss bħala evidenza ta' sostenn u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 453, 17.12.2014, p. 5).

(22) Permezz tal-ittra tiegħu bid-data tat-2 ta' Frar 2015, Saint Vincent u l-Grenadini għarraf lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti istituzzjonali stabbiliti sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014.

(23) Fil-11 ta' Frar 2015, saru konsultazzjonijiet tekniċi bejn il-Kummissjoni u Saint Vincent u l-Grenadini fil-Panama.

(24) Fit-13 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini organizzaw konferenza telefonika bħala segwitu fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

(25) Fis-7 ta' Awwissu 2015, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini ppreżentaw dokument li jelenka l-azzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-prevenzjoni tas-sajd IUU. Madankollu, permezz ta' dik il-komunikazzjoni, l-awtoritajiet ħabbru li l-approvazzjoni finali tal-maġġoranza tad-dokumenti elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni kienet qed tiġi posposta.

(26) Fit-2 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Ministru tal-Agrikoltura, it-Trasformazzjoni Rurali, il-Forestrija u s-Sajd ta' Saint Vincent u l-Grenadini li fiha ġie ddikjarat li ma kien hemm l-ebda evidenza ċara li l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini kienu indirizzaw in-nuqqasijiet li wasslu sabiex jiġi identifikat minn qabel bħala pajjiż li ma jikkooperax u fejn ġie ssuġġerit li għandu jitkompla d-djalogu permezz ta' żjara ta' djalogu fuq il-post.

(27) Fit-28 ta' Ottubru 2015, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini wieġbu għal dik l-ittra billi ppreżentaw rapport dwar il-progress li ma kien fih l-ebda element ieħor meta mqabbel mad-dokument imsemmi fil-premessa 25.

(28) Permezz ta' ittra mibgħuta fis-16 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni enfasizzat in-nuqqas ta' progress ta' Saint Vincent u l-Grenadini fl-indirizzar tal-Pjan ta' Azzjoni wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014.

(29) Fid-19 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini li taqsam l-informazzjoni miġbura fir-rigward tal-attività tal-bastiment tas-sajd elenkat bħala IUU Asian Warrior, magħruf ukoll bħala Kunlun u Taishan, u li titlob aktar informazzjoni fir-rigward tal-proċess tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti taħt il-bandiera tagħhom.

(30) Fi Frar tal-2016, il-Kummissjoni wettqet żjara ta' djalogu bil-għan li tiddiskuti l-progress miksub mid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014. Iż-żjara kkonfermat in-nuqqasijiet li fadal fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fid-Deċiżjoni.

(31) F'Marzu tal-2016, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini ppreżentaw: (i) abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra s-sajd IUU (NPOA-IUU) u (ii) abbozz ta' Memorandum ta' Fehim bejn iż-żewġ awtoritajiet nazzjonali involuti fir-regolamentazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, id-Diviżjoni tas-Sajd u d-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Marittima. Fl-ittra tat-3 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini li l-kontenut ta' dawk id-dokumenti jista' ma jkunx konformi mar-responsabbiltajiet tiegħu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera li jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU. Barra minn hekk, l-ittra enfasizzat li kien hemm nuqqas ċar ta' żmien biex fih jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni.

(32) Permezz ta' ittra tat-3 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini biex jipprovdu informazzjoni dwar il-bastiment tas-sajd Gotland, bil-bandiera tal-pajjiż, li huwa preżunt li wettaq attivitajiet tas-sajd mingħajr liċenzja valida f'ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali tas-Senegal u li rrifjuta li jikkonforma ma' ordnijiet mogħtija mill-awtoritajiet Senegaliżi ([3]).

(33) F'Ġunju tal-2016, Saint Vincent u l-Grenadini ssieħeb mal-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port.

(34) Fil-15 ta' Lulju 2016, intbagħat messaġġ ta' tfakkira permezz ta' e-mail lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini fejn dawn ġew imħeġġa biex jieħdu passi attivi fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU u biex jikkoreġu n-nuqqasijiet fl-oqfsa legali u amministrattivi tas-sajd.

([3]) http://www.lesoleil.sn/2016-03-22-23-21-32/item/53178-peche-illicite-dans-les-eaux-senegalaise-en-fuite-le-navire-gotland-imo-arraisonne-en-espagne.html

(35) Din il-komunikazzjoni kienet segwita minn ittra li ntbagħtet lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini fl-24 ta' Ottubru 2016, li l-awtoritajiet ikkonfermaw li waslet fl-istess ġurnata.

## 3. IDENTIFIKAZZJONI TA' SAINT VINCENT U L-GRENADINI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(36) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni rrevediet il-konformità ta' Saint Vincent u l-Grenadini mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq. Għall-finijiet ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Miżuri li ttieħdu fir-rigward tar-rikorrenza tal-Bastimenti IUU u l-flussi tal-kummerċ (Artikolu 31(4) tar-Regolament IUU)

(37) Abbażi ta' informazzjoni disponibbli pubblikament, il-Kummissjoni stabbiliet li fl-2015 u l-2016 kien hemm mill-inqas żewġ bastimenti bil-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini li kienu involuti f'attivitajiet tas-sajd IUU ([4]).

(38) F'Awwissu tal-2015, il-bastiment tas-sajd Asian Warrior, magħruf ukoll bħala Kunlun u Taishan, ġie rreġistrat bħala bastiment refriġeratur tal-merkanzija bil-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini. F'Settembru tal-2015 il-bastiment, li qabel kien ġie miżmum fit-Tajlandja minħabba li sostna b'mod falz li kien qed itajjar il-bandiera tal-Indoneżja, ħareġ mill-port ta' Phuket, it-Tajlandja, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet rilevanti. Qabel dan il-bastiment kien ingħata 80 000 litru ta' karburant u l-istivi tiegħu ġew mgħobbija mill-ġdid bil-pixxisinna li kien ġie trażbordat qabel fit-Tajlandja. F'Diċembru tal-2015, l-awtoritajiet Senegaliżi żammew il-bastiment.

(39) Fit-8 ta' Frar 2016, permezz ta' ordni tal-persuna ġuridika li tinsab barra Saint Vincent u l-Grenadini, li lilha kienet ġiet delegata l-ġestjoni tar-reġistru, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini neħħew il-bastiment mir-reġistru tal-bastimenti ta' Saint Vincent u l-Grenadini minħabba "użu ħażin taċ-ċertifikati tar-reġistru li ma kinux validi għan-navigazzjoni". Billi l-Asian Warrior kien involut f'bosta attivitajiet IUU meta opera bil-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini, inkluż id-dħul ta' qbid illegali fis-suq, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini ma ħadu l-ebda miżura amministrattiva jew penali f'dan ir-rigward għajr it-tneħħija tal-bastiment mir-reġistru nazzjonali. Barra minn hekk, mill-2003 l-bastiment Asian Warrior ġie inkluż fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) u fit-13 ta' Jannar 2015 l-INTERPOL ħareġ Notifika Vjola li ġiet aġġornata l-aħħar fid-29 ta' Settembru 2015.

(40) Id-deċiżjoni amministrattiva sempliċi li bastiment tas-sajd jitneħħa mir-reġistru mingħajr ma tkun żgurata l-possibbiltà li jiġu imposti pieni oħra hija att li ma jiżgura l-ebda effett ta' deterrent. It-tneħħija mir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd ma tiżgurax li min jikser il-liġi jiġi sanzjonat għall-azzjonijiet tiegħu u jiġi mċaħħad mill-benefiċċji tal-azzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' reazzjoni xierqa minn Saint Vincent u l-Grenadini u n-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-port ikkonċernati mhumiex konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port biex Jipprevjenu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Regolat.

(41) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda komunikazzjoni mill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini li tipprovdi informazzjoni fir-rigward ta' Asian Warrior.

(42) Mill-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni, il-bastiment bil-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini, Gotland ([5]), ġie rrappurtat li fi Frar tal-2016 kien qed jistad mingħajr awtorizzazzjoni fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tas-Senegal. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet Senegaliżi taw l-ordni biex isegwu u jżommu l-bastiment li ħarab. Minħabba li dawk l-attivitajiet jikkostitwixxu ksur tal-Kodiċi tas-Sajd Marittimu Senegaliż ([6]), l-awtoritajiet Senegaliżi ssanzjonaw il-bastiment tas-sajd Gotland b'multa ta' CFA 1 030 000 000 ([7]).

([4]) Ara n-Notifika Vjola tal-Interpol Nru 248 tat-13 ta' Jannar 2015, https://www.ccamlr.org/en/compliance/non-contracting-party-iuu-vessel-list u n-nota f'qiegħ il-paġna 13
([5]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna
([6]) Att Nru 2015-18 tat-13 ta' Lulju 2015
([7]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna

(43) Wara talba ta' assistenza mill-awtoritajiet Senegaliżi, il-Kummissjoni daħlet f'kuntratt mal-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini b'mod partikolari biex tenfasizza l-importanza li Saint Vincent u l-Grenadini jieħu l-miżuri xierqa fir-rigward ta' dak il-bastiment. S'issa, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba minn Saint Vincent u l-Grenadini u ma ġietx mgħarrfa bi kwalunkwe tweġiba għat-talbiet għal assistenza reċiproka mibgħuta mill-Istati Membri fil-qafas tal-Artikolu 51 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni ġiet ukoll mgħarrfa li xi pajjiżi terzi ħadu inizjattivi simili. Il-Kummissjoni ma ġietx mgħarrfa minn kwalunkwe sors ieħor bi kwanlunkwe miżura li qed tittieħed minn Saint Vincent u l-Grenadini fir-rigward tal-bastiment ikkonċernat.

(44) Fir-rigward tal-informazzjoni stipulata fil-premessi 37 sa 43, il-Kummissjoni tikkunsidra li Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu bħala Stat tal-bandiera biex jipprevjeni lill-flotta tiegħu milli tinvolvi ruħha f'attivitajiet IUU. F'dan il-kuntest huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS, l-Istat tal-bandiera jrid jeżerċita l-ġuriżdizzjoni skont il-liġi interna fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, inkluż fuq l-azzjonijiet tal-kaptan, tal-uffiċjali u tal-ekwipaġġ abbord. Huwa nnotat li skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS, l-Istat tal-bandiera għandu d-dmir li jieħu, jew li jikkoopera ma' Stati oħra biex jittieħdu, miżuri bħal dawn għaċ-ċittadini rispettivi tiegħu skont kif ikun meħtieġ għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin fl-ibħra miftuħa.

(45) Skont l-Artikolu 31(4)(b) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-miżuri li Saint Vincent u l-Grenadini ħa fir-rigward tal-aċċess fis-suq tiegħu ta' prodotti tal-ħut li ġejjin minn sajd IUU. L-IPOA IUU jipprovdi gwida fuq miżuri relatati mas-suq miftiehma fil-livell internazzjonali li tappoġġa t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-kummerċ tal-ħut u tal-prodotti tal-ħut li jkunu ġejjin minn sajd IUU. Fil-punt 71 l-IPOA IUU jissuġġerixxi wkoll li l-Istati jeħtieġ li jieħdu passi biex itejbu t-trasparenza tas-swieq tagħhom sabiex jippermettu t-traċċabbiltà tal-ħut jew tal-prodotti tal-ħut. Bl-istess mod, il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-FAO (il-Kodiċi ta' Kondotta) jiddeskrivi, b'mod partikolari fl-Artikolu 11, il-prattiki tajbin għall-attivitajiet ta' wara l-ħsad u l-kummerċ internazzjonali responsabbli. L-Artikolu 11.1.11 ta' dak il-Kodiċi ta' Kondotta jitlob lill-Istati biex jiżguraw li l-ħut u l-prodotti tas-sajd jiġu nnegozjati fuq livell internazzjonali u fuq livell domestiku skont prattiki ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni sodi permezz ta' titjib fl-identifikazzjoni tal-oriġini tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd.

(46) Matul iż-żewġ żjarat imwettqa f'Saint Vincent u l-Grenadini f'Mejju tal-2014, kif imsemmi fil-premessa (9) tad-Deċiżjoni tat-12 ta Diċembru 2014, u fi Frar tal-2016, il-Kummissjoni stabbiliet li l-awtoritajiet kompetenti ta' Saint Vincent u l-Grenadini ma kinux f'pożizzjoni li jiżguraw kontroll xieraq tal-attivitajiet tal-flotta tas-sajd tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti ta' Saint Vincent u l-Grenadini ssottomettew li l-bastimenti tas-sajd tagħhom kollha li joperaw fiż-żona ICCAT iħottu l-art jew jittrażbordaw esklussivament fil-Portijiet ta' Trinidad u Tobago (Port ta' Spanja u Chaguaramas). Madankollu, minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-Trinidad u Tobago, Saint Vincent u l-Grenadini mhuwiex f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li joperaw bil-bandiera tiegħu fl-ibħra miftuħa jew dwar il-prodotti tas-sajd li nħattu l-art jew ġew trażbordati fil-portijiet tat-Trinidad u Tobago u dwar il-flussi tal-kummerċ ta' dawn il-prodotti. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini jonqsu milli jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Istati tal-port bi ksur tal-Artikolu 20 tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port biex Jipprevjenu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Regolat.

(47) Barra minn hekk, kif deskritt fil-premessa 38, l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini naqsu milli jipprevjenu prodotti tas-sajd li ġejjin mis-sajd IUU milli jinħattu fil-portijiet, bir-riskju konsegwenti li dawk il-prodotti jingħataw aċċess fis-suq.

(48) Abbażi tal-informazzjoni miksuba waqt iż-żjarat fuq il-post, il-Kummissjoni tqis li Saint Vincent u l-Grenadini mhuwiex f'pożizzjoni li jiggarantixxi t-trasparenza tas-swieq tiegħu b'mod li jippermetti t-traċċabbiltà tal-ħut jew tal-prodotti tal-ħut kif meħtieġ fil-punt 71 tal-IPOA IUU u l-Artikolu 11.1.11 tal-Kodiċi tal-Kondotta tal-FAO. F'dan ir-rigward, jidher li Saint Vincent u l-Grenadini jonqos milli jikkonforma mal-obbligu tal-Istat tal-port, stabbilit fl-Artikolu 23 tal-UNFSA, li jieħu azzjoni biex jippromwovi l-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni internazzjonali, inklużi l-ispezzjonijiet fil-port ta' dokumenti, irkapti jew qabdiet u l-projbizzjoni ta' ħatt l-art jew ta' trażbord fejn ikun ġie stabbilit li l-qabda kienet saret b'mod li jimmina l-effettività ta' dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni internazzjonali.

(49) Fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew wara t-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni tqis li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4) tar-Regolament IUU, Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tas-sajd IUU li jsir jew li jiġi appoġġat minn bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jew minn ċittadini tiegħu, u li l-pajjiż ma ħax azzjoni suffiċjenti sabiex jipprevjeni l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw minn sajd IUU milli jidħlu fis-suq tiegħu.

3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)**

(50) Kif deskritt fil-premessa 20 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni analizzat jekk Saint Vincent u l-Grenadini kkooperax b'mod effettiv mal-Kummissjoni dwar investigazzjonijiet u attivitajiet assoċjati u kkonkludiet li Saint Vincent u l-Grenadini ma pprovda l-ebda informazzjoni jew tweġiba lill-Kummissjoni dwar kif se jindirizza n-nuqqasijiet fis-sistema tal-ġestjoni tas-sajd tiegħu identifikati waqt iż-żjara tal-Kummissjoni. Wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni sabet li l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini ma taw l-ebda reazzjoni għat-talbiet ta' kooperazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd illegali tal-bastimenti Asian Warrior u Gotland. Abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni, ġie stabbilit li dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni affettwa wkoll talbiet għall-assistenza mibgħuta minn Stati Membri u minn pajjiżi terzi lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini fil-kuntest tal-investigazzjonijiet u l-attivitajiet assoċjati.

(51) Barra minn hekk, id-dokumenti ppreżentati lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ma wasslu għal ebda azzjoni konkreta.

(52) Barra minn hekk, fil-valutazzjoni ta' jekk Saint Vincent u l-Grenadini kkonformax mal-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk dan ikkooperax ma' Stati oħra fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(53) Abbażi tal-informazzjoni miksuba matul iż-żjarat fuq il-post li saru f'Mejju tal-2014 u fi Frar tal-2016 u mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi kostali, il-Kummissoni stabbiliet li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini li joperaw fiż-żona tal-ICCAT iħottu l-art u jittrażbordaw fil-portijiet tat-Trinidad u Tobago. L-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini rrikonoxxew li l-gvern tagħhom ma kkooperax formalment mal-awtoritajiet tat-Trinidad u Tobago. F'dan ir-rigward, ma sar l-ebda progress mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014.

(54) Is-sitwazzjoni deskritta fil-premessa 53 tindika li Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jikkoopera u jikkoordina attivitajiet ma' pajjiżi terzi, li fihom bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Vincent u l-Grenadini jħottu u jittrażbordaw, sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU kif meħtieġ mill-punt 28 tal-IPOA IUU. Barra minn hekk, Saint Vincent u l-Grenadini ma għamel l-ebda ftehim jew arranġament ma' Stati oħra u lanqas ma kkoopera b'xi mod ieħor għall-infurzar tal-liġijiet applikabbli u l-miżuri jew dispożizzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew globali, kif stabbilit fil-punt 31 tal-IPOA IUU.

(55) Kif spjegat fil-premessa 25 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk Saint Vincent u l-Grenadini kienx ħa miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward ta' operaturi responsabbli għas-sajd IUU, u jekk ġewx applikati sanzjonijiet severi biżżejjed biex min jikser il-liġi jiġi mċaħħad mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd IUU. L-evidenza disponibbli tikkonferma li Saint Vincent u l-Grenadini ma ssodisfax l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali fir-rigward ta' miżuri effikaċi ta' infurzar.

(56) Saint Vincent u l-Grenadini ma żviluppa l-ebda strateġija nazzjonali dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-flotta tas-sajd tiegħu, u l-ispezzjonijiet u l-iskemi ta' osservaturi. Kif enfasizzat fil-premessa 27 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, matul iż-żjara fuq il-post li saret Mejju tal-2014, il-Kummissjoni setgħet tosserva li Saint Vincent u l-Grenadini ma kienx f'pożizzjoni li jimmonitorja l-bastimenti tiegħu li joperaw fl-ibħra miftuħa, fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi jew li jidħlu f'portijiet ta' pajjiżi terzi. Matul iż-żjara fuq il-post li saret fi Frar tal-2016, il-Kummissjoni setgħet tivverifika li Saint Vincent u l-Grenadini ma kienx irrimedja għan-nuqqas fil-monitoraġġ tal-flotta u b'hekk naqas milli jissodisfa l-Artikolu 94 tal-UNCLOS li jipprevedi li Stat tal-bandiera għandu jeżerċita l-ġuriżdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu għal kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u l-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ tiegħu. Saint Vincent u l-Grenadini kiser ukoll l-Artikolu 18(3) tal-UNFSA li jistipula l-miżuri li għandhom jittieħdu minn Stat fir-rigward ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. Barra minn hekk, Saint Vincent u l-Grenadini ma jissodisfax l-obbligi tiegħu ta' konformità u ta' infurzar bħala Stat tal-bandiera stipulati fl-Artikolu 19 tal-UNFSA billi naqas milli juri li aġixxa u opera skont ir-regoli dettaljati stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(57) Il-qafas legali għall-ġestjoni tal-flotta ta' Saint Vincent u l-Grenadini, li hu bbażat fuq l-Att dwar l-Ibħra Miftuħa tal-2001 u r-Regolament dwar is-Sajd fl-Ibħra Miftuħa tal-2003, ma jinkludix definizzjoni tal-attivitajiet tas-sajd IUU. Barra minn hekk, il-qafas legali attwali ma fihx definizzjoni ta' ksur serju u lista komprensiva ta' reati serji li għandhom jiġu indirizzati b'sanzjonijiet severi proporzjonati. Għaldaqstant, is-sistema tas-sanzjonijiet kif inhi llum mhijiex komprensiva u severa biżżejjed biex tikseb il-funzjoni tagħha ta' deterrent. L-indirizzar ta' ksur u ta' ksur serju mhuwiex adegwat biex jiżgura l-konformità, biex jiskoraġġixxi l-ksur tal-liġi kull fejn dan iseħħ u biex iċaħħad lil min jikser il-liġi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali tagħhom, kif mitlub fil-punt 21 tal-IPOA IUU u fil-punt 38 tal-Linji Gwida tal-FAO għall-Prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera.

(58) Kif enfasizzat fil-premessi 30 u 31 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-livell ta' żvilupp ta' Saint Vincent u l-Grenadini ma jistax jitqies bħala fattur li jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw ma' pajjiżi oħra u jieħdu azzjonijiet ta' infurzar. L-evalwazzjoni dwar il-limitazzjonijiet speċifiċi għall-iżvilupp hija deskritta aktar fil-premessi 66 sa 67 ta' din id-Deċiżjoni.

(59) Fid-dawl tal-premessi 19 sa 31 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u tal-iżviluppi li seħħew wara t-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5)(a), (b), (c) u (d) tar-Regolament IUU, Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-isforzi ta' infurzar.

### 3.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU).**

(60) Kif deskritt fil-premessi 34 sa 39 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni wettqet analiżi dwar l-informazzjoni meqjusa rilevanti minn dejta disponibbli ppubblikata mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u b'mod partikolari mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT). Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet analiżi tal-informazzjoni meqjusa rilevanti fir-rigward tal-istatus ta' Saint Vincent u l-Grenadini bħala parti kontraenti tal-ICCAT wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014.

(61) Għandu jiġi nnotat li l-flotta ta' Saint Vincent u l-Grenadini għandha fil-mira t-tonn u l-ispeċijiet l-oħra li jpassu ħafna fiż-żona tal-ICCAT. Huwa u jagħmel dan, Saint Vincent u l-Grenadini għandu jikkoopera mal-ICCAT, l-RFMO kompetenti f'dik iż-żona u għal dawk l-ispeċijiet. Madankollu, minkejja l-fatt li Saint Vincent u l-Grenadini huwa parti kontraenti għall-ICCAT, il-pajjiż mhux qed jissodisfa d-dmir, li huwa responsabbli għalih bħala Stat tal-bandiera skont l-Artikolu 117 tal-UNCLOS, li jadotta, fir-rigward taċ-ċittadini tiegħu, il-miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar miftuħ.

(62) Kif indikat fil-premessi 35 sa 38, bejn l-2011 u l-2013, l-ICCAT ħarġet bosta ittri indirizzati lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini. Wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, fl-2016 l-ICCAT reġgħet ippreżentat ittra ta' tħassib lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini li tenfasizza n-nuqqasijiet identifikati fil-laqgħa tal-ICCAT fl-2015, jiġifieri d-dewmien fil-preżentazzjoni ta' (i) ir-rapport annwali, (ii) il-pjan tal-ġestjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana u (iii) it-tabelli tal-konformità. F'din l-ittra, l-ICCAT talbet ukoll lill-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini biex jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pajjiż tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 12-05 dwar il-konformità mal-miżuri eżistenti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-klieb il-baħar. Barra minn hekk, l-ICCAT irrapportat in-nuqqas ta' rispons għall-ittri tat-tħassib.

(63) Fl-aħħar, Saint Vincent u l-Grenadini ma adottax Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali biex jiġġieled kontra s-Sajd IUU kif rakkomandat fil-punt 25 tal-IPOA IUU.

(64) Kif indikat fil-premessa 39 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Forestrija u s-Sajd ta' Saint Vincent u l-Grenadini mhuwiex f'pożizzjoni li jassigura r-rabta ġenwina bejn l-Istat u l-bastimenti bil-bandiera tal-pajjiż kif meħtieġ minn 91 tal-UNCLOS.

(65) Fid-dawl tal-premessi 35 sa 39 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u l-iżviluppi sussegwenti, il-Kummissjoni tikkunsidra, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamentazzjonijiet, kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. **Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU)**

(66) Huwa mfakkar li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti [8], Saint Vincent u l-Grenadini jitqies bħala pajjiż bi żvilupp għoli tal-bniedem (fis-97 post minn 188 pajjiż). Ta' min ifakkar ukoll li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [9], Saint Vincent u l-Grenadini huwa elenkat fil-kategorija ta' Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Għoli.

[8] Informazzjoni miksuba minn http://hdr.undp.org/en/statistics

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

(67) Kif deskritt fil-premessa 42 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ma nstabet l-ebda evidenza ta' korroborazzjoni li tissuġġerixxi li n-nuqqas ta' Saint Vincent u l-Grenadini milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali huwa riżultat ta' limitazzjonijiet fl-iżvilupp. Bl-istess mod, ma teżisti l-ebda evidenza konkreta li tikkorrelata n-nuqqasijiet żvelati fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd man-nuqqas ta' kapaċitajiet u ta' infrastruttura. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-awtoritajiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini ma invokaw l-ebda argument dwar il-limitazzjonijiet tal-iżvilupp u sostnew li l-amministrazzjoni tagħhom għandha livell ta' effiċjenza li huwa ġeneralment tajjeb.

(68) Fid-dawl tal-premessi 41, 42 u 43 tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u l-iżviluppi wara t-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, l-istatus ta' żvilupp u l-prestazzjoni kumplessiva ta' Saint Vincent u l-Grenadini fir-rigward tas-sajd mhumiex imxekkla minn dan il-livell ta' żvilupp.

## 4. KONKLUŻJONI DWAR L-IDENTIFIKAZZJONI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(69) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tan-nuqqas ta' Saint Vincent u l-Grenadini milli jaqdi dmirijietu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq, u biex jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU, dak il-pajjiż jenħtieġ li jiġi identifikat, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li huwa pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(70) B'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament IUU, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma marbuta li jirrifjutaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu xi evidenza addizzjonali jew jibagħtu talba għal assistenza lill-Istat tal-bandiera meta jsiru konxji li ċ-ċertifikat tal-qabda jkun ġie vvalidat mill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera identifikat bħal Stat li ma jikkooperax f'konformità mal-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament.

(71) Jenħtieġ li jiġi ddikjarat li l-identifikazzjoni ta' Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperax ma tipprekludi l-ebda pass sussegwenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill għall-finijiet tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

## 5. KUMITAT TA' PROĊEDURA

(72) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Saint Vincent u l-Grenadini huwa identifikat bħala pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/919

## tad-29 ta' Mejju 2017

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1942 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013– il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/1017 jagħti r-responsabbiltà lill-Kummissjoni li toħloq, bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI). Il-PEPI huwa portal tal-web disponibbli pubblikament ta' proġetti ta' investiment li jaġixxi bħala pjattaforma biex jippromwovi proġetti lil investituri potenzjali mad-dinja kollha.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet tal-PEPI ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1942 ([2]).

(3) L-esperjenza miksuba fil-ġestjoni tal-PEPI tindika li ċerti dispożizzjonijiet għandhom jiġu emendati, l-aktar biex tattira aktar proġetti minn promoturi ta' proġetti iżgħar, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, f'konformità mal-objettiv tal-Unjoni Ewropea biex tappoġġa l-SMEs u l-intraprenditorija. Għalhekk l-ispiża minima tal-proġett għandha titnaqqas minn EUR 5 miljun għal EUR 1 miljun.

(4) Biex tiżdied l-attrattività tal-PEPI u biex jittaffa l-ħlas appoġġat mill-promoturi tal-proġetti b'mod mhux diskriminatorju u b'hekk tingħata spinta lill-PEPI għal għadd ikbar ta' proġetti ppubblikati, tariffa tal-ipproċessar tal-applikazzjoni m'għandhiex tiġi imposta lil xi promoturi ta' proġetti. L-iskrinjar tal-proġetti stabbilit fit-Taqsima 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1942 għandu jibqa' fis-seħħ biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni ta' proġetti ta' kwalità fil-PEPI.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1942 tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-proġett (jew il-programm li jikkonsisti minn proġetti iżgħar) ikollu kost minimu totali tal-proġett ta' EUR 1 000 000;"

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*

L-ebda tariffa tal-ipproċessar tal-applikazzjoni m'għandha tiġi imposta."

(3) It-Taqsima 4 tal-Anness titħassar.

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1942 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1214 (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 86).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT